Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 24 ta' Jannar 2018**
**(OR. en)**

**5356/18**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2016/0375 (COD)**

**CODEC 46**
**ENER 20**
**CLIMA 6**
**IA 15**
**PE 4**

**NOTA TA' INFORMAZZJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, li jemenda d-Direttiva 94/22/KE, id-Direttiva 98/70/KE, id-Direttiva 2009/31/KE, ir-Regolament (KE) Nru 663/2009, ir-Regolament (KE) Nru 715/2009, id-Direttiva 2009/73/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE, id-Direttiva 2010/31/UE, id-Direttiva 2012/27/UE, id-Direttiva 2013/30/UE u d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013<br>- Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew<br>(Strasburgu, mill-15 sat-18 ta' Jannar 2018) |

## I INTRODUZZJONI[1]

Ir-Rapporteurs, is-Sinjura Michèle RIVASI (Ħodor/AĦE, FR) u s-Sur Claude TURMES (Ħodor/AĦE, LU) ippreżentaw rapport li jikkonsisti minn 285 emenda (l-emendi 1-285) għall-proposta għal Regolament, f'isem il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel.

Barra minn hekk, il-gruppi politiċi ressqu l-emendi li ġejjin: PPE, S&D, ALDE u l-Ħodor/AĦE ressqu flimkien erba' emendi (l-emendi 291-294) u S&D u l-Ħodor/AĦE ressqu flimkien emenda waħda (l-emenda 307). Il-grupp PPE ressaq tnax-il emenda (l-emendi 312-323), S&D erba' emendi (l-emendi 308-311), ECR ħames emendi (l-emendi 286-290), GUE/NGL ħdax-il emenda (l-emendi 295-305) u ENF emenda waħda (l-emenda 306).

[1] L-ifformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-Verżjoni EN

## II. DIBATTITU

Fil-15 ta' Jannar 2018, sar dibattitu konġunt, flimkien ma' żewġ rapporti oħra rigward l-enerġija nadifa[2].

## III. VOT

Meta vvota fis-17 ta' Jannar 2018, il-Parlament adotta l-emendi li ġejjin: 1, 3-28, 30-54, 60-64, 67-71, 73-106, 108-114, 116-118, 120-122, 124-174, 176-179, 180 (l-ewwel, it-tieni u r-raba' parti), 182-238, 240-267, 270-272, 274-285, 287, 291-294, 307, 309-310, il-partijiet korrispondenti tal-emenda 59, il-partijiet korrispondenti tal-emenda 107, il-partijiet korrispondenti tal-emenda 123 u l-partijiet korrispondenti tal-emenda 175. L-emendi 313, 319-320, 322 ġew irtirati.

L-emendi adottati jinsabu fl-anness.

Fl-aħħar tal-vot, il-proposta ntbagħtet lura lill-Kumitat, skont ir-Regola 59(4)(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, biex b'hekk l-ewwel qari tal-Parlament ma jingħalaqx u jinfetħu n-negozjati mal-Kunsill.

---

[2] Ara n-nota ta’ informazzjoni 5351/18.

**ANNESS**

**(17.1.2018)**

## Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija ***I

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fis-17 ta' Jannar 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, li jemenda d-Direttiva 94/22/KE, id-Direttiva 98/70/KE, id-Direttiva 2009/31/KE, ir-Regolament (KE) Nru 663/2009, ir-Regolament (KE) Nru 715/2009, id-Direttiva 2009/73/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE, id-Direttiva 2010/31/UE, id-Direttiva 2012/27/UE, id-Direttiva 2013/30/UE u d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 (COM(2016)0759 – C8-0497/2016 – 2016/0375(COD))**[3]

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-bażi leġiżlattiva meħtieġa għal Governanza affidabbli ***u*** trasparenti li tiżgura li jintlaħqu l-għanijiet u l-miri tal-Unjoni tal-Enerġija permezz ta' sforzi kumplimentari, koerenti u ambizzjużi mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha, filwaqt li ***jippromwovi l-prinċipji tal-Unjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar***. | (1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-bażi leġiżlattiva meħtieġa għal Governanza affidabbli***, inklużiva, kosteffiċjenti,*** trasparenti ***u prevedibbli*** li tiżgura li jintlaħqu l-għanijiet u l-miri ***tal-2030 u fit-tul*** tal-Unjoni tal-Enerġija ***b'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-tibdil fil-klima b'segwitu tal-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima ("il-Ftehim ta' Pariġi"),*** permezz ta' sforzi kumplimentari, koerenti u ambizzjużi mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha, filwaqt li ***jillimita l-kumplessità amministrattiva***. |

[3] Il-każ ġie mgħoddi lura għal negozjati interistituzzjonali lill-kumitati responsabbli skont l-Artikolu 59(4), ir-raba’subparagrafu (A8-0402/2017).

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) L-għan ta' Unjoni tal-Enerġija reżiljenti b'politika ambizzjuża dwar il-klima fil-qalba tagħha huwa li l-konsumaturi tal-Unjoni, kemm l-unitajiet domestiċi kif ukoll n-negozji, jingħataw enerġija sigura, sostenibbli, kompetittiva u bi prezz għall-but ta' kulħadd, li jirrikjedi trasformazzjoni fundamentali tas-sistema tal-enerġija tal-Ewropa. Dak l-għan jista' jintlaħaq biss permezz ta' azzjoni kkoordinata, li tlaqqa' flimkien kemm l-atti leġiżlattivi kif ukoll dawk mhux leġiżlattivi fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali. | (3) L-għan ta' Unjoni tal-Enerġija reżiljenti b'politika ambizzjuża dwar il-klima fil-qalba tagħha huwa li l-konsumaturi tal-Unjoni, kemm l-unitajiet domestiċi kif ukoll in-negozji, jingħataw enerġija sigura, sostenibbli, kompetittiva u bi prezz għall-but ta' kulħadd, u ***jitrawmu r-riċerka u l-innovazzjoni billi jiġu attirati l-investimenti,*** li jirrikjedi trasformazzjoni fundamentali tas-sistema tal-enerġija tal-Ewropa. Dak l-għan jista' jintlaħaq biss permezz ta' azzjoni kkoordinata, li tlaqqa' flimkien kemm l-atti leġiżlattivi kif ukoll dawk mhux leġiżlattivi fil-livell tal-Unjoni u fil-livell ***makroreġjonali, reġjonali,*** nazzjonali ***u lokali***. |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) B'Unjoni tal-Enerġija kompletament funzjonali u reżiljenti, l-Unjoni tista' tikkonverti f'reġjun ewlieni fl-innovazzjoni, l-investimenti, it-tkabbir u l-iżvilupp soċjali u ekonomiku, filwaqt li tagħti eżempju tajjeb dwar kif is-segwitu ta' ambizzjonijiet għolja f'termini tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima huwa marbut mal-miżuri biex jitrawmu l-innovazzjoni, l-investimenti u t-tkabbir.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Il-proposta tal-Kummissjoni ġiet żviluppata b'mod parallel u hija adottata flimkien ma' sensiela ta' inizjattivi fil-politika settorjali dwar l-enerġija, b'mod partikolari fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u d-disinn tas-suq. Dawk l-inizjattivi jiffurmaw pakkett bit-tema ġenerali ***tal-effiċjenza*** enerġetika tiġi l-ewwel, ir-rwol mexxej globali tal-Unjoni fl-enerġija rinnovabbli, u arranġament ġust għall-konsumaturi tal-enerġija. | (4) Il-proposta tal-Kummissjoni ġiet żviluppata b'mod parallel u hija adottata flimkien ma' sensiela ta' inizjattivi fil-politika settorjali dwar l-enerġija, b'mod partikolari fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika ***(inkluż ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija)*** u d-disinn tas-suq. Dawk l-inizjattivi jiffurmaw pakkett bit-tema ġenerali ***tal-kunċett li l-effiċjenza*** enerġetika tiġi l-ewwel, ir-rwol mexxej globali tal-Unjoni fl-enerġija rinnovabbli, u arranġament ġust għall-konsumaturi tal-enerġija***, inkluż billi jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku u l-promozzjoni tal-kompetizzjoni ġusta fis-suq intern***. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Fl-24 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill Ewropew ***qabel fuq il-Qafas*** għall-Enerġija u l-Klima għall-2030 għall-Unjoni bbażat fuq erba' miri ewlenin: minn tal-inqas 40 % tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-ekonomija kollha, minn tal-inqas 27 % titjib fl-effiċjenza enerġetika bl-għan li jkun hemm livell ta' 30 %, minn tal-inqas 27 % tas-sehem ta' enerġija rinnovabbli kkunsmata fl-Unjoni, u minn tal-inqas 15 % tal-interkonnessjoni tal-elettriku. Huwa speċifika li l-mira għall-enerġija rinnovabbli hija vinkolanti fil-livell tal-Unjoni u li din se tintlaħaq | (5) Fl-24 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill Ewropew ***ippropona Qafas*** għall-Enerġija u l-Klima għall-2030 għall-Unjoni bbażat fuq erba' miri ewlenin: minn tal-inqas 40 % tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra ***("GHG")*** fl-ekonomija kollha, minn tal-inqas 27 % titjib fl-effiċjenza enerġetika bl-għan li jkun hemm livell ta' 30 %, minn tal-inqas 27 % tas-sehem ta' enerġija rinnovabbli kkunsmata fl-Unjoni, u minn tal-inqas 15 % tal-interkonnessjoni tal-elettriku. Huwa speċifika li l-mira għall-enerġija rinnovabbli hija vinkolanti fil-livell tal-Unjoni u li din se tintlaħaq |

| | |
|---|---|
| permezz ta' kontributi mill-Istati Membri ggwidati mill-ħtieġa li l-mira tal-Unjoni tintlaħaq b'mod kollettiv. | permezz ta' kontributi mill-Istati Membri ggwidati mill-ħtieġa li l-mira tal-Unjoni tintlaħaq b'mod kollettiv. ***Madankollu, dan ir-Regolament jirrifletti l-miri miftiehma fil-leġiżlazzjoni settorjali.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Fl-24 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill Ewropew qabel li l-Kummissjoni, b'appoġġ mill-Istati Membri se tieħu miżuri urġenti sabiex tiżgura l-kisba ta' mira minima ta' 10 % tal-interkonnessjonijiet eżistenti tal-elettriku, bħala kwistjoni ta' urġenza, u mhux aktar tard mill-2020, tal-inqas għall-Istati Membri li għadhom ma laħqux livell minimu ta' integrazzjoni fis-suq intern tal-enerġija.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Il-Ftehim ta' Pariġi żied sostanzjalment il-livell ta' ambizzjoni globali dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, fejn il-firmatarji tiegħu impenjaw ruħhom għaż-"żamma taż-żieda fit-temperatura medja globali għal sew inqas minn 2°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u biex jitkomplew l-isforzi li jillimitaw iż-żieda fit-temperatura għal 1,5°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali". Jenħtieġ li l-Unjoni tħejji għal tnaqqis fl-emissjonijiet*** |

***ħafna akbar u aktar rapidu minn kif kien previst. Fl-istess waqt, tali tnaqqis huwa fattibbli bi spiża aktar baxxa minn dik stmata qabel, meta wieħed iqis ir-ritmu tal-iżvilupp u l-użu tat-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli.***

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6 b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6b) F'konformità mal-objettiv tal-Ftehim ta' Pariġi li jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi mis-sorsi u l-assorbimenti ta' GHGs minn bjar fit-tieni nofs tas-seklu 21, jenħtieġ li l-Unjoni timmira biex, fuq il-bażi tal-prinċpju ta' ekwità, sal-2050 tilħaq emissjonijiet nett-żero domestikament, u wara dan tidħol f'perjodu ta' emissjonijiet negattivi.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6 c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6c) Għas-sistema tal-klima, huma l-emissjonijiet antropoġeniċi totali kumulattivi matul iż-żmien li huma rilevanti għall-konċentrazzjoni totali ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-atmosfera. Sabiex ikun hemm konsistenza mal-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi, jeħtieġ li jiġi analizzat il-baġit globali tal-karbonju li jkun konsistenti mal-isforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5°C ogħla mil-livelli pre-industrijali, u jiġi stabbilit sehem ġust tal-Unjoni tal-baġit globali tal-karbonju li jifdal għall-Unjoni. L-istrateġiji fit-tul dwar il-klima u l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***enerġija jenħtieġ li jkunu konsistenti ma' dak il-baġit tal-karbonju.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6 d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6d) L-Unjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jżommu l-miri dwar il-klima u l-enerġija taħt reviżjoni regolari u li jirrevedu l-miri 'l fuq kif meħtieġ, sabiex jirriflettu r-reviżjonijiet suċċessivi mwettqa fi ħdan il-proċess tal-UNFCCC u biex jirriflettu l-aħħar evidenza xjentifika dwar ir-ritmu u l-impatti tat-tibdil fil-klima.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6 e (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6e) Minkejja li l-UE wiegħdet li sal-2030 se twettaq l-aktar tnaqqis ambizzjuż fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, hija ma tistax tiġġieled it-theddida tat-tibdil fil-klima waħedha. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jużaw kull opportunità biex jipperswadu b'mod partikulari lil dawk il-pajjiżi li jibbenefikaw mill-kummerċ internazzjonali mal-Unjoni biex jassumu sehem proporzjonali ta' responsabbiltà globali u jżidu l-livell ta' ambizzjoni tagħhom meta mqabbel ma' dak tal-Unjoni.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Fl-24 ta' Ottubru 2014[14], il-Kunsill Ewropew ikkonkluda wkoll li jenħtieġ li tiġi żviluppata sistema ta' governanza affidabbli u trasparenti, mingħajr l-ebda piż amministrattiv bla bżonn, sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tilħaq l-għanijiet tagħha tal-politika dwar l-enerġija, ***bil-flessibbiltà meħtieġa għall-Istati Membri u b'rispett*** sħiħ ***tal-libertà tagħhom*** li jagħżlu t-taħlita tal-enerġija tagħhom. Il-Kunsill enfasizza li jenħtieġ li din is-sistema ta' governanza tibni fuq elementi kostitwenti eżistenti, bħal pereżempju programmi nazzjonali dwar il-klima, pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika, kif ukoll li hemm bżonn li jiġu ssimplifikati u miġbura flimkien l-obbligi separati ta' ppjanar u ta' rapportar. Huwa qabel ukoll li jissaħħu r-rwol u d-drittijiet tal-konsumaturi, it-trasparenza u l-prevedibbiltà għall-investituri, fost l-oħrajn permezz ta' monitoraġġ sistematiku tal-indikaturi ewlenin għal sistema tal-enerġija bi prezz għall-but ta' kulħadd, sikura, kompetittiva, sigura u sostenibbli, u li tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni tal-politiki nazzjonali dwar l-enerġija u titrawwem il-kooperazzjoni reġjonali bejn l-Istati Membri.

[14] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 u tal-24 ta' Ottubru 2014 (EUCO 169/14).

*Emenda*

(7) Fl-24 ta' Ottubru 2014[14], il-Kunsill Ewropew ikkonkluda wkoll li jenħtieġ li tiġi żviluppata sistema ta' governanza affidabbli u trasparenti, mingħajr l-ebda piż amministrattiv bla bżonn ***u bi flessibbiltà suffiċjenti għall-Istati Membri***, sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tilħaq l-għanijiet tagħha tal-politika dwar l-enerġija, ***filwaqt li tirrispetta b'mod*** sħiħ ***il-libertà tal-Istati Membri*** li jagħżlu t-taħlita tal-enerġija tagħhom. Il-Kunsill enfasizza li jenħtieġ li din is-sistema ta' governanza tibni fuq elementi kostitwenti eżistenti, bħal pereżempju programmi nazzjonali dwar il-klima, pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika, kif ukoll li hemm bżonn li jiġu ssimplifikati u miġbura flimkien l-obbligi separati ta' ppjanar u ta' rapportar. Huwa qabel ukoll li jissaħħu r-rwol u d-drittijiet tal-konsumaturi, it-trasparenza u l-prevedibbiltà għall-investituri, fost l-oħrajn permezz ta' monitoraġġ sistematiku tal-indikaturi ewlenin għal sistema tal-enerġija bi prezz għall-but ta' kulħadd, sikura, kompetittiva, sigura u sostenibbli, u li tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni tal-politiki nazzjonali dwar ***il-klima u*** l-enerġija u titrawwem il-kooperazzjoni reġjonali bejn l-Istati Membri.

[14] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 u tal-24 ta' Ottubru 2014 (EUCO 169/14).

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2015[16] irrikonoxxew li l-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija se tkun għodda essenzjali għall-kostruzzjoni effiċjenti u effettiva tal-Unjoni tal-Enerġija u biex jintlaħqu l-għanijiet tagħha. Dawn enfasizzaw li jenħtieġ li s-sistema ta' governanza tkun ibbażata fuq il-prinċipji ta' integrazzjoni ***ta' ppjanar*** u ta' rapportar ***strateġiċi*** dwar l-implimentazzjoni tal-politiki dwar il-klima u l-enerġija u l-koordinazzjoni bejn l-atturi responsabbli għall-politika dwar l-enerġija u l-klima, fil-livell reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni. Enfasizzaw ukoll li jenħtieġ li l-Governanza tiżgura li l-miri tal-enerġija u tal-klima għall-2030 jintlaħqu; u li l-Governanza twettaq monitoraġġ tal-progress kollettiv tal-Unjoni biex jintlaħqu l-għanijiet ***ta' politika*** fil-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija. | (10) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2015[16] irrikonoxxew li l-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija se tkun għodda essenzjali għall-kostruzzjoni effiċjenti u effettiva tal-Unjoni tal-Enerġija u biex jintlaħqu l-għanijiet tagħha. Dawn enfasizzaw li jenħtieġ li s-sistema ta' governanza tkun ibbażata fuq il-prinċipji ta' integrazzjoni ***tal-ippjanar strateġiku*** u ta' rapportar dwar l-implimentazzjoni tal-politiki dwar il-klima u l-enerġija u l-koordinazzjoni bejn l-atturi responsabbli għall-politika dwar l-enerġija u l-klima, fil-livell reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni. ***Huma*** enfasizzaw ukoll li jenħtieġ li l-Governanza tiżgura li l-miri tal-enerġija u tal-klima għall-2030 jintlaħqu; u li l-Governanza twettaq monitoraġġ tal-progress kollettiv ***ta' kull Stat Membru u*** tal-Unjoni biex jintlaħqu ***l-miri u*** l-għanijiet ta' politika fil-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija. |
| [16] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2015 (14632/15). | [16] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2015 (14632/15). |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Għalhekk, jenħtieġ li l-għan ewlieni tal-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija jkun li tippermetti li jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija u b'mod partikolari l-miri tal-Qafas għall-Klima u l-Enerġija | (12) Għalhekk, jenħtieġ li l-għan ewlieni tal-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija jkun li tippermetti li jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija u b'mod partikolari l-miri tal-Qafas għall-Klima u l-Enerġija |

| | |
|---|---|
| għall-2030. Għaldaqstant dan ir-Regolament huwa marbut mal-leġiżlazzjoni settorjali li timplimenta l-miri tal-enerġija u tal-klima għall-2030. Filwaqt li l-Istati Membri jeħtieġu flessibbiltà biex jagħżlu l-politiki li jkunu l-iktar xierqa għat-taħlita u għall-preferenzi nazzjonali tagħhom tal-enerġija, jenħtieġ li dik il-flessibbiltà tkun kompatibbli ma' integrazzjoni ulterjuri tas-suq, iżjed kompetizzjoni, li jintlaħqu l-għanijiet tal-klima u tal-enerġija u l-bidla gradwali lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. | għall-2030***, fis-settur tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-GHGs, is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika***. Għaldaqstant dan ir-Regolament huwa marbut mal-leġiżlazzjoni settorjali li timplimenta l-miri tal-enerġija u tal-klima għall-2030. Filwaqt li l-Istati Membri jeħtieġu flessibbiltà biex jagħżlu l-politiki li jkunu l-iktar xierqa għat-taħlita u għall-preferenzi nazzjonali tagħhom tal-enerġija, jenħtieġ li dik il-flessibbiltà tkun kompatibbli ma' integrazzjoni ulterjuri tas-suq, iżjed kompetizzjoni, li jintlaħqu l-għanijiet tal-klima u tal-enerġija u l-bidla gradwali lejn ekonomija ***sostenibbli*** b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju ***bbażata fuq sistema enerġetika effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija u bbażata fuq l-enerġija rinnovabbli***. ***Jenħtieġ li jiġi introdott mudell obbligatorju għall-istrateġiji għall-klima u l-enerġija fit-tul biex jiżgura l-kwalità u l-komparabbilità tagħhom.*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) It-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju teħtieġ tibdil fl-aġir tal-investiment u inċentivi fil-firxa kollha tal-politika. Sabiex jintlaħaq it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra jeħtieġ li l-effiċjenza u l-innovazzjoni fl-ekonomija Ewropea jingħataw spinta u b'mod partikolari jenħtieġ li jwassal ukoll għal titjib fil-kwalità tal-arja. | (13) It-tranżizzjoni ***soċjalment aċċettabbli*** lejn ekonomija ***sostenibbli*** b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju teħtieġ tibdil ***sostanzjali*** fl-aġir tal-investiment***, partikolarment fir-rigward tal-investiment pubbliku u privat,*** u inċentivi fil-firxa kollha tal-politika***, kif ukoll riformi tas-suq reġjonali***. Sabiex jintlaħaq it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra jeħtieġ li l-effiċjenza u l-innovazzjoni fl-ekonomija Ewropea jingħataw spinta u b'mod partikolari jenħtieġ li ***joħloq impjiegi sostenibbli u*** jwassal ukoll għal titjib fil-kwalità tal-arja. |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) L-Unjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu azzjonijiet konkreti biex jipprojbixxu s-sussidji fuq l-enerġija, tal-anqas għall-fjuwils fossili, sabiex ikunu konformi mal-impenji internazzjonali tal-G7 u l-G20 u tal-Ftehim ta' Pariġi.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Peress li l-biċċa l-kbira tal-gassijiet serra u tas-sustanzi li jniġġsu l-arja jiġu minn sorsi komuni, il-politika mfassla biex jitnaqqsu l-GHGs jista' jkollha kobenefiċċji għall-kwalità tal-arja li jistgħu jpaċu ***parzjalment jew għalkollox il-kostijiet*** fuq medda qasira tal-mitigazzjoni tal-GHGs. Peress li d-dejta rrapportata skont id-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18] tirrappreżenta kontribut importanti għall-kompilazzjoni tal-inventarju dwar il-GHGs u tal-pjanijiet nazzjonali, jenħtieġ li tiġi rrikonoxxuta l-importanza tal-kompilazzjoni u tar-rapportar ta' dejta konsistenti bejn id-Direttiva 2001/81/KE u l-inventarju dwar il-GHGs. | (14) Peress li l-biċċa l-kbira tal-gassijiet serra u tas-sustanzi li jniġġsu l-arja jiġu minn sorsi komuni, il-politika mfassla biex jitnaqqsu l-GHGs jista' jkollha kobenefiċċji ***għas-saħħa pubblika u*** għall-kwalità tal-arja***, partikolarment fiż-żoni urbani,*** li jistgħu jpaċu ***l-kostijiet*** fuq medda qasira tal-mitigazzjoni tal-GHGs. Peress li d-dejta rrapportata skont id-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18] tirrappreżenta kontribut importanti għall-kompilazzjoni tal-inventarju dwar il-GHGs u tal-pjanijiet nazzjonali, jenħtieġ li tiġi rrikonoxxuta l-importanza tal-kompilazzjoni u tar-rapportar ta' dejta konsistenti bejn id-Direttiva 2001/81/KE u l-inventarju dwar il-GHGs. |
| [18] Id-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi (ĠU L 309, 27.11.2001, p. 22). | [18] Id-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi (ĠU L 309, 27.11.2001, p. 22). |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) B'konformità mal-impenn sod tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar, jenħtieġ li l-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija twassal għal tnaqqis sinifikanti ***tal-piż amministrattiv*** għall-Istati Membri, għall-Kummissjoni u għal istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni u jenħtieġ li tgħin biex jiġu żgurati l-koerenza u l-adegwatezza tal-politiki u tal-miżuri fil-livell ***nazzjonali u*** tal-Unjoni fir-rigward tat-trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. | (16) B'konformità mal-impenn sod tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar ***u b'mod konsistenti ma' politika għar-riċerka, l-innovazzjoni u l-investimenti***, jenħtieġ li l-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija twassal għal tnaqqis sinifikanti ***tal-kumplessità amministrattiva*** għall-Istati Membri ***u għall-partijiet ikkonċernati rilevanti***, għall-Kummissjoni u għal istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni u jenħtieġ li tgħin biex jiġu żgurati l-koerenza u l-adegwatezza tal-politiki u tal-miżuri fil-livell tal-Unjoni***, makroreġjonali, reġjonali, nazzjonali, u lokali*** fir-rigward tat-trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija lejn ekonomija ***sostenibbli*** b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija jintlaħqu permezz ta' kombinazzjoni ta' inizjattivi tal-Unjoni u ta' politiki nazzjonali koerenti stabbiliti fi pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima. Il-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni fl-oqsma tal-enerġija u tal-klima tistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ippjanar, li kienu għodda utli biex tiġi xprunata l-bidla fil-livell nazzjonali. L-introduzzjoni | (17) Jenħtieġ li jiġi żgurat li ***l-miri u*** l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija jintlaħqu permezz ta' kombinazzjoni ta' inizjattivi tal-Unjoni u ta' politiki nazzjonali koerenti stabbiliti fi pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima. Il-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni fl-oqsma tal-enerġija u tal-klima tistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ippjanar, li kienu għodda utli biex tiġi xprunata l-bidla fil-livell nazzjonali. L- |

| | |
|---|---|
| tagħhom f'perjodi differenti ta' żmien wasslet għal trikkib u nuqqas ta' kunsiderazzjoni tas-sinerġiji u tal-interazzjonijiet bejn l-oqsma ta' politika. ***Għalhekk*** jenħtieġ li l-ippjanar, ir-rapportar u l-monitoraġġ separati attwali fl-oqsma tal-klima u tal-enerġija jiġu ssimplifikati u integrati ***kemm jista' jkun***. | introduzzjoni tagħhom f'perjodi differenti ta' żmien wasslet għal trikkib u nuqqas ta' kunsiderazzjoni tas-sinerġiji u tal-interazzjonijiet bejn l-oqsma ta' politika***, għad-detriment tal-kostefficjenza***. Jenħtieġ li***, fejn ikun rilevanti,*** l-ippjanar, ir-rapportar u l-monitoraġġ separati attwali fl-oqsma tal-klima u tal-enerġija jiġu ssimplifikati u integrati. |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17a) Tinħtieġ evalwazzjoni tal-interazzjonijiet bejn il-politiki u l-miżuri eżistenti u dawk ippjanati biex tinkiseb id-dekarbonizzazzjoni, u l-Istati Membri jenħtieġ li jipproduċu evalwazzjoni kwantitattiva jew kwalitattiva.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17b) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw koerenza politika bejn il-pjanijiet nazzjonali tagħhom dwar l-enerġija u l-klima u l-istrateġiji fit-tul tagħhom għal emissjonijiet baxxi, u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Jenħtieġ li l-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima jkopru perjodi ta' għaxar snin u jipprovdu stampa ġenerali tas-sistema tal-enerġija u tas-sitwazzjoni attwali ta' politika. Jenħtieġ li dawn jistabbilixxu għanijiet nazzjonali għal kull waħda mill-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija u l-politiki u l-miżuri korrispondenti biex jintlaħqu dawk l-għanijiet u jkun hemm bażi analitika. Jenħtieġ li l-pjanijiet nazzjonali li jkopru l-ewwel perjodu mill-2021 sal-2030 jagħtu attenzjoni partikolari lill-miri tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, tal-enerġija rinnovabbli, tal-effiċjenza enerġetika u tal-interkonnessjoni tal-elettriku għall-2030. Jenħtieġ li l-Istati Membri jimmiraw li jiżguraw li l-pjanijiet nazzjonali jkunu konsistenti mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u jikkontribwixxu biex dawn jintlaħqu. | (18) Jenħtieġ li l-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima jkopru perjodi ta' għaxar snin u jipprovdu stampa ġenerali tas-sistema tal-enerġija u tas-sitwazzjoni attwali ta' politika. Jenħtieġ li dawn jistabbilixxu ***miri jew*** għanijiet nazzjonali għal kull waħda mill-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija u l-politiki u l-miżuri korrispondenti biex jintlaħqu dawk l-għanijiet u jkun hemm bażi analitika. Jenħtieġ li l-pjanijiet nazzjonali li jkopru l-ewwel perjodu mill-2021 sal-2030 jagħtu attenzjoni partikolari lill-miri tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, tal-enerġija rinnovabbli, tal-effiċjenza enerġetika u tal-interkonnessjoni tal-elettriku għall-2030. Jenħtieġ li l-Istati Membri jimmiraw li jiżguraw li l-pjanijiet nazzjonali jkunu konsistenti mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u jikkontribwixxu biex dawn jintlaħqu. |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 18a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(18a) Meta jkunu qed iħejju l-pjan nazzjonali integrat tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, l-Istati Membri jenħtieġ li jivvalutaw l-għadd ta' unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku, b'kont meħud tas-servizzi tal-enerġija domestiċi meħtieġa sabiex jiġu garantiti standards tal-għajxien bażiċi fil-kuntest nazzjonali*** |

***rilevanti, li jista' jkun li ma jkunux jistgħu jaffordjaw minħabba kombinazzjoni ta' dħul baxx, nefqa kbira fuq l-enerġija u effiċjenza fl-użu tal-enerġija batuta fid-djar tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ li jiddefinixxu l-politiki u miżuri eżistenti u ppjanati li jindirizzaw il-faqar enerġetiku u, fejn ikun meħtieġ, jinkludi objettiv nazzjonali biex jitnaqqas l-għadd ta' unitajiet domestiċi f'qagħda ta' faqar enerġetiku. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta metodoloġija komuni biex l-Istati Membri jiddefinixxu l-faqar enerġetiku u kull Stat Membru jenħtieġ li jiddefinixxi l-unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku skont iċ-ċirkustanzi nazzjonali speċifiċi tiegħu.***

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(18b) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-finanzjament tal-Unjoni mill-qafas finanzjarju pluriennali tal-2014 sal-2020 jiġi inkluż fil-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima. L-allokazzjonijiet nazzjonali mill-qafas finanzjarju pluriennali ta' wara l-2020 jenħtieġ li jikkontribwixxu b'mod attiv biex jintlaħqu l-miri u l-objettivi tal-Unjoni tal-Enerġija, partikolarment fis-setturi tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, inklużi l-assorbimenti minn bjar, l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika. Għal dan il-għan, il-proċess ta' programmazzjoni fil-livell nazzjonali u lokali għall-qafas finanzjarju pluriennali għal wara l-2020 jenħtieġ li jsir flimkien ma' valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-pjanijiet nazzjonali integrati tal-enerġija u tal-klima biex jirrifletti livell għoli ta' ambizzjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-għanijiet fit-tul*** |

| | |
|---|---|
| | ***tal-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19a) L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu pjattaforma permanenti ta' djalogu f'diversi livelli dwar l-enerġija li tiġbor flimkien l-awtoritajiet lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-komunità tan-negozju, l-investituri, u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn biex jiddiskutu l-alternattivi differenti previsti għall-politiki dwar il-klima u l-enerġija. Il-pjanijiet nazzjonali integrati tal-enerġija u tal-klima kif ukoll l-istrateġiji fit-tul għall-klima u l-enerġija jenħtieġ li jiġu diskussi fil-qafas ta' dik il-pjattaforma.*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) L-implimentazzjoni ta' politiki u ta' miżuri fl-oqsma tal-enerġija u tal-klima jkollha impatt fuq l-ambjent. Għalhekk jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-pubbliku jingħata opportunitajiet bikrin u effettivi biex jipparteċipa u jiġi kkonsultat għat-tħejjija tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima b'konformità, meta jkun applikabbli, mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] u l- | (20) L-implimentazzjoni ta' politiki u ta' miżuri fl-oqsma tal-enerġija u tal-klima jkollha impatt fuq l-ambjent. Għalhekk jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-pubbliku jingħata opportunitajiet bikrin u effettivi biex jipparteċipa ***b'mod attiv*** u jiġi kkonsultat għat-tħejjija tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima ***u l-istrateġiji fit-tul dwar il-klima u l-enerġija*** b'konformità, meta jkun applikabbli, mad-dispożizzjonijiet tad- |

Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti ("UNECE") dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja f'Materji Ambjentali tal-25 ta' Ġunju 1998 (il-"Konvenzjoni ta' Aarhus"). Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw l-involviment ***tal-imsieħba*** soċjali fit-tħejjija tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima.

Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] u l-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti ("UNECE") dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja f'Materji Ambjentali tal-25 ta' Ġunju 1998 (il-"Konvenzjoni ta' Aarhus"). Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw l-involviment ***tas-sħab*** soċjali***, tal-awtoritajiet lokali u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha minn stadju bikri tal-proċessi ta' ppjanar u ta' rappurtar u*** fit-tħejjija tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima ***u l-istrateġiji fit-tul***.

[24] Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30).

[24] Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30).

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Il-kooperazzjoni reġjonali ***hija kruċjali biex jiġi żgurat li l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija jintlaħqu b'mod effettiv.*** Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-opportunità jikkummentaw dwar il-pjanijiet tal-Istati Membri l-oħra qabel ma jiġu ffinalizzati biex jiġu evitati inkonsistenzi u impatti negattivi potenzjali fuq Stati Membri oħra u jiġi żgurat li l-għanijiet komuni jintlaħqu b'mod kollettiv. Jenħtieġ li l-kooperazzjoni reġjonali fl-elaborazzjoni u fil-finalizzazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali kif ukoll fl-implimentazzjoni sussegwenti tal-pjanijiet nazzjonali tkun essenzjali għat-titjib tal- | (21) Il-kooperazzjoni ***makroreġjonali u*** reġjonali ***huma meħtieġa sabiex l-Istati Membri jimplimentaw b'mod konġunt ċerti politiki u miżuri li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri u l-objettivi komuni b'mod ottimali mil-lat ta' spiża. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri.*** Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom ***ukoll*** l-opportunità jikkummentaw dwar il-pjanijiet tal-Istati Membri l-oħra qabel ma jiġu ffinalizzati biex jiġu evitati inkonsistenzi u impatti negattivi potenzjali fuq Stati Membri oħra u jiġi żgurat li l-għanijiet komuni jintlaħqu b'mod kollettiv. |

effettività u tal-effiċjenza tal-miżuri u għat-trawwim tal-integrazzjoni tas-suq u tas-sigurtà tal-enerġija.

Jenħtieġ li l-kooperazzjoni ***makroreġjonali u*** reġjonali fl-elaborazzjoni u fil-finalizzazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali kif ukoll fl-implimentazzjoni sussegwenti tal-pjanijiet nazzjonali tkun essenzjali għat-titjib tal-effettività u tal-effiċjenza tal-miżuri u għat-trawwim tal-integrazzjoni tas-suq u tas-sigurtà tal-enerġija.

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Jenħtieġ li l-pjanijiet nazzjonali jkunu stabbli biex jiġu żgurati t-trasparenza u l-prevedibbiltà tal-politiki u tal-miżuri nazzjonali sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza ***għall-investituri***. ***Madankollu jenħtieġ li l-aġġornamenti*** tal-pjanijiet nazzjonali ***jkunu previsti darba matul il-perjodu kopert ta' għaxar snin biex l-Istati*** Membri ***jingħataw*** l-opportunità li jadattaw għal ċirkostanzi sinifikanti ta' bidla. ***Jenħtieġ li għall-pjanijiet li jkopru l-perjodu mill-2021 sal-2030, l-Istati Membri jkunu jistgħu jaġġornaw il-pjanijiet tagħhom sal-1 ta' Jannar 2024.*** Jenħtieġ li l-miri***,*** l-għanijiet ***u l-kontributi*** jiġu mmodifikati biss biex jirriflettu żieda ġenerali fl-ambizzjoni b'mod partikolari fir-rigward tal-miri tal-enerġija u tal-klima ***għall-2030***. Bħala parti ***mill-aġġornamenti***, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu sforzi biex itaffu kwalunkwe impatt ambjentali avvers li jirriżulta bħala parti mir-rapportar integrat. | (22) Jenħtieġ li l-pjanijiet nazzjonali jkunu stabbli biex jiġu żgurati t-trasparenza u l-prevedibbiltà tal-politiki u tal-miżuri nazzjonali sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza ***għall-investiment***. ***Il-preżentazzjoni regolari*** tal-pjanijiet nazzjonali ***fuq perjodi rikorrenti ta' għaxar snin tagħti lill-Istati*** Membri l-opportunità li jadattaw għal ċirkostanzi sinifikanti ta' bidla. Jenħtieġ li l-miri ***u*** l-għanijiet jiġu mmodifikati biss biex jirriflettu żieda ġenerali fl-ambizzjoni b'mod partikolari fir-rigward tal-miri tal-enerġija u tal-klima. Bħala parti ***minn dawk il-pjanijiet***, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu sforzi biex itaffu kwalunkwe impatt ambjentali avvers li jirriżulta bħala parti mir-rapportar integrat. |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) ***Strateġiji*** fit-tul ***għal emissjonijiet baxxi*** huma kruċjali biex jikkontribwixxu ***għal trasformazzjoni*** ekonomika, ***impjiegi***, ***tkabbir*** u biex jintlaħqu għanijiet ta' żvilupp sostenibbli usa', kif ukoll biex iqarrbu b'mod ġust u kosteffikaċi lejn l-għan fit-tul stabbilit bil-Ftehim ta' Pariġi. Barra minn hekk, il-Partijiet tal-Ftehim ta' Pariġi mistiedna jikkomunikaw l-istrateġiji tagħhom tal-iżvilupp fit-tul u ta' nofs is-seklu dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. | (23) ***L-istrateġiji*** fit-tul ***dwar il-klima u l-enerġija*** huma kruċjali biex jikkontribwixxu ***għat-trasformazzjoni*** ekonomika, ***għall-impjiegi***, ***għat-tkabbir*** u biex jintlaħqu għanijiet ta' żvilupp sostenibbli usa', kif ukoll biex iqarrbu b'mod ġust u kosteffikaċi lejn l-għan fit-tul stabbilit bil-Ftehim ta' Pariġi. Barra minn hekk, il-Partijiet tal-Ftehim ta' Pariġi mistiedna jikkomunikaw l-istrateġiji tagħhom tal-iżvilupp fit-tul u ta' nofs is-seklu dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23a) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw strateġiji fit-tul dwar il-klima u l-enerġija għall-2050 u lil hinn li jidentifikaw il-bidliet f'setturi differenti li huma meħtieġa biex issir qalba lejn sistema tal-enerġija rinnovabbli u biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. L-istrateġiji jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-politika tal-Unjoni dwar is-sehem ġust tal-baġit globali tal-karbonju li jifdal u jenħtieġ li jiġu żviluppati b'mod miftuħ u trasparenti u bl-involviment sħiħ tal-partijiet ikkonċernati rilevanti. Il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima jenħtieġ li jkunu bbażati fuq l-istrateġiji fit-tul dwar il-klima u l-enerġija u jkunu konsistenti magħhom.*** |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23b) Is-settur tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF) huwa espost ħafna u vulnerabbli ħafna għat-tibdil fil-klima. Fl-istess ħin, dan is-settur għandu potenzjal enormi li jipprovdi benefiċċji fit-tul għall-klima u li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex jintlaħqu l-miri Ewropej u dawk internazzjonali dwar il-klima fuq terminu twil. Dan jista' jikkontribwixxi b'diversi modi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari billi jnaqqas l-emissjonijiet, u jżomm u jżid il-bjar u l-ħażniet tal-karbonju, u jipprovdi materjali bijoloġiċi li jistgħu jissostitwixxu l-materjali fossili u dawk intensivi fl-użu tal-karbonju. Sabiex il-miżuri li għandhom l-għan li b'mod partikolari jżidu s-sekwestru tal-karbonju jkunu effettivi, hemm bżonn tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi u tal-istabbiltà u l-adattabbiltà fit-tul tar-raggruppamenti tal-karbonju. Jinħtieġu strateġiji fit-tul sabiex ikunu jistgħu jsiru investimenti sostenibbli fuq medda twila ta' żmien.*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23c) Fl-iżvilupp ta' interkonnessjonijiet ulterjuri, huwa importanti li ssir valutazzjoni sħiħa tal-kostijiet u l-benefiċċji tagħhom, inkluż l-impatti tekniċi, soċjoekonomiċi u ambjentali sħaħ*** |

***tagħhom, kif meħtieġ mir-Regolament TEN-E, u jitqiesu l-esternalitajiet pożittivi tal-interkonnessjonijiet, bħalma huma l-integrazzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, is-sigurtà tal-provvista u ż-żieda fil-kompetizzjoni fis-suq intern.***

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Bħalma huwa l-każ għall-ippjanar, il-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni fl-oqsma tal-enerġija u tal-klima tistabbilixxi rekwiżiti ta' rapportar, li ħafna minnhom kienu għodda utli biex tiġi xprunata l-bidla fil-livell nazzjonali, iżda dawk ir-rekwiżiti ġew introdotti f'perjodi differenti ta' żmien u dan wassal għal trikkib u għal nuqqas ta' kunsiderazzjoni tas-sinerġiji u tal-interazzjonijiet bejn l-oqsma ta' politika bħal pereżempju l-mitigazzjoni tal-GHGs, l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u l-integrazzjoni tas-suq. Sabiex jinstab il-bilanċ ġust bejn il-ħtieġa li jiġi żgurat segwitu adattat għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali u l-ħtieġa li ***jitnaqqas il-piż amministrattiv***, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu rapporti biennali ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet u dwar żviluppi oħra fis-sistema tal-enerġija. Madankollu, xorta waħda jkun meħtieġ xi rapportar fuq bażi annwali, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti ta' rapportar fil-qasam tal-klima li jirriżultaw mill-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima ("UNFCCC") u mir-Regolamenti tal-Unjoni. | (24) Bħalma huwa l-każ għall-ippjanar, il-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni fl-oqsma tal-enerġija u tal-klima tistabbilixxi rekwiżiti ta' rapportar, li ħafna minnhom kienu għodda utli biex tiġi xprunata l-bidla fil-livell nazzjonali, ***komplementari għar-riformi tas-suq,*** iżda dawk ir-rekwiżiti ġew introdotti f'perjodi differenti ta' żmien u dan wassal għal trikkib u ***kostineffiċjenza kif ukoll*** għal nuqqas ta' kunsiderazzjoni tas-sinerġiji u tal-interazzjonijiet bejn l-oqsma ta' politika bħal pereżempju l-mitigazzjoni tal-GHGs, l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u l-integrazzjoni tas-suq. Sabiex jinstab il-bilanċ ġust bejn il-ħtieġa li jiġi żgurat segwitu adattat għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali u l-ħtieġa li ***titnaqqas il-kumplessità amministrattiva***, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu rapporti biennali ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet u dwar żviluppi oħra fis-sistema tal-enerġija. Madankollu, xorta waħda jkun meħtieġ xi rapportar fuq bażi annwali, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti ta' rapportar fil-qasam tal-klima li jirriżultaw mill-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima ("UNFCCC") u mir-Regolamenti tal-Unjoni. |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) Jenħtieġ li r-rapporti integrati ta' progress tal-Istati Membri jirriflettu l-elementi stabbiliti fil-mudell għall-pjanijiet nazzjonali. Jenħtieġ li mudell għar-rapporti integrati ta' progress ikun dettaljat f'att(i) ta' implimentazzjoni sussegwenti minħabba n-natura teknika tagħhom u l-fatt li l-ewwel rapporti ta' progress huma dovuti fl-2021. Jenħtieġ li r-rapporti ta' progress jitwettqu sabiex tiġi żgurata t-trasparenza fil-konfront tal-Unjoni, ta' Stati Membri oħra ***u*** ta' atturi oħra tas-suq, inklużi l-konsumaturi. Jenħtieġ li dawn ikunu komprensivi fil-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija u, għall-ewwel perjodu, fl-istess waqt jagħmlu enfasi fuq l-oqsma koperti bil-miri tal-Qafas għall-klima u l-enerġija għall-2030. | (25) Jenħtieġ li r-rapporti integrati ta' progress tal-Istati Membri jirriflettu l-elementi stabbiliti fil-mudell għall-pjanijiet nazzjonali. Jenħtieġ li mudell għar-rapporti integrati ta' progress ikun dettaljat f'att(i) ta' implimentazzjoni sussegwenti minħabba n-natura teknika tagħhom u l-fatt li l-ewwel rapporti ta' progress huma dovuti fl-2021. Jenħtieġ li r-rapporti ta' progress jitwettqu sabiex tiġi żgurata t-trasparenza fil-konfront tal-Unjoni, ta' Stati Membri oħra***, tal-awtoritajiet reġjonali u lokali,*** ta' atturi oħra tas-suq, inklużi l-konsumaturi***, u ta' parijiet ikkonċernati relevanti oħrajn kif ukoll il-pubbliku ġenerali***. Jenħtieġ li dawn ikunu komprensivi fil-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija u, għall-ewwel perjodu, fl-istess waqt jagħmlu enfasi fuq l-oqsma koperti bil-miri tal-Qafas għall-klima u l-enerġija għall-2030. |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) L-esperjenza bl-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 uriet l-importanza tat-trasparenza, tar-reqqa, tal-konsistenza, tal-kompletezza u tal-paragunabbiltà tal-informazzjoni. Filwaqt li jibni fuq dik l-esperjenza, jenħtieġ li dan ir-Regolament jiżgura li l-Istati Membri jirrapportaw dwar il-politiki, il-miżuri u l-projezzjonijiet tagħhom bħala komponent | (28) L-esperjenza bl-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 uriet l-importanza tat-trasparenza, tar-reqqa, tal-konsistenza, tal-kompletezza u tal-paragunabbiltà tal-informazzjoni. Filwaqt li jibni fuq dik l-esperjenza, jenħtieġ li dan ir-Regolament jiżgura li l-Istati Membri ***jużaw dejta u suppożizzjonijiet konsistenti u kredibbli fil-ħames dimensjonijiet u*** |

ewlieni tar-rapporti ta' progress. Jenħtieġ li l-informazzjoni f'dawk ir-rapporti tkunu essenzjali biex tintwera l-implimentazzjoni f'waqtha tal-impenji skont ir-Regolament [ ] [ESR]. Jenħtieġ li t-tħaddim u t-titjib kontinwu tas-sistemi fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri, flimkien ma' gwida aħjar dwar ir-rapportar, jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tisħiħ kontinwu tal-informazzjoni meħtieġa biex jinżamm amment tal-progress fid-dimensjoni tad-dekarbonizzazzjoni.

***jagħmlu disponibbli għall-pubbliku d-dejta użata fit-tfassil ta' xenarji u mudelli u*** jirrapportaw dwar il-politiki, il-miżuri u l-projezzjonijiet tagħhom bħala komponent ewlieni tar-rapporti ta' progress. Jenħtieġ li l-informazzjoni f'dawk ir-rapporti tkunu essenzjali biex tintwera l-implimentazzjoni f'waqtha tal-impenji skont ir-Regolament [ ] [ESR]. Jenħtieġ li t-tħaddim u t-titjib kontinwu tas-sistemi fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri, flimkien ma' gwida aħjar dwar ir-rapportar, jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tisħiħ kontinwu tal-informazzjoni meħtieġa biex jinżamm amment tal-progress fid-dimensjoni tad-dekarbonizzazzjoni.

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 30**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(30) Sabiex ***jiġi limitat il-piż amministrattiv*** fuq l-Istati Membri u l-Kummissjoni, jenħtieġ li din tal-aħħar tistabbilixxi pjattaforma ***tar-rapportar*** onlajn biex tiffaċilita ***l-komunikazzjoni u tippromwovi l-kooperazzjoni***. Jenħtieġ li b'hekk tiġi żgurata s-sottomissjoni f'waqtha tar-rapporti u tiġi ffaċilitata trasparenza mtejba fir-rapportar nazzjonali. Jenħtieġ li l-pjattaforma ***tar-rapportar elettroniku*** tikkumplimenta u tibni fuq il-proċessi eżistenti ta' rapportar, il-bażijiet ta' dejta u l-għodod elettroniċi, bħal dawk tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, il-Eurostat, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u l-lezzjonijiet meħuda mill-Iskema ta' Mmaniġġjar u Awditjar Ekoloġiċi tal-Unjoni kif ukoll tibbenefika minnhom.

*Emenda*

(30) Sabiex ***tiżdied it-trasparenza fit-tfassil tal-politika dwar l-enerġija u l-klima u sabiex tiġi limitata l-kumplessità amministrattiva*** fuq l-Istati Membri u l-Kummissjoni, jenħtieġ li din tal-aħħar tistabbilixxi pjattaforma ***pubblika*** onlajn biex tiffaċilita ***l-aċċess tal-pubbliku għall-informazzjoni, il-komunikazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri kif ukoll il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri***. Jenħtieġ li b'hekk tiġi żgurata s-sottomissjoni f'waqtha tar-rapporti u tiġi ffaċilitata trasparenza mtejba fir-rapportar nazzjonali. Jenħtieġ li l-pjattaforma ***elettronika*** tikkumplimenta u tibni fuq il-proċessi eżistenti ta' rapportar, il-bażijiet ta' dejta u l-għodod elettroniċi, bħal dawk tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, il-Eurostat, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u l-lezzjonijiet meħuda mill-Iskema ta' Mmaniġġjar u Awditjar Ekoloġiċi tal-Unjoni kif ukoll tibbenefika minnhom.

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Fir-rigward tad-dejta li trid tiġi pprovduta lill-Kummissjoni permezz ta' ppjanar u ta' rapportar nazzjonali, jenħtieġ li l-informazzjoni mill-Istati Membri ma tirdoppjax id-dejta u l-istatistika li diġà jkunu disponibbli għall-pubbliku permezz tal-Eurostat fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27] bl-istess mod kif isir skont l-obbligi ta' ppjanar u ta' rapportar ta' dan ir-Regolament u xorta jkunu disponibbli mill-Eurostat bl-istess valuri. Meta jkunu disponibbli u xierqa f'termini ta' tempestività, jenħtieġ li d-dejta u l-projezzjonijiet irrapportati pprovduti fil-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima jibnu fuq id-dejta tal-Eurostat u fuq il-metodoloġija li ntużat għar-rapportar tal-istatistika Ewropea skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 u jkunu konsistenti magħhom. | (31) ***Sabiex jiġi evitat dewmien ta' azzjoni fil-livell tal-Unjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tuża l-istimi annwali dwar il-GHGs, dwar is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u dwar l-effiċjenza enerġetika pprovduti mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, sabiex tivvaluta l-progress lejn il-kisba tal-miri tal-2030.*** Fir-rigward tad-dejta li trid tiġi pprovduta lill-Kummissjoni permezz ta' ppjanar u ta' rapportar nazzjonali, jenħtieġ li l-informazzjoni mill-Istati Membri ma tirdoppjax id-dejta u l-istatistika li diġà jkunu disponibbli għall-pubbliku permezz tal-Eurostat fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27] bl-istess mod kif isir skont l-obbligi ta' ppjanar u ta' rapportar ta' dan ir-Regolament u xorta jkunu disponibbli mill-Eurostat bl-istess valuri. Meta jkunu disponibbli u xierqa f'termini ta' tempestività, jenħtieġ li d-dejta u l-projezzjonijiet irrapportati pprovduti fil-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima jibnu fuq id-dejta tal-Eurostat u fuq il-metodoloġija li ntużat għar-rapportar tal-istatistika Ewropea skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 u jkunu konsistenti magħhom. |
| [27] Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir- | [27] Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir- |

| | |
|---|---|
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164). | Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164). |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) Sabiex l-għanijiet tal-Istrateġija dwar l-Unjoni tal-Enerġija jintlaħqu b'mod kollettiv, se jkun essenzjali li l-Kummissjoni tivvaluta ***l-pjanijiet*** nazzjonali ***u*** l-implimentazzjoni ***tagħhom, abbażi tar-rapporti*** ta' progress. ***Għall-ewwel perjodu ta' għaxar snin, dan jikkonċerna b'mod partikolari l-kisba*** tal-miri tal-enerġija u tal-klima fil-livell tal-Unjoni għall-2030 ***u l-kontributi nazzjonali għal dawk il-miri***. Jenħtieġ li din il-valutazzjoni ssir fuq bażi biennali, u fuq bażi annwali meta jkun meħtieġ ***biss***, u jenħtieġ li tiġi kkonsolidata fl-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija tal-Kummissjoni. | (32) Sabiex l-għanijiet ***tal-ħames dimensjonijiet*** tal-Istrateġija dwar l-Unjoni tal-Enerġija jintlaħqu b'mod kollettiv, ***b'mod partikolari l-ħolqien ta' Unjoni tal-Enerġija kompletament funzjonali u reżiljenti,*** se jkun essenzjali li l-Kummissjoni tivvaluta ***l-abbozzi ta' pjanijiet*** nazzjonali ***kif ukoll*** l-implimentazzjoni ***tal-pjanijiet nazzjonali nnotifikati permezz ta' rapporti*** ta' progress. ***Dan huwa partikolarment il-każ fir-rigward*** tal-miri tal-enerġija u tal-klima fil-livell tal-Unjoni għall-2030 ***għall-ewwel perjodu ta' għaxar snin***. Jenħtieġ li din il-valutazzjoni ssir fuq bażi biennali, u fuq bażi annwali meta jkun meħtieġ, u jenħtieġ li tiġi kkonsolidata fl-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija tal-Kummissjoni. |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (33) L-avjazzjoni ***jkollha*** impatti fuq il-klima globali minħabba r-rilaxx ta' $CO_2$ kif ukoll ta' emissjonijiet oħra, inklużi l-emissjonijiet ta' ossidi tan-nitroġenu, u | (33) L-avjazzjoni ***għandha*** impatti fuq il-klima globali minħabba r-rilaxx ta' $CO_2$ kif ukoll ta' emissjonijiet oħra, inklużi l-emissjonijiet ta' ossidi tan-nitroġenu, u |

| | |
|---|---|
| mekkaniżmi, bħall-intensifikazzjoni mis-sħab taċ-ċirru. Fid-dawl tal-għarfien xjentifiku dwar dawk l-impatti li qed jiżviluppa b'mod rapidu, fir-Regolament (UE) Nru 525/2013 diġà hija prevista valutazzjoni aġġornata tal-impatti tal-avjazzjoni mhux mis-$CO_2$ fuq il-klima globali. Jenħtieġ li l-immudellar li ntuża f'dan ir-rigward jiġi adattat għall-progress xjentifiku. Abbażi tal-valutazzjonijiet tagħha ta' tali impatti, il-Kummissjoni ***tista'*** tikkunsidra għażliet rilevanti ta' politika biex dawn jiġu indirizzati. | mekkaniżmi, bħall-intensifikazzjoni mis-sħab taċ-ċirru. Fid-dawl tal-għarfien xjentifiku dwar dawk l-impatti li qed jiżviluppa b'mod rapidu, fir-Regolament (UE) Nru 525/2013 diġà hija prevista valutazzjoni aġġornata tal-impatti tal-avjazzjoni mhux mis-$CO_2$ fuq il-klima globali. Jenħtieġ li l-immudellar li ntuża f'dan ir-rigward jiġi adattat għall-progress xjentifiku. Abbażi tal-valutazzjonijiet tagħha ta' tali impatti, ***jenħtieġ li sal-1 ta' Marzu 2020*** il-Kummissjoni tikkunsidra għażliet rilevanti ta' politika biex dawn jiġu indirizzati***, u tippreżenta proposta leġiżlattiva, jekk ikun xieraq***. |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 33a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(33a) F'konformità mal-linji gwida attwali tal-UNFCCC dwar ir-rapportar għall-gassijiet serra, il-kalkolu u r-rapportar tal-emissjonijiet tal-metan huma bbażati fuq il-potenzjali ta' tisħin globali (GWP) fir-rigward ta' orizzont ta' 100 sena żmien. Minħabba l-GWP għoli u t-tul ta' ħajja atmosferika relattivament qasir tal-metan, li jwassal għal impatt sinifikanti fuq il-klima fi żmien qasir u medju, il-Kummissjoni jenħtieġ li tanalizza l-implikazzjonijiet għall-politiki u l-miżuri jekk tadotta orizzont ta' 20 sena żmien għall-metan. Abbażi tal-analiżi tagħha, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra opzjonijiet ta' politika rilevanti biex tindirizza malajr l-emissjonijiet tal-metan permezz ta' Strateġija tal-Unjoni dwar il-Metan, filwaqt li tipprijoritizza l-emissjonijiet tal-metan marbutin mal-enerġija u mal-iskart.*** |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 34**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (34) Sabiex tiġi żgurata ***koerenza*** bejn il-politiki u l-għanijiet nazzjonali u tal-Unjoni dwar l-Unjoni tal-Enerġija, jenħtieġ li jkun hemm djalogu kontinwu bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. ***Kif ikun xieraq,*** jenħtieġ li l-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri inkluż dwar il-livell ta' ambizzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet nazzjonali, dwar l-implimentazzjoni sussegwenti tal-politiki u tal-miżuri tal-pjanijiet nazzjonali nnotifikati, u dwar pjanijiet u miżuri nazzjonali oħra ta' rilevanza għall-implimentazzjoni tal-Unjoni tal-Enerġija. Jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu ***ferm*** dawn ir-rakkomandazzjonijiet u fir-rapporti sussegwenti ta' progress jispjegaw kif ikunu ġew implimentati. | (34) Sabiex tiġi żgurata ***l-koerenza*** bejn il-politiki u l-għanijiet nazzjonali u tal-Unjoni dwar l-Unjoni tal-Enerġija, jenħtieġ li jkun hemm djalogu kontinwu bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri ***u, fejn ikun xieraq, bejn l-Istati Membri***. Jenħtieġ li l-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri inkluż dwar il-livell ta' ambizzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet nazzjonali, dwar l-implimentazzjoni sussegwenti tal-politiki u tal-miżuri tal-pjanijiet nazzjonali nnotifikati, u dwar pjanijiet u miżuri nazzjonali oħra ta' rilevanza għall-implimentazzjoni tal-Unjoni tal-Enerġija. Jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu dawn ir-rakkomandazzjonijiet u fir-rapporti sussegwenti ta' progress jispjegaw kif ikunu ġew implimentati. |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 35**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (35) Jekk l-ambizzjoni ***tal-pjanijiet*** nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima ***jew tal-aġġornamenti tagħhom*** ma ***tkunx*** biżżejjed biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija u, għall-ewwel perjodu, b'mod partikolari l-miri tal-enerġija rinnovabbli u tal-effiċjenza enerġetika għall-2030, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu miżuri fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġi żgurat li dawn l-għanijiet u l-miri jintlaħqu (u b'hekk | (35) Jekk l-ambizzjoni ***u l-miri, il-politiki u l-miżuri mfissra fil-pjanijiet*** nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima ma ***jkunux*** biżżejjed biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija u, għall-ewwel perjodu, b'mod partikolari l-miri tal-enerġija rinnovabbli u tal-effiċjenza enerġetika għall-2030, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu miżuri fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġi żgurat li dawn l-għanijiet u l-miri jintlaħqu ***u l-Istati*** |

| | |
|---|---|
| titneħħa kwalunkwe 'diskrepanza fl-ambizzjoni'). Jekk il-progress li jkun sar mill-Unjoni fir-rigward dawn l-għanijiet u l-miri ma jkunx biżżejjed biex jintlaħqu, jenħtieġ li l-Kummissjoni, apparti li toħroġ rakkomandazzjonijiet, tieħu miżuri fil-livell tal-Unjoni jew l-Istati Membri jieħdu miżuri addizzjonali sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu dawn l-għanijiet u l-miri (b'hekk titneħħa kwalunkwe 'diskrepanza fit-twettiq'). Jenħtieġ li dawn il-miżuri jqisu ***l-kontributi*** ambizzjużi bikrin li jkunu saru mill-Istati Membri għall-miri tal-enerġija rinnovabbli u tal-effiċjenza enerġetika għall-2030 meta sseħħ il-kondiviżjoni tal-isforz biex il-miri jintlaħqu b'mod kollettiv. Fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, tali miżuri jistgħu jinkludu wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri għal pjattaforma ta' finanzjament ġestita mill-Kummissjoni, li tintuża biex jingħata kontribut għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-miri nazzjonali tal-enerġija rinnovabbli tal-Istati Membri għall-2020 iservu bħala ishma ta' referenza għall-enerġija rinnovabbli mill-2021 'il quddiem. Fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, miżuri addizzjonali jistgħu b'mod partikolari jimmiraw li jtejbu l-effiċjenza enerġetika tal-prodotti, tal-bini u tat-trasport. | ***Membri jenħtieġ li jirrevedu 'l fuq il-miri nazzjonali tagħhom fil-qasam tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli sal-31 ta' Diċembru 2020*** (u b'hekk titneħħa kwalunkwe "diskrepanza fl-ambizzjoni"). Jekk il-progress li jkun sar mill-Unjoni fir-rigward dawn l-għanijiet u l-miri ma jkunx biżżejjed biex jintlaħqu, jenħtieġ li l-Kummissjoni, apparti li toħroġ rakkomandazzjonijiet, tieħu miżuri fil-livell tal-Unjoni jew l-Istati Membri jieħdu miżuri addizzjonali sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu dawn l-għanijiet u l-miri (b'hekk titneħħa kwalunkwe "diskrepanza fit-twettiq"). Jenħtieġ li dawn il-miżuri jqisu ***l-isforzi*** ambizzjużi bikrin li jkunu saru mill-Istati Membri għall-miri tal-enerġija rinnovabbli u tal-effiċjenza enerġetika għall-2030 meta sseħħ il-kondiviżjoni tal-isforz biex il-miri jintlaħqu b'mod kollettiv. Fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, tali miżuri jistgħu jinkludu wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji ***volontarji*** mill-Istati Membri għal pjattaforma ta' finanzjament ġestita mill-Kummissjoni, li tintuża biex jingħata kontribut għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli fl-Unjoni***, inklużi dawk ta' interess tal-Unjoni tal-Enerġija***. Jenħtieġ li l-miri nazzjonali tal-enerġija rinnovabbli tal-Istati Membri għall-2020 iservu bħala ishma ta' referenza għall-enerġija rinnovabbli mill-2021 'il quddiem ***u jenħtieġ li jinżammu tul il-perjodu kollu***. Fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, miżuri addizzjonali jistgħu b'mod partikolari jimmiraw li jtejbu l-effiċjenza enerġetika tal-prodotti, tal-bini u tat-trasport. |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 38**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (38) Jenħtieġ li l-Istati Membri u l- | (38) Jenħtieġ li l-Istati Membri u l- |

| | |
|---|---|
| Kummissjoni jiżguraw kooperazzjoni mill-qrib fil-kwistjonijiet kollha marbuta mal-implimentazzjoni tal-Unjoni tal-Enerġija u ta' dan ir-Regolament, bl-involviment mill-qrib tal-Parlament Ewropew. ***Kif ikun xieraq,*** jenħtieġ li l-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-istabbiliment ***ta' pjanijiet*** nazzjonali u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet assoċjati. | Kummissjoni jiżguraw kooperazzjoni mill-qrib fil-kwistjonijiet kollha marbuta mal-implimentazzjoni tal-Unjoni tal-Enerġija u ta' dan ir-Regolament, bl-involviment mill-qrib tal-Parlament Ewropew. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-istabbiliment***, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjanijiet*** nazzjonali ***integrati dwar l-enerġija u l-klima u l-istrateġija fuq terminu twil dwar il-klima u l-enerġija*** u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet assoċjati ***billi timmobilizza r-riżorsi interni mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, il-kapaċità ta' mudellar intern u, fejn rilevanti, għarfien espert estern***. |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 41a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(41a) Dan ir-Regolament jinkludi dispożizzjonijiet relatati mat-trattament tal-effiċjenza enerġetika bħala prijorità infrastrutturali, u jirrikonoxxi li din tissodisfa d-definizzjoni ta' infrastruttura użata mill-Fond Monetarju Internazzjonali u istituzzjonijiet ekonomiċi oħrajn, minbarra li jagħmilha element kruċjali u kunsiderazzjoni prijoritarja fid-deċiżjonijiet futuri dwar l-investiment fl-infrastruttura tal-enerġija tal-Ewropa[1a].*** <br>______________ <br>***[1a] Rapport tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Ġunju 2016 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija (2012/27/UE) (2015/2232(INI))*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 43**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (43) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi assistita fil-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament permezz ta' Kumitat dwar ***l-Unjoni tal-Enerġija*** sabiex jitħejjew l-atti ta' implimentazzjoni. ***Jenħtieġ li dan jissostitwixxi u jassumi l-kompiti tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima u ta' kumitati oħra kif ikun xieraq.*** | (43) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi assistita fil-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament permezz ta' Kumitat dwar ***l-Enerġija u l-Klima*** sabiex jitħejjew l-atti ta' implimentazzjoni. ***Fir-rigward tal-kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet speċifiċi għall-klima, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun assistita mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013.*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 44a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(44a) Bi tħejjija għal reviżjoni futura ta' dan ir-Regolament u fil-kuntest tal-istrateġija ta' ċibersigurtà tal-Unjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tivvaluta jekk jafx ikun hemm il-ħtieġa li jiżdiedu rekwiżiti ta' ppjanar u rapportar uniformi addizzjonali dwar l-isforzi tal-Istati Membri biex itejbu l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika tas-sistema tal-enerġija tal-UE kontra kull forma ta' theddid ċibernetiku, b'mod partikolari fid-dawl tal-għadd dejjem jikber ta' attakki ċibernetiċi potenzjalment kritiċi matul l-aħħar deċennju, sabiex tiġi garantita s-sigurtà tal-enerġija fi kwalunkwe ċirkostanza. Madankollu, koordinazzjoni mtejba bħal din fl-Unjoni jenħtieġ li ma taffettwax l-interessi ta' sigurtà nazzjonali tal-Istati Membri billi tiżvela informazzjoni sensittiva.*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni | Is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni |
| 1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi mekkaniżmu ta' Governanza sabiex: | 1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi mekkaniżmu ta' Governanza sabiex: |
| | ***(-a) jiġu implimentati strateġiji u miżuri fit-tul għall-klima u l-enerġija mfassla biex jiġu rrispettati l-impenji tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi;*** |
| (a) jiġu implimentati strateġiji u miżuri mfassla biex jintlaħqu l-għanijiet u l-miri tal-Unjoni tal-Enerġija, u għall-ewwel perjodu ta' għaxar snin mill-2021 sal-2030, b'mod partikolari l-miri tal-enerġija u tal-klima ***tal-UE*** għall-2030; | (a) jiġu implimentati strateġiji u miżuri mfassla biex jintlaħqu l-għanijiet u l-miri tal-Unjoni tal-Enerġija, u għall-ewwel perjodu ta' għaxar snin mill-2021 sal-2030, b'mod partikolari l-miri tal-enerġija u tal-klima ***tal-Unjoni*** għall-2030; |
| | ***(aa) jiġu strutturati sħubiji u kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-livell makroreġjonali u reġjonali, maħsuba biex jinkisbu l-miri, l-objettivi u l-impenji tal-Unjoni tal-Enerġija;*** |
| (b) jiġu żgurati t-tempestività, it-trasparenza, ir-reqqa, il-konsistenza, il-komparabbiltà u l-kompletezza tar-rapportar mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha lis-Segretarjat tal-UNFCCC. | (b) jiġu żgurati t-tempestività, it-trasparenza, ir-reqqa, il-konsistenza, il-komparabbiltà u l-kompletezza tar-rapportar mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha lis-Segretarjat tal-UNFCCC. |
| | ***(ba) jikkontribwixxi għal ċertezza regolatorja akbar kif ukoll jikkontribwixxi għal aktar ċertezza għall-investituri u jgħin sabiex jittieħed vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet għal żvilupp ekonomiku, l-istimolu tal-investiment, il-ħolqien tal-impjiegi u l-koeżjoni soċjali;*** |
| | ***(bc) jappoġġa tranżizzjoni ġusta għaċ-ċittadini u għar-reġjuni li jistgħu jkunu milquta ħażin mit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju.*** |

| | |
|---|---|
| Il-mekkaniżmu ta' governanza għandu jkun ibbażat fuq pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima li jkopru perjodi ta' għaxar snin li jibdew mill-2021 sal-2030, filwaqt li jikkorrispondi mar-rapporti nazzjonali integrati ta' progress dwar l-enerġija u l-klima mill-Istati Membri u mal-arranġamenti integrati ta' monitoraġġ mill-Kummissjoni Ewropea. Dan għandu jiddefinixxi proċess strutturat u ***ripetittiv*** bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri bl-għan li jiġu ffinalizzati l-pjanijiet nazzjonali u l-implimentazzjoni sussegwenti tagħhom, inkluż fir-rigward tal-kooperazzjoni reġjonali u l-azzjoni korrispondenti tal-Kummissjoni. | Il-mekkaniżmu ta' governanza għandu jkun ibbażat fuq pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima li jkopru perjodi ta' għaxar snin li jibdew mill-2021 sal-2030, filwaqt li jikkorrispondi mar-rapporti nazzjonali integrati ta' progress dwar l-enerġija u l-klima mill-Istati Membri u mal-arranġamenti integrati ta' monitoraġġ mill-Kummissjoni Ewropea. Dan għandu jiddefinixxi proċess strutturat***, trasparenti*** u ***iterattiv*** bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri ***li jiżgura l-parteċipazzjoni sħiħa tal-pubbliku inġenerali u tal-awtoritajiet lokali*** bl-għan li jiġu ffinalizzati l-pjanijiet nazzjonali u l-implimentazzjoni sussegwenti tagħhom, inkluż fir-rigward tal-kooperazzjoni ***makroreġjonali u*** reġjonali u l-azzjoni korrispondenti tal-Kummissjoni. |
| 2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija li ġejjin: | 2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija li ġejjin: |
| (a) is-sigurtà tal-enerġija, | (a) is-sigurtà tal-enerġija, |
| (b) is-suq tal-enerġija, | (b) is-suq ***intern*** tal-enerġija, |
| (c) l-effiċjenza enerġetika, | (c) l-effiċjenza enerġetika, |
| (d) id-dekarbonizzazzjoni u | (d) id-dekarbonizzazzjoni u |
| (e) ***r-riċerka***, l-innovazzjoni u l-kompetittività. | (e) ***ir-riċerka***, l-innovazzjoni u l-kompetittività. |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, ***għandhom*** japplikaw id-definizzjonijiet fir-[riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/28/KE kif proposta b'COM(2016)0767], fid-Direttiva 2010/31/UE u fid-Direttiva 2012/27/UE. | Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet fir-[riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/28/KE kif proposta b'COM(2016)0767], ***[riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/72/KE kif propost mill-COM(2016)XXXX],*** fid-Direttiva 2010/31/UE u fid-Direttiva 2012/27/UE. |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) "politiki u miżuri adottati" tfisser il-politiki u l-miżuri li għalihom tkun ittieħdet deċiżjoni uffiċjali tal-gvern sad-data li fiha jintbagħtu l-pjan nazzjonali jew ir-rapport ta' progress u jkun hemm impenn ċar li ssir l-implimentazzjoni; | (3) "politiki u miżuri adottati" tfisser il-politiki u l-miżuri li għalihom tkun ittieħdet deċiżjoni ***ċentrali jew subnazzjonali*** uffiċjali tal-gvern sad-data li fiha jintbagħtu l-pjan nazzjonali jew ir-rapport ta' progress u jkun hemm impenn ċar li ssir l-implimentazzjoni; |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(9) "il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030" tfisser il-mira vinkolanti fl-Unjoni ta' tnaqqis domestiku ta' minn tal-inqas 40 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-ekonomija kollha meta mqabbla mal-1990 li jrid jintlaħaq sal-2030, il-mira vinkolanti fil-livell tal-Unjoni ta' minn tal-inqas 27 % tas-sehem ta' enerġija rinnovabbli kkunsmata fl-UE fl-2030, il-mira fil-livell tal-Unjoni ta' minn tal-inqas 27 % għat-titjib fl-effiċjenza enerġetika fl-2030, li trid tiġi rieżaminata fl-2020 filwaqt li jitqies livell tal-UE ta' 30 %, u l-mira ta' 15 % għall-interkonnessjoni tal-elettriku għall-2030 jew kwalunkwe mira sussegwenti f'dan ir-rigward maqbula mill-Kunsill Ewropew jew mill-Kunsill u mill-Parlament għall-2030.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 11a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(11a) "sforzi bikrija" tfisser progress bikri ta' Stat Membru magħmul mill-2021 'il quddiem lejn il-kisba tal-mira tiegħu għall-enerġija rinnovabbli kif imsemmija fl-Artikolu 3 tar-[riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli] u l-mira tiegħu għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika kif imsemmija fl-Artikolu 1(1) u fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2012/27/UE;*** |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 17a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(17a) "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" tfisser il-prijoritizzazzjoni, fid-deċiżjonijiet kollha dwar l-ippjanar, il-politika u l-investimenti marbutin mal-enerġija, ta' miżuri biex id-domanda u tal-provvista tal-enerġija jsiru aktar effiċjenti, permezz ta' ffrankar enerġetiku kostottimali fil-konsum finali, inizjattivi ta' ġestjoni min-naħa tad-domanda u konverżjoni, trażmissjoni u distribuzzjoni aktar effiċjenti tal-enerġija;*** |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 3 | Artikolu 3 |
| Pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima | Pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima |
| 1. Sal-1 ta' Jannar 2019 u sussegwentement kull għaxar snin, kull Stat Membru għandu jinnotifika pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima lill-Kummissjoni. Il-pjanijiet għandhom jinkludu l-elementi stabbiliti fil-paragrafu 2 u fl-Anness I. L-ewwel pjan għandu jkopri l-perjodu mill-2021 sal-2030. Il-pjanijiet sussegwenti għandhom ikopru l-perjodu ta' għaxar snin li jiġi immedjatament wara t-tmiem tal-perjodu kopert mill-pjan preċedenti. | 1. Sal-1 ta' Jannar 2019 u sussegwentement kull għaxar snin, kull Stat Membru għandu jinnotifika pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima lill-Kummissjoni. Il-pjanijiet għandhom jinkludu l-elementi stabbiliti fil-paragrafu 2 u fl-Anness I. L-ewwel pjan għandu jkopri l-perjodu mill-2021 sal-2030. Il-pjanijiet sussegwenti għandhom ikopru l-perjodu ta' għaxar snin li jiġi immedjatament wara t-tmiem tal-perjodu kopert mill-pjan preċedenti. |
| 2. Il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima għandu jkun fihom it-taqsimiet prinċipali li ġejjin: | 2. Il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima għandu jkun fihom it-taqsimiet prinċipali li ġejjin: |
| (a) stampa ġenerali tal-proċess segwit għall-istabbiliment tal-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima, li jkun fiha sommarju eżekuttiv, deskrizzjoni tal-konsultazzjoni u l-involviment ***tal-partijiet ikkonċernati*** u tar-riżultati tagħhom, ***u*** tal-kooperazzjoni reġjonali ma' Stati Membri oħra fit-tħejjija tal-pjan; | (a) stampa ġenerali tal-proċess segwit għall-istabbiliment tal-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima, li jkun fiha: |
| | ***(1)*** sommarju eżekuttiv, |
| | ***(2)*** deskrizzjoni tal-konsultazzjoni u l-involviment ***tal-awtoritajiet lokali, tas-soċjetà ċivili, tas-sħab soċjali u taċ-ċittadini*** u tar-riżultati tagħhom, |
| | ***(3) deskrizzjoni*** tal-kooperazzjoni ***makroreġjonali u*** reġjonali ma' Stati Membri oħra fit-tħejjija tal-pjan; |
| (b) deskrizzjoni tal-għanijiet***,*** tal-miri ***u tal-kontributi*** nazzjonali għal kull waħda mill-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija; | (b) deskrizzjoni tal-għanijiet ***u*** tal-miri nazzjonali għal kull waħda mill-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija; |

| | |
|---|---|
| (c) deskrizzjoni tal-politiki ***u*** tal-miżuri previsti biex jintlaħqu l-għanijiet***, il-miri u l-kontributi*** korrispondenti stabbiliti skont il-punt (b); | (c) deskrizzjoni tal-politiki**,** tal-miżuri ***u tal-istrateġiji ta' investiment ippjanati*** previsti biex jintlaħqu l-għanijiet ***u l-miri*** korrispondenti stabbiliti skont il-punt (b); |
| (d) deskrizzjoni tas-sitwazzjoni attwali tal-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija inkluż fir-rigward tas-sistema tal-enerġija u l-emissjonijiet, l-assorbimenti kif ukoll il-projezzjonijiet ta' gassijiet serra tal-għanijiet msemmija fil-punt (b) fil-konfront ta' politiki u ta' miżuri (implimentati u adottati) li diġà jkunu eżistenti; | (d) deskrizzjoni tas-sitwazzjoni attwali tal-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija inkluż fir-rigward tas-sistema tal-enerġija u l-emissjonijiet, l-assorbimenti kif ukoll il-projezzjonijiet ta' gassijiet serra tal-għanijiet ***u l-miri*** msemmija fil-punt (b) fil-konfront ta' politiki u ta' miżuri (implimentati u adottati) li diġà jkunu eżistenti ***kif ukoll deskrizzjoni tal-ostakli u x-xkiel regolatorji u mhux regolatorji għall-kisba tal-miri u l-objettivi***; |
| (e) valutazzjoni tal-impatti tal-politiki u tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija ***fil-punt (b)***; | (e) valutazzjoni tal-impatti tal-politiki u tal-miżuri ***individwali u aggregati*** ppjanati sabiex jintlaħqu ***l-miri u*** l-għanijiet imsemmija ***fl-Artikoli 1, 4, 13a u 14, u dwar l-impatti ambjentali, inkluż fuq il-kwalità tal-arja u l-ħarisen tan-natura u l-impatti fuq is-saħħa, makroekonomiċi u soċjali***; |
| | ***(ea) valutazzjoni tal-impatti tal-politiki u tal-miżuri ppjanati dwar il-kompettitività marbutin mal-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija;*** |
| | ***(eb) valutazzjoni tal-impatti klimatiċi potenzjali fl-Istat Membru, inklużi l-impatti diretti u indiretti, u l-istrateġiji ta' reżiljenza biex jiġu mmaniġġjati l-impatti klimatiċi, bħal pjanijiet ta' adattament nazzjonali;*** |
| | ***(ec) wara l-iżvilupp ta' strateġija ta' investiment, stima tal-investiment pubbliku u privat meħtieġ biex jiġu implimentati l-politiki u l-miżuri ppjanati;*** |
| (f) anness, imfassal skont ir-rekwiżiti u l-istruttura stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, li jistabbilixxi l-metodoloġiji u l-miżuri ta' politika tal-Istat Membru biex jinkiseb ir-rekwiżit tal-iffrankar enerġetiku skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2012/27/UE [il-verżjoni kif emendata skont il-proposta COM(2016)0761] u l-Anness V tagħha. | (f) anness, imfassal skont ir-rekwiżiti u l-istruttura stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, li jistabbilixxi l-metodoloġiji u l-miżuri ta' politika tal-Istat Membru biex jinkiseb ir-rekwiżit tal-iffrankar enerġetiku skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2012/27/UE [il-verżjoni kif emendata skont il-proposta COM(2016)0761] u l-Anness V tagħha. |
| 3. Meta jħejju l-pjanijiet nazzjonali | 3. Meta jħejju l-pjanijiet nazzjonali |

msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom iqisu l-interkonnessjonijiet bejn il-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija ***u għandhom*** jużaw dejta u suppożizzjonijiet konsistenti fil-ħames dimensjonijiet kollha meta dan ikun rilevanti.

msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom***:***

***(a) jillimitaw il-kumplessità amministrattiva u l-ispejjeż għall-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha;***

***(b)*** iqisu l-interkonnessjonijiet bejn il-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija***, b'mod partikolari l-prinċipju li l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel;***

***(c)*** jużaw dejta u suppożizzjonijiet ***kredibbli u*** konsistenti fil-ħames dimensjonijiet kollha meta dan ikun rilevanti ***u jagħmlu d-dejta użata għall-eżerċizzji tal-immudellar disponibbli pubblikament***;

***(d) jiżguraw li jkun hemm konsistenza mal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 u mal-istrateġiji nazzjonali fuq żmien fit-tul għall-klima u l-enerġija, kif previst fl-Artikolu 14;***

***(e) jivvalutaw l-għadd ta' unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku, b'kont meħud tas-servizzi tal-enerġija domestiċi meħtieġa sabiex jiġu garantiti l-istandards tal-għajxien bażiċi fil-kuntest nazzjonali rilevanti, u jiddefinixxu politiki u miżuri eżistenti u ppjanati li jindirizzaw il-faqar fl-enerġija, inklużi miżuri ta' politika soċjali u programmi nazzjonali oħra rilevanti;***

***F'każ li Stat Membru jkollu għadd sinifikanti ta' unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku, kif sostnut mill-valutazzjoni bbażata fuq dejta verifikabbli, u bl-użu ta' indikaturi tad-dispersjoni ġeografika, huwa jenħtieġ li jinkludi fil-pjan tiegħu objettiv indikattiv nazzjonali biex inaqqas il-faqar enerġetiku;***

***(f) jinkludu dispożizzjonijiet biex jevitaw, jimmitigaw jew, jekk il-proġetti jkunu ta' interess pubbliku u ma jkunx hemm alternattivi disponibbli,***

***jikkumpensaw kwalunkwe impatt ambjentali avvers li jfeġġ bħala parti mir-rapportar integrat skont l-Artikoli 15 sa 22.***

***(g) iqisu l-iżjed rakkomandazzjonijiet speċifiċi reċenti għall-pajjiżi li jkunu nħarġu fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.***

***3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, wara l-ewwel pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima tagħhom, kull wieħed mill-pjanijiet sussegwenti tagħhom, innotifikati lill-Kummissjoni skont il-paragrafu 1, jimmodifika l-miri u l-objettivi nazzjonali tagħhom, kif imsemmi fl-Artikolu 4, biex jirriflettu żieda fl-ambizzjoni meta mqabbel ma' dik stabbilita fil-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima preċedenti tagħhom.***

***3b. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku r-rapporti ppreżentati lill-Kummissjoni b'konformità ma' dan l-Artikolu.***

| | |
|---|---|
| 4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 36 biex temenda l-Anness I sabiex tadattah għall-emendi fil-qafas ta' politika dwar l-enerġija u l-klima tal-Unjoni, l-iżviluppi fis-suq tal-enerġija u r-rekwiżiti l-ġodda tal-UNFCCC u tal-Ftehim ta' Pariġi. | 4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 36 biex temenda l-Anness I sabiex tadattah għall-emendi fil-qafas ta' politika dwar l-enerġija u l-klima tal-Unjoni, l-iżviluppi fis-suq tal-enerġija u r-rekwiżiti l-ġodda tal-UNFCCC u tal-Ftehim ta' Pariġi. |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Għanijiet,*** miri u ***kontributi nazzjonali*** għal kull waħda mill-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija | Miri u ***għanijiet*** għal kull waħda mill-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-għanijiet***, il-miri u l-kontributi*** ewlenin li ġejjin fil-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima, kif speċifikat fit-Taqsima A.2. tal-Anness I: | L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-għanijiet ***u l-miri*** ewlenin li ġejjin fil-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima, kif speċifikat fit-Taqsima A.2. tal-Anness I: |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a – punt 1 – punt iia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(iia) it-trajjettorji li l-Istat Membru jippjana li jżomm u jsaħħaħ l-assorbimenti tal-karbonju minn bjar, b'konformità mal-istrateġiji għall-klima u l-enerġija fit-tul kif imsemmi fl-Artikolu 14;*** |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a – punt 1 – punt iii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| iii. ***meta jkun applikabbli,*** għanijiet u miri nazzjonali ***oħra*** li jkunu konsistenti ***ma' strateġiji eżistenti fit-tul għal emissjonijiet baxxi***; | iii. Għanijiet u miri nazzjonali ***oħrajn*** li jkunu konsistenti ***mal-Ftehim ta' Pariġi u l-istrateġiji dwar il-klima u l-enerġija għal terminu ta' żmien twil***. |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a – punt 2 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| i. bl-għan li tintlaħaq il-mira vinkolanti tal-Unjoni ta' minn tal-inqas ***27*** % enerġija rinnovabbli fl-2030 kif imsemmi fl-Artikolu 3 tar-[riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/28/KE kif proposta b'COM(2016)0767], ***kontribut għal din il-mira f'termini tas-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli tal-Istat Membru fil-konsum finali gross tal-enerġija fl-2030, bi trajettorja lineari għal dak il-kontribut mill-2021 'il quddiem;*** | i. bl-għan li tintlaħaq il-mira vinkolanti tal-Unjoni ta' minn tal-inqas ***35*** % enerġija rinnovabbli fl-2030 kif imsemmi fl-Artikolu 3 tar-[riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/28/KE kif proposta b'COM(2016)0767], |

**Emenda 291**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a – punt 2 – punt ia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***i a. il-mira nazzjonali tal-Istat Membru għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum gross finali tal-enerġija fl-2030 stabbilita skont l-Artikolu 3 u l-Anness Ia għad-Direttiva (UE).../... [riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/28/KE kif propost mill-COM(2016) 767], bi trajettorja progressiva li tiżgura l-użu regolari tal-enerġija rinnovabbli mill-2021 'il quddiem, kif stabbilit fl-Anness Ia għal dan ir-Regolament;*** |

**Emenda 292**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a – punt 2 – punt ib (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***i b. It-trajettorja msemmija fil-paragrafu ia għandha:*** <br><br> ***(i) tibda mis-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fl-2020, kif stabbilit fit-tielet kolonna tat-tabella fil-Parti A tal-Anness I għad-Direttiva (UE).../... [riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/28/KE kif propost mill-COM(2016) 767]. Jekk Stat Membru jaqbeż il-mira nazzjonali vinkolanti għall-2020 tiegħu, it-trajettorja tista' tibda mill-livell li ntlaħaq fl-2020;*** <br><br> ***(ii) tikkonsisti minn minimu ta' tliet punti ta' referenza kkalkulati bħala l-medja tas-sentejn jew tliet snin preċedenti kif stipulat fl-Anness Ia;*** <br><br> ***(iii) tal-anqas tilħaq il-miri nazzjonali għall-2030 tagħha;*** |

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a – punt 2 – punt ic (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***ic. It-trajettorja tal-Istat Membru msemmija fil-punti ia u ib, meħudin flimkien, għandhom jammontaw għat-trajettorja lineari vinkolanti tal-Unjoni u għandha tilħaq il-mira vinkolanti tal-Unjoni ta' minn tal-inqas 35 % enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija fl-2030;*** |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a – punt 2 – punt id (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***id. it-trajettorji tal-Istat Membru għas-sehem ġenerali tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija mill-2030 'il quddiem għandhom ikunu konsistenti mal-istrateġiji fit-tul dwar l-enerġija u l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***klima;*** |

**Emendi 69 u 287**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a – punt 2 – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ii. it-trajettorji għas-sehem settorjali ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija mill-2021 sal-2030 fis-setturi tat-tisħin u tat-tkessiħ, tal-elettriku u tat-trasport; | ii. it-trajettorji ***indikattivi tal-Istat Membru*** għas-sehem settorjali ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija mill-2021 sal-2030 fis-setturi tat-tisħin u tat-tkessiħ, tal-elettriku u tat-trasport; |

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a – punt 2 – punt iii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| iii. it-trajettorji b'teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli li l-Istat Membru jippjana li juża biex jikseb it-trajettorji ġenerali u settorjali għall-enerġija rinnovabbli mill-2021 sal-2030 inklużi t-total mistenni tal-konsum finali gross tal-enerġija għal kull teknoloġija u settur f'Mtoe u t-total ippjanat tal-kapaċità installata għal kull teknoloġija u settur f'MW; | iii. it-trajettorji ***indikattivi*** b'teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli li l-Istat Membru jippjana li juża biex jikseb it-trajettorji ġenerali u settorjali għall-enerġija rinnovabbli mill-2021 sal-2030 inklużi t-total mistenni tal-konsum finali gross tal-enerġija għal kull teknoloġija u settur f'Mtoe u t-total ippjanat tal-kapaċità installata għal kull teknoloġija u settur***, inkluż ir-repowering,*** f'MW; |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a – punt 2 – punt iiia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***iiia. is-sehem ta' enerġija rinnovabbli ta' Stat Membru, kif ukoll objettivi u trajettorji għal enerġija minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli prodotta mill-bliet, mill-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u mill-konsumaturi tal-enerġija tagħhom*** |

| | |
|---|---|
| | ***stess mill-2021 sal-2030, inkluż il-konsum gross finali tal-enerġija mistenni f'Mtoe.*** |

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) ***il-kontribut*** nazzjonali ***indikattiv*** għall-effiċjenza enerġetika biex tinkiseb il-mira vinkolanti tal-Unjoni għall-effiċjenza enerġetika ta' ***30*** % fl-2030 kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) u fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2012/27/UE [il-verżjoni kif emendata skont il-proposta COM(2016)0761], abbażi tal-konsum primarju jew finali tal-enerġija, l-iffrankar primarju jew finali tal-enerġija, jew l-intensità enerġetika. | (1) ***il-mira*** nazzjonali ***vinkolanti*** għall-effiċjenza enerġetika biex tinkiseb il-mira vinkolanti tal-Unjoni għall-effiċjenza enerġetika ta' ***40*** % fl-2030 kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) u fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2012/27/UE [il-verżjoni kif emendata skont il-proposta COM(2016)0761], abbażi tal-konsum primarju jew finali tal-enerġija, l-iffrankar primarju jew finali tal-enerġija, jew l-intensità enerġetika***, bi trajettorja lineari għal dik il-mira mill-2021 'il quddiem***. |
| L-Istati Membri għandhom jesprimu ***l-kontributi*** tagħhom f'termini tal-livell assolut ta' konsum primarju tal-enerġija u konsum finali tal-enerġija fl-2020 u fl-2030***, bi trajettorja lineari għal dak il-kontribut mill-2021 'il quddiem***. Huma għandhom jispjegaw il-metodoloġija sottostanti tagħhom u l-fatturi ta' konverżjoni li ntużaw; | L-Istati Membri għandhom jesprimu ***l-l-miri ta' effiċjenza enerġetika*** tagħhom f'termini tal-livell assolut ta' konsum primarju tal-enerġija u konsum finali tal-enerġija fl-2020 u fl-2030. Huma għandhom jispjegaw il-metodoloġija sottostanti tagħhom u l-fatturi ta' konverżjoni li ntużaw ***b'konformità mal-Annessi IV u V ta' ... [tal-verżjoni kif emendata skont il-proposta COM(2016)0761]***; |
| | ***It-trajettorja msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tikkonsisti f'miri interim ta' kull sentejn li jibdew mill-2022 u mbagħad kull sentejn;*** |

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) l-ammont kumulattiv ta' ffrankar enerġetiku li jrid jinkiseb matul il-perjodu mill-2021 sal-2030 skont l-Artikolu 7 dwar l-obbligi tal-iffrankar enerġetiku tad-Direttiva 2012/27/UE [il-verżjoni kif emendata skont il-proposta COM(2016)0761]; | (2) l-ammont kumulattiv ta' ffrankar enerġetiku ***addizzjonali*** li jrid jinkiseb matul il-perjodu mill-2021 sal-2030 ***u lil hinn minn dan il-perjodu*** skont l-Artikolu 7 dwar l-obbligi tal-iffrankar enerġetiku tad-Direttiva 2012/27/UE [il-verżjoni kif emendata skont il-proposta COM(2016)0761]; |

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) ***l-għanijiet għar-rinnovazzjoni*** fit-tul tal-istokk nazzjonali ta' bini residenzjali u ***kummerċjali (***kemm pubbliku kif ukoll privat); | (3) ***abbażi ta' analiżi tal-istokk tal-bini eżistenti, it-tapep għall-2030 u l-2040 għall-istrateġiji*** fit-tul ***għar-rinnovament*** tal-istokk nazzjonali ta' bini residenzjali u ***mhux residenzjali,*** kemm pubbliku kif ukoll privat***, filwaqt li jitkejjel il-progress lejn l-għan tal-2050 b'konformità mal-Artikolu 2a tad-Direttiva 2010/31/UE [kif emendata bil-proposta COM(2016***)0***765]***; |

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a – punt 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) il-politiki u l-azzjonijiet ippjanati kif ukoll il-progress lejn it-trasformazzjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***tal-istokk tal-bini nazzjonali fi stokk ta' bini effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija u dekarbonizzat, inkluża stima bbażata fuq l-evidenza kemm tal-iffrankar tal-enerġija mistenni kif ukoll tal-benefiċċji f'sens iktar wiesa', li jridu jinkisbu mill-2020 sal-2030;*** |

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b – punt 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) l-erja totali ta' art li trid tiġi rinnovata jew l-iffrankar enerġetiku annwali ekwivalenti li jrid jinkiseb mill-2020 sal-2030 skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/27/UE ***dwar ir-rwol eżemplari tal-bini tal-korpi pubbliċi***; | (4) l-erja totali ta' art li trid tiġi rinnovata ***u l-iffrankar enerġetiku korrispondenti miksub permezz tar-rinnovazzjoni*** jew l-iffrankar enerġetiku annwali ekwivalenti li ***jirriżulta mill-approċċ alternattiv li*** jrid jinkiseb mill-2020 sal-2030 skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/27/UE ***[kif emendata bil-proposta COM(2016)0761]***; |

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a – punt 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) il-potenzjal identifikat ta' ffrankar enerġetiku fit-tisħin u t-tkessiħ, inkluż l-eżitu tal-valutazzjoni komprensiva tal-potenzjal tal-applikazzjoni ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja u tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti u innovattivi;*** |

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b – punt 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) għanijiet nazzjonali oħra tal-effiċjenza enerġetika, inklużi miri jew strateġiji fit-tul u miri settorjali f'oqsma ***bħat-trasport***, ***it-tisħin*** u ***t-tkessiħ***; | (5) għanijiet nazzjonali oħra tal-effiċjenza enerġetika, inklużi miri jew strateġiji fit-tul u miri settorjali f'oqsma ***bħal dawk tat-trasport***, ***tal-industrija tal-manifattura*** u ***tal-ilma u l-ilma mormi jew fil-qafas ta' politiki ta' abbinament settorjali; kif ukoll l-effiċjenza f'setturi oħra b'potenzjal għoli ta' effiċjenzża enerġetika tul il-katina kollha tal-fluss mill-enerġija primarja sal-utenti finali jew pereżempju ċ-ċentri tad-data***; |

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) l-għanijiet nazzjonali fir-rigward taż-żieda tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u tal-provvista tal-enerġija minn pajjiżi terzi; | (1) l-għanijiet nazzjonali fir-rigward taż-żieda tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u tal-provvista tal-enerġija minn pajjiżi terzi***, sabiex tiżdied ir-reżiljenza tas-sistemi tal-enerġija makroreġjonali, reġjonali u nazzjonali***; |

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) ***tal-għanijiet*** nazzjonali fir-rigward tat-tnaqqis tad-dipendenza fuq l- | (2) ***l-għanijiet*** nazzjonali fir-rigward tat-tnaqqis tad-dipendenza fuq l-importazzjoni |

| | |
|---|---|
| importazzjoni tal-enerġija minn pajjiżi terzi; | tal-enerġija minn pajjiżi terzi***, sabiex tiżdied ir-reżiljenza tas-sistemi tal-enerġija makroreġjonali, nazzjonali u reġjonali***; |

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c – punt 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) l-għanijiet nazzjonali fir-rigward ***tal-użu*** ta' sorsi domestiċi ***tal-enerġija (b'mod partikolari l-enerġija rinnovabbli)***; | (4) l-għanijiet nazzjonali fir-rigward ***taż-żieda tal-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija nazzjonali, b'mod partikolari permezz*** ta' ***miżuri ta' effiċjenza enerġetika,*** sorsi ***ta' enerġija rinnovabbli*** domestiċi ***u reġjonali, rispons għad-domanda u ħżin tal-enerġija***; |

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) il-livell ta' interkonnettività tal-elettriku li l-Istat Membru jimmira li jilħaq fl-2030 fid-dawl tal-mira ta' minn tal-inqas 15 % għall-interkonnessjoni tal-elettriku għall-2030; L-Istati Membri għandhom jispjegaw il-metodoloġija sottostanti li ntużat; | (1) il-livell ta' interkonnettività tal-elettriku li l-Istat Membru jimmira li jilħaq fl-2030 fid-dawl tal-mira ***indikattiva*** ta' minn tal-inqas 15% għall-interkonnessjoni tal-elettriku għall-2030 ***filwaqt li jitqiesu l-mira ta' interkonnessjoni għall-2020 ta' 10 %, il-kundizzjonijiet u l-potenzjal tas-suq nazzjonali u reġjonali, l-aspetti kollha tal-analiżijiet tal-ispejjeż u l-benefiċċji, il-livell reali tal-implimentazzjoni tal-PCIs, kif ukoll il-miżuri biex tiżdied il-kapaċità kummerċjabbli fl-interkonnessjonijiet eżistenti***; L-Istati Membri għandhom jispjegaw il-metodoloġija sottostanti li ntużat***, filwaqt li titqies il-metodoloġija proposta mill-Kummissjoni***; |

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d – punt 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (2) l-għanijiet nazzjonali ewlenin għall-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-elettriku u tal-gass ***li huma*** meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet u l-miri skont kwalunkwe waħda mill-ħames dimensjonijiet tal-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija; | (2) l-għanijiet nazzjonali ewlenin għall-infrastruttura tat-trażmissjoni ***u d-distribuzzjoni*** tal-elettriku u tal-gass ***u l-modernizzazzjoni tagħha,*** meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet u l-miri skont kwalunkwe waħda mill-ħames dimensjonijiet tal-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija; ***Għal kwalunkwe proġett ewlieni ta' infrastruttura ppjanat, evalwazzjoni preliminari tal-kompatibbiltà tiegħhu mal-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija u l-kontribuzzjonijiet għalihom, b'mod partikolari fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista u l-kompetizzjoni;*** |

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d – punt 3**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (3) l-għanijiet nazzjonali relatati ma' aspetti oħra tas-suq intern tal-enerġija ***bħal pereżempju*** l-integrazzjoni u l-akkoppjament tas-swieq, ***filwaqt li jiġi*** inkluż perjodu ta' żmien li fih jenħtieġ li jintlaħqu l-għanijiet; | (3) l-għanijiet nazzjonali relatati ma' aspetti oħra tas-suq intern tal-enerġija ***bħaż-żieda fil-flessibbiltà tas-sistema, b'mod partikolari permezz tat-tneħħija tal-ostakli għall-formazzjoni libera tal-prezzijiet,*** l-integrazzjoni u l-akkoppjament tas-swieq, ***il-grilji intelliġenti, l-aggregazzjoni, ir-rispons għad-domanda, il-ħżin, il-ġenerazzjoni distribwita, il-mekkaniżmi għad-dispaċċ, id-dispaċċ mill-ġdid u t-tnaqqis, u s-sinjali tal-prezzijiet f'ħin reali,*** inkluż perjodu ta' żmien li fih jenħtieġ li jintlaħqu l-għanijiet; |

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d – punt 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) l-għanijiet nazzjonali relatati mal-parteċipazzjoni nondiskriminatorja tal-enerġija rinnovabbli, ir-rispons għad-domanda u l-ħżin tal-enerġija, inkluż permezz tal-aggregazzjoni fis-swieq kollha tal-enerġija, inkluż perjodu ta' żmien li fih jenħtieġ li jintlaħqu l-għanijiet;*** |

**Emenda 87**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d – punt 3b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3b) l-għanijiet nazzjonali biex jiġi żgurat li l-konsumaturi jipparteċipaw fis-sistema tal-enerġija u jibbenefikaw mill-awtoġenerazzjoni u t-teknoloġiji l-ġodda, inklużi l-arloġġi intelliġenti;*** |

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d – punt 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) l-għanijiet nazzjonali fir-rigward tal-iżgurar tal-adegwatezza tas-sistema tal-elettriku ***kif ukoll il-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija fir-rigward tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli***, filwaqt li jiġi inkluż perjodu ta' żmien li fih jenħtieġ li jintlaħqu l-għanijiet; | (4) l-għanijiet nazzjonali fir-rigward tal-iżgurar tal-adegwatezza tas-sistema tal-elettriku***, filwaqt li jiġi żgurat li ma jiġi implimentat l-ebda mekkaniżmu ta' kapaċità, jew li meta tali mekkaniżmi jiġu implimentati għall-fini tas-sigurtà tal-provvista dawn ikunu limitati kemm jista' jkun***, filwaqt li jiġi inkluż perjodu ta' żmien li fih jenħtieġ li jintlaħqu l-għanijiet; |

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt e – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) l-għanijiet nazzjonali u miri ta' finanzjament ***għar-riċerka u għall-innovazzjoni pubbliċi*** u ***privati*** fir-rigward tal-Unjoni tal-Enerġija; jekk ikun applikabbli, inkluż perjodu ta' żmien li fih jenħtieġ li jintlaħqu l-għanijiet. Jenħtieġ li tali miri u għanijiet ikunu koerenti ma' dawk li ġew stabbiliti fl-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija u fil-Pjan SET; | (1) l-għanijiet nazzjonali u miri ta' finanzjament ***għall-appoġġ pubbliku għar-riċerka*** u ***l-innovazzjoni*** fir-rigward tal-Unjoni tal-Enerġija ***u l-effett ta' ingranaġġ mistenni tiegħu fuq ir-riċerka privati***; jekk ikun applikabbli, inkluż perjodu ta' żmien li fih jenħtieġ li jintlaħqu l-għanijiet. Jenħtieġ li tali miri u għanijiet ikunu koerenti ma' dawk li ġew stabbiliti fl-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija u fil-Pjan SET; |

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt e – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) l-għanijiet nazzjonali għall-2050 ***għall-użu ta' teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju***; | (2) l-għanijiet nazzjonali għall-2050 ***marbuta mal-promozzjoni tat-teknoloġiji sostenibbli***; |

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt e – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(3) l-għanijiet nazzjonali fir-rigward tal-kompetittività.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-proċess tal-istabbiliment ***tal-kontributi*** tal-Istati Membri fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli | Il-proċess tal-istabbiliment ***tal-mira*** tal-Istati Membri fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli |

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Meta jistabbilixxu ***l-kontribut*** tagħhom għas-sehem tagħhom ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija fl-2030 u l-aħħar sena tal-perjodu kopert għall-pjanijiet nazzjonali sussegwenti, skont l-Artikolu 4(a)(2)(i), l-Istati Membri għandhom iqisu dawn li ġejjin: | 1. Meta jistabbilixxu ***l-mira*** tagħhom għas-sehem tagħhom ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija fl-2030 u l-aħħar sena tal-perjodu kopert għall-pjanijiet nazzjonali sussegwenti, skont l-Artikolu 4(a)(2)(i), l-Istati Membri għandhom iqisu dawn li ġejjin: |

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) id-distribuzzjoni ġusta tal-użu madwar l-Unjoni Ewropea; | (i) id-distribuzzjoni ġusta ***u kosteffettiva*** tal-użu madwar l-Unjoni Ewropea; |

**Emenda 95**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) is-sehem ta' referenza ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tiegħu tal-enerġija stabbilit fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva (UE) .../... [id-Direttiva 2009/28/KE riformulata];*** |

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw b'mod kollettiv li s-somma ***tal-kontributi*** tagħhom tammonta għal minn tal-inqas *27* % ta' enerġija ***prodotta minn sorsi*** rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija fil-livell tal-Unjoni sal-2030. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw b'mod kollettiv li s-somma ***tal-miri*** tagħhom tammonta għal ***trajettorja lineari li tilħaq*** minn tal-inqas ***35*** % ***minn sorsi*** ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija fil-livell tal-Unjoni sal-2030. |

**Emenda 97**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-proċess tal-istabbiliment ***tal-kontributi*** tal-Istati Membri fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika | Il-proċess tal-istabbiliment ***tal-mira vinkolanti*** tal-Istati Membri fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika |

**Emenda 98**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Meta jistabbilixxu ***l-kontribut*** nazzjonali ***indikattiv*** tagħhom għall-effiċjenza enerġetika għall-2030 u l-aħħar sena tal-perjodu kopert għall-pjanijiet nazzjonali sussegwenti skont l-Artikolu 4(b)(1), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li: | 1. Meta jistabbilixxu ***l-mira*** nazzjonali ***vinkolanti*** tagħhom għall-effiċjenza enerġetika għall-2030 u l-aħħar sena tal-perjodu kopert għall-pjanijiet nazzjonali sussegwenti skont l-Artikolu 4(b)(1), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li: |

**Emenda 99**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-konsum tal-enerġija tal-Unjoni sal-2020 ma jkunx iżjed minn 1 483 Mtoe ta' enerġija primarja u mhux iżjed minn 1 086 Mtoe ta' enerġija finali, il-konsum tal-enerġija tal-Unjoni sal-2030 ma jkunx iżjed minn ***1 321*** Mtoe ta' enerġija primarja u mhux iżjed minn ***987*** Mtoe ta' enerġija finali għall-ewwel perjodu ta' għaxar snin; | (a) il-konsum tal-enerġija tal-Unjoni sal-2020 ma jkunx iżjed minn 1 483 Mtoe ta' enerġija primarja u mhux iżjed minn 1 086 Mtoe ta' enerġija finali, il-konsum tal-enerġija tal-Unjoni sal-2030 ma jkunx iżjed minn ***1 132*** Mtoe ta' enerġija primarja u mhux iżjed minn ***849*** Mtoe ta' enerġija finali għall-ewwel perjodu ta' għaxar snin; |

**Emenda 100**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta jistabbilixxu ***l-kontribut*** tagħhom ***imsemmi*** fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jqisu ċ-ċirkostanzi li jaffettwaw il-konsum tal-enerġija primarja | 2. Meta jistabbilixxu ***l-mira*** tagħhom ***imsemmija*** fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jqisu ċ-ċirkostanzi li jaffettwaw il-konsum tal-enerġija primarja u finali, bħal |

| | |
|---|---|
| u finali, bħal pereżempju: | pereżempju: |

**Emenda 101**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 7 | Artikolu 7 |
| Politiki u ***miżuri*** nazzjonali għal kull waħda mill-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija | Politiki***, miżuri*** u ***strateġiji ta' investiment*** nazzjonali għal kull waħda mill-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija |
| B'konformità mal-Anness I, l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-pjan nazzjonali integrat tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, il-politiki u l-miżuri ewlenin eżistenti (implimentati u adottati) u ppjanati biex b'mod partikolari jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-pjan nazzjonali, filwaqt li jiġu inklużi miżuri li jiżguraw il-kooperazzjoni reġjonali u l-finanzjament xieraq fil-livell nazzjonali u ***reġjonali***. | B'konformità mal-Anness I, l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-pjan nazzjonali integrat tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, il-politiki u l-miżuri ewlenin eżistenti (implimentati u adottati) u ppjanati biex b'mod partikolari jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-pjan nazzjonali, filwaqt li jiġu inklużi miżuri li jiżguraw il-kooperazzjoni reġjonali u l-finanzjament xieraq fil-livell nazzjonali***, reġjonali*** u ***lokali, inkluża l-mobilizzazzjoni tal-programmi u l-istrumenti tal-Unjoni***. |
| | ***Id-deskrizzjoni tal-politiki u l-miżuri eżistenti u ppjanati ewlenin biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fil-pjanijiet nazzjonali għandha tkun akkumpanjata minn ħarsa ġenerali lejn l-investimenti meħtieġa biex jinkisbu dawn l-għanijiet;*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom jittrattaw l-effiċjenza enerġetika bħala prijorità infrastrutturali. Huma għandhom jinkludu l-programmi dwar l-effiċjenza enerġetika bħala parti mill-ippjanar infrastrutturali tagħhom u jqisu r-restawr tal-bini bħala investiment prijoritarju.*** |

**Emenda 102**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. B'konformità mal-istruttura u l-format speċifikati fl-Anness I, l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu s-sitwazzjoni attwali għal kull waħda mill-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, inklużi tas-sistema tal-enerġija u tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti tal-gassijiet serra fiż-żmien li fih intbagħat il-pjan nazzjonali jew abbażi tal-aħħar informazzjoni disponibbli. L-Istati Membri għandhom ukoll jistabbilixxu u jiddeskrivu l-projezzjonijiet għal kull waħda mill-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija għall-ewwel perjodu ta' għaxar snin minn tal-inqas sal-***2040*** (inkluż għall-2030) li mistennija jirriżultaw minn politiki u miżuri eżistenti (implimentati u adottati). | 1. B'konformità mal-istruttura u l-format speċifikati fl-Anness I, l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu s-sitwazzjoni attwali għal kull waħda mill-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, inklużi tas-sistema tal-enerġija u tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti tal-gassijiet serra fiż-żmien li fih intbagħat il-pjan nazzjonali jew abbażi tal-aħħar informazzjoni disponibbli. L-Istati Membri għandhom ukoll jistabbilixxu u jiddeskrivu l-projezzjonijiet għal kull waħda mill-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija għall-ewwel perjodu ta' għaxar snin minn tal-inqas sal-***2030*** (inkluż għall-2030) li mistennija jirriżultaw minn politiki u miżuri eżistenti (implimentati u adottati). ***L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku s-suppożizzjonijiet, il-parametri u l-metodoloġiji użati ghall-projezzjonijiet u x-xenarji.*** |

**Emenda 103**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-impatti fuq l-iżvilupp tas-sistema tal-enerġija kif ukoll l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra fl-ewwel perjodu ta' għaxar snin minn tal-inqas sal-2040 (inkluż għall-2030) skont il-politiki u l-miżuri ppjanati, filwaqt li jiġi inkluż tqabbil mal-projezzjonijiet abbażi tal-politiki u tal-miżuri eżistenti (implimentati | (a) l-impatti fuq l-iżvilupp tas-sistema tal-enerġija kif ukoll l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra fl-ewwel perjodu ta' għaxar snin minn tal-inqas sal-2040 (inkluż għall-2030) skont il-politiki u l-miżuri ppjanati, filwaqt li jiġi inkluż tqabbil mal-projezzjonijiet abbażi tal-politiki u tal-miżuri eżistenti (implimentati |

| | |
|---|---|
| u adottati) imsemmija fil-paragrafu 1; | u adottati) imsemmija fil-paragrafu 1***. Dan għandu jinkludi valutazzjoni kemm tas-sinerġiji li jirriżultaw mill-akkoppjament settorjali, id-diġitalizzazzjoni u d-disinn imtejjeb tas-suq kif ukoll tal-benefiċċji f'termini tal-kwalità tal-arja u s-sigurtà tal-provvista***; |

**Emenda 104**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-impatt makroekonomiku, ambjentali, soċjali u fuq il-ħiliet tal-politiki u tal-miżuri ppjanati msemmija fl-Artikolu 7 u speċifikati iktar fl-Anness I, għall-ewwel perjodu ta' għaxar snin minn tal-inqas sal-2030, filwaqt li jiġi inkluż tqabbil mal-projezzjonijiet ***ibbażati fuq politiki*** u ***miżuri*** eżistenti (implimentati u adottati) imsemmija fil-paragrafu 1; | (b) l-impatt makroekonomiku, ambjentali, soċjali***, fuq is-saħħa*** u fuq il-ħiliet tal-politiki u tal-miżuri ppjanati ***individwali u aggregati*** msemmija fl-Artikolu 7 u speċifikati iktar fl-Anness I, għall-ewwel perjodu ta' għaxar snin minn tal-inqas sal-2030, filwaqt li jiġi inkluż tqabbil mal-projezzjonijiet ***tal-politiki*** u ***l-miżuri*** eżistenti (implimentati u adottati) imsemmija fil-paragrafu 1***. Il-metodoloġija użata biex jiġu evalwati dawn l-impatti għandha ssir pubblika u l-użu ta' analiżi tar-relazzjoni bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji għandu jitħeġġeġ***; |

**Emenda 105**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-interazzjonijiet bejn il-politiki u l-miżuri eżistenti (implimentati u adottati) u ppjanati f'dimensjoni ta' politika u bejn il-politiki u l-miżuri eżistenti (implimentati u adottati) u ppjanati ta' dimensjonijiet differenti għall-ewwel perjodu ta' għaxar | (c) l-interazzjonijiet bejn il-politiki u l-miżuri eżistenti (implimentati u adottati) u ppjanati f'dimensjoni ta' politika u bejn il-politiki u l-miżuri eżistenti (implimentati u adottati) u ppjanati ta' dimensjonijiet differenti għall-ewwel perjodu ta' għaxar |

| | |
|---|---|
| snin minn tal-inqas sal-2030. Il-projezzjonijiet dwar is-sigurtà tal-provvista, l-infrastruttura u l-integrazzjoni tas-swieq għandhom ikunu marbuta ma' xenarji soda tal-effiċjenza enerġetika**.** | snin minn tal-inqas sal-2030. ***Il-valutazzjoni għandha tinkludi evalutazzjoni kwantitattiva jew kwalitattiva ta' kwalunkwe interazzjoniji dokumentata bejn il-politiki u l-miżuri nazzjonali, u l-miżuri ta' politika dwar l-enerġija u l-klima tal-Unjoni.*** Il-projezzjonijiet dwar is-sigurtà tal-provvista, l-infrastruttura u l-integrazzjoni tas-swieq għandhom ikunu marbuta ma' xenarji soda tal-effiċjenza enerġetika***;*** |

**Emenda 106**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) il-mod kif il-politiki u l-miżuri eżistenti u ppjanati individwali u aggregati se jattiraw l-investiment privat u l-finanzjament pubbliku neċessarji għall-implimentazzjoni tagħhom.*** |

**Emenda 107**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 9 | Artikolu 9 |
| Abbozz ta' pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima | Abbozz ta' pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima |
| 1. Sal-1 ta' ***Jannar*** 2018 ***u sussegwentement*** kull ***għaxar snin, l-Istati Membri għandhom iħejju*** u ***jibagħtu*** lill-Kummissjoni abbozz ***tal-pjan*** nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima msemmi fl-Artikolu 3(1). | 1. Sal-1 ta' ***Ġunju*** 2018***,*** kull ***Stat Membru għandu jħejji*** u ***jibgħat*** lill-Kummissjoni abbozz ***tal-ewwel pjan*** nazzjonali integrat ***tiegħu*** dwar l-enerġija u l-klima msemmi fl-Artikolu 3(1). ***Kull Stat Membru għandu jħejji u jippreżenta lill-Kummissjoni abbozz tat-tieni pjan tiegħu*** |

| | |
|---|---|
| | ***sal-1 ta' Jannar 2023 u l-abbozzi tal-pjanijiet sussegwenti tiegħu kull ħames snin wara dan.*** |
| 2. B'konformità mal-Artikolu 28, il-Kummissjoni ***tista'*** toħroġ rakkomandazzjonijiet ***għall-Istati*** Membri ***dwar l-abbozz ta' pjanijiet. B'mod partikolari***, ***dawk ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jistabbilixxu***: | 2. B'konformità mal-Artikolu 28, il-Kummissjoni ***għandha tevalwa l-abbozz tal-pjanijiet u għandha*** toħroġ rakkomandazzjonijiet ***speċifiċi għal kull pajjiż lill-Istati*** Membri ***sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel l-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-pjan***, ***imsemmija fl-Artikolu 3(1), sabiex***: |
| (a) ***il-livell ta' ambizzjoni tal-għanijiet, tal-miri u tal-kontributi bl-għan li b'mod*** kollettiv ***jintlaħqu l-għanijiet*** u l-miri tal-Unjoni tal-Enerġija ***u b'mod partikolari il-miri*** tal-Unjoni ***għall-enerġija rinnovabbli u għall-effiċjenza enerġetika għall-2030***; | (a) ***tiżgura l-ilħuq*** kollettiv ***mill-Istati Membri tal-għanijiet*** u l-miri tal-Unjoni tal-Enerġija ***tad-dimensjonijiet kollha*** tal-Unjoni ***tal-Enerġija***; |
| | ***(aa) tiżgura li l-Istati Membri jilħqu l-miri u l-għanijiet nazzjonali;*** |
| (b) ***il-politiki*** u l-miżuri ***marbuta mal-għanijiet fil-livell tal-Istati Membri u tal-Unjoni kif ukoll politiki u miżuri oħra*** ta' rilevanza transfruntiera potenzjali; | (b) ***ittejjeb il-politiki*** u l-miżuri ***eżistenti u ppjanati individwali inklużi fil-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima, inklużi dawk*** ta' rilevanza transfruntiera potenzjali; |
| | ***(ba) tissuġġerixxi l-adozzjoni ta' politiki u miżuri addizzjonali fil-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima;*** |
| (c) ***l-interazzjonijiet*** bejn il-politiki u l-miżuri eżistenti (implimentati u adottati) u ppjanati ***u l-konsistenza tagħhom*** fil-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima f'dimensjoni waħda u bejn id-dimensjonijiet differenti tal-Unjoni tal-Enerġija**.** | (c) ***tiżgura l-konsistenza*** bejn il-politiki u l-miżuri eżistenti (implimentati u adottati) u ppjanati fil-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima f'dimensjoni waħda u bejn id-dimensjonijiet differenti tal-Unjoni tal-Enerġija***;*** |
| | ***(ca) tiżgura l-konsistenza tal-istrumenti u l-istrateġiji ta' investiment mal-politiki u l-miżuri tal-Istati Membri previsti biex jintlaħqu l-miri u l-għanijiet korrispondenti.*** |
| 3. L-Istati Membri għandhom iqisu għalkollox kwalunkwe rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni meta jkunu qed jiffinalizzaw il-pjan nazzjonali integrat tagħhom dwar l-enerġija u l-klima. | 3. L-Istati Membri għandhom iqisu għalkollox kwalunkwe rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni meta jkunu qed jiffinalizzaw il-pjan nazzjonali integrat tagħhom dwar l-enerġija u l-klima. ***Meta l-pożizzjoni tal-Istat Membru kkonċernat ma taqbilx mar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, dak l-Istat Membru għandu*** |

| | |
|---|---|
| | ***jipprovdi u jippubblika r-raġunijiet għall-pożizzjoni tiegħu.*** |
| | ***3a. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku l-abbozzi tal-pjanijiet imsemmija fil-paragarafu 1.*** |

**Emenda 108**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rekwiżit ieħor tal-liġi tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku jingħata opportunitajiet bikrin u effettivi biex jipparteċipa fit-tħejjija tal-abbozz ta' pjanijiet imsemmija fl-Artikolu 9 u ***għandhom jehmżu sommarju tal-fehmiet tal-pubbliku*** meta ***jibagħtu l-abbozz ta' pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima lill-Kummissjoni. Safejn ikunu applikabbli d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/42/KE, il-konsultazzjonijiet li*** jkunu ***saru skont dik id-Direttiva għandhom jitqiesu li jissodisfaw ukoll l-obbligi ta'*** konsultazzjoni ***tal-pubbliku skont dan ir-Regolament***. | Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rekwiżit ieħor tal-liġi tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku jingħata opportunitajiet bikrin u effettivi biex jipparteċipa fit-tħejjija tal-abbozz ta' pjanijiet imsemmija fl-Artikolu 9, u ***tal-istrateġiji fit-tul imsemmija fl-Artikolu 14,*** meta ***l-għażliet kollha*** jkunu ***għadhom possibbli u tkun tista' ssir*** konsultazzjoni ***pubblika effettiva***. |

**Emenda 109**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri għandhom jistabilixxu perjodi ta' żmien raġonevoli li jippermettu biżżejjed żmien sabiex il-pubbliku jkun infurmat u sabiex jipprepara u jipparteċipa b'mod effettiv fl-istadji differenti tal-proċess tal-ippjanar. L-Istati Membri għandhom iqisu debitament il-parteċipazzjoni ugwali u*** |

| | |
|---|---|
| | ***jiżguraw li l-pubbliku jkun infurmat, b'avviżi pubbliċi jew b'mezzi oħra adatti, bħal mezzi elettroniċi meta dawn ikunu disponibbli, bl-arranġamenti prattiċi kollha relatati mal-parteċipazzjoni tagħhom, u li jkunu jistgħu jaċċessaw id-dokumenti rilevanti kollha.*** |

**Emenda 110**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. L-Istati Membri, meta jippreżentaw l-abbozzi u l-pjan integrat nazzjonali finali għall-enerġija u l-klima u l-istrateġiji fit-tul tagħhom lill-Kummissjoni, għandhom jinkludu sommarju tal-fehmiet tal-pubbliku u l-mod kif dawn ġew ikkunsidrati.*** |

**Emenda 111**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1c. Safejn ikunu applikabbli d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/42/KE, il-konsultazzjonijiet imwettqa skont dik id-Direttiva għandhom jitqiesu li jissodisfaw ukoll l-obbligi ta' konsultazzjoni pubblika skont dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 112**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1d. L-Istati Membri għandhom jillimitaw il-kumplessità amministrattiva*** |

| | |
|---|---|
| | ***meta jimplimentaw dan l-Artikolu.*** |

**Emenda 113**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 10a*** |
| | ***Pjattaforma ta' Djalogu f'Diversi Livelli dwar il-Klima u l-Enerġija*** |
| | ***1. Fi spirtu ta' sħubija, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu Pjattaforma ta' Djalogu f'Diversi Livelli dwar il-Klima u l-Enerġija permanenti biex jappoġġjaw l-involviment attiv tal-awtoritajiet lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-komunità tan-negozju, l-investituri, kwalunkwe parti kkonċernata rilevanti oħra u l-pubbliku ġenerali fil-ġestjoni tat-tranżizzjoni tal-enerġija.*** |
| | ***2. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Pjattaforma ta' Djalogu dwar il-Klima u l-Enerġija nazzjonali tagħhom l-għażliet u x-xenarji differenti previsti għall-politiki dwar l-enerġija u l-klima fuq perjodu qasir, medju u twil tagħhom, flimkien ma' analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji għal kull għażla. Il-Pjattaformi ta' Djalogu dwar il-Klima u l-Enerġija għandhom ikunu fora ta' diskussjoni dwar il-pjanijiet, l-istrateġiji u r-rapporti u dwar l-elaborazzjoni tagħhom skont l-Artikolu 10.*** |
| | ***3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Pjattaformi ta' Djalogu dwar il-Klima u l-Enerġija jibbenefika minn riżorsi umani u finanzjarji adegwati u għandhom jiffunzjonaw b'mod trasparenti.*** |

**Emenda 114**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 11 | Artikolu 11 |
| Kooperazzjoni reġjonali | Kooperazzjoni ***makroreġjonali u*** reġjonali |
| 1. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' xulxin fil-livell reġjonali biex b'mod effettiv jintlaħqu l-miri***, l-għanijiet*** u ***l-kontributi*** stabbiliti fil-pjan nazzjonali integrat tagħhom dwar l-enerġija u l-klima. | 1. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' xulxin fil-livell ***makroreġjonali u*** reġjonali***, filwaqt li jqisu bis-sħiħ il-forom eżistenti u potenzjali kollha ta' kooperazzjoni*** biex b'mod effettiv jintlaħqu l-miri u ***l-għanijiet*** stabbiliti fil-pjan nazzjonali integrat tagħhom dwar l-enerġija u l-klima. |
| 2. Ferm qabel jibagħtu l-abbozz tal-pjan nazzjonali integrat tagħhom dwar l-enerġija u l-klima lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9(1), l-Istati Membri għandhom jidentifikaw opportunitajiet għal kooperazzjoni reġjonali u jikkonsultaw lill-Istati Membri ġirien u ***lil Stati*** Membri ***oħra*** li jkunu interessati. Fl-abbozz ta' pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-riżultati ta' tali konsultazzjoni reġjonali, filwaqt li meta jkun applikabbli jinkludu kif ikunu ġew ikkunsidrati l-kummenti. | 2. Ferm qabel jibagħtu l-abbozz tal-pjan nazzjonali integrat tagħhom dwar l-enerġija u l-klima lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9(1), l-Istati Membri għandhom jidentifikaw opportunitajiet għal kooperazzjoni ***makroreġjonali u*** reġjonali***, filwaqt li jqisu l-kooperazzjonijiet makroreġjonali eżistenti, b'mod partikolari l-Pjan ta' Interkonnessjoni tas-Suq tal-Enerġija tal-Baltiku (BEMIP), il-Konnettività tal-Gass fl-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk (CESEC), is-Suq tal-Enerġija Reġjonali taċ-Ċentru Punent (CWREM), l-Inizjattiva ta' Grid lil hinn mill-Kosta tal-Pajjiżi tal-Ibħra tat-Tramuntana (NSCOGI), is-Sħubija Ewro-Mediterranja*** u jikkonsultaw lill-Istati Membri ġirien u ***lill-Istati*** Membri ***l-oħra*** li jkunu interessati***, f'konformità mad-Direttiva 2011/92/UE u l-Konvenzjoni Espoo***. Fl-abbozz ta' pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-riżultati ta' tali konsultazzjoni reġjonali, filwaqt li meta jkun applikabbli jinkludu kif ikunu ġew ikkunsidrati l-kummenti. ***Meta jkunu involuti f'kooperazzjoni makroreġjonali, l-Istati Membri għandhom jaqblu dwar struttura ta' governanza li tagħti lok għal laqgħa f'livell ministerjali mill-inqas*** |

| | |
|---|---|
| | ***darba fis-sena.*** |
| | ***2a. Il-Kummissjoni għandha, fuq talba minn żewġ Stati Membri jew aktar, tiffaċilita l-abbozzar konġunt ta' partijiet tal-pjanijiet nazzjonali integrati tal-enerġija u tal-klima tagħhom, inter alia permezz tal-istabbiliment ta' qafas ta' abilitazzjoni. Meta l-Istati Membri jkunu involuti f'kooperazzjoni makroreġjonali jew reġjonali, dawn għandhom jinkludu fl-abbozz tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima tagħhom ir-riżultati u jippreżentawhom lill-Kummissjoni. Ir-riżultat ta' tali kooperazzjoni makroreġjonali jew reġjonali jista' jissostitwixxi l-partijiet ekwivalenti tal-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima rilevanti.*** |
| | ***2b. Il-Kummissjoni għandha, bil-ħsieb li tippromwovi l-integrazzjoni tas-suq u politiki kosteffiċjenti, tidentifika opportunitajiet ta' kooperazzjoni makroreġjonali jew reġjonali li jkopru riskju wieħed jew aktar tal-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija u b'konformità ma' dan l-Artikolu, b'viżjoni fit-tul, abbażi tal-kundizzjonijiet eżistenti tas-suq. Abbażi ta' tali opportunitajiet, il-Kummissjoni tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri skont l-Artikolu 28 sabiex tiffaċilita kooperazzjoni, sħubijiet u konsultazzjonijiet effikaċi.*** |
| 3. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-kooperazzjoni u l-konsultazzjoni bejn l-Istati Membri dwar l-abbozz ta' pjanijiet li jkunu ntbagħtulha skont l-Artikolu 9 bl-għan li jiġu ffinalizzati. | 3. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-kooperazzjoni u l-konsultazzjoni bejn l-Istati Membri dwar l-abbozz ta' pjanijiet li jkunu ntbagħtulha skont l-Artikolu 9 bl-għan li jiġu ffinalizzati. |
| 4. Fil-pjan nazzjonali integrat finali dwar l-enerġija u l-klima, l-Istati Membri għandhom iqisu l-kummenti li jkunu rċevew minn Stati Membri oħra skont il-paragrafi 2 u 3 u jispjegaw kif tali kummenti jkunu ġew ikkunsidrati. | 4. Fil-pjan nazzjonali integrat finali dwar l-enerġija u l-klima, l-Istati Membri għandhom iqisu l-kummenti li jkunu rċevew minn Stati Membri oħra skont il-paragrafi 2 u 3 u jispjegaw kif tali kummenti jkunu ġew ikkunsidrati. |
| 5. Għall-finijiet speċifikati fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom ikomplu jikkooperaw fil-livell ***reġjonali*** meta jimplimentaw il-politiki u l-miżuri | 5. Għall-finijiet speċifikati fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom ikomplu jikkooperaw fil-livell ***makroreġjonali*** meta jimplimentaw il- |

| | |
|---|---|
| tal-pjanijiet tagħhom. | politiki u l-miżuri tal-pjanijiet tagħhom. |
| | ***5a. L-Istati Membri għandhom jipprevedu wkoll kooperazzjoni mal-firmatarji tal-Komunità tal-Enerġija u ma' pajjiżi terzi li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea.*** |

**Emenda 116**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima ***u l-aġġornamenti tagħhom*** kif ***innotifikat*** skont ***l-Artikoli*** 3 ***u 13***. B'mod partikolari, għandha tivvaluta jekk: | Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima kif ***innotifikati*** skont ***l-Artikolu*** 3. B'mod partikolari, għandha tivvaluta jekk: |

**Emenda 117**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-miri***, l-għanijiet*** u ***l-kontributi*** humiex biżżejjed biex b'mod kollettiv jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija u għall-ewwel perjodu ta' għaxar snin b'mod partikolari l-miri tal-Qafas tal-Unjoni għall-Klima u l-Enerġija għall-2030; | (a) il-miri u ***l-għanijiet*** humiex biżżejjed biex b'mod kollettiv jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija u għall-ewwel perjodu ta' għaxar snin b'mod partikolari l-miri tal-Qafas tal-Unjoni għall-Klima u l-Enerġija għall-2030; |

**Emenda 118**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(aa) il-politiki eżistenti u dawk previsti u l-miżuri u l-istrateġiji ta' investiment relatati humiex suffiċjenti biex jintlaħqu l-miri nazzjonali msemmija fl-Artikolu 4;*** |

**Emenda 120**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***Artikolu 13*** | ***imħassar*** |
| ***Aġġornament tal-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima*** | |
| ***1. Sal-1 ta' Jannar 2023 u sussegwentement kull 10 snin, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni abbozz ta' aġġornament tal-aħħar pjan nazzjonali integrat innotifikat dwar l-enerġija u l-klima msemmi fl-Artikolu 3 jew jikkonfermaw lill-Kummissjoni li l-pjan ikun għadu validu.*** | |
| ***2. Sal-1 ta' Jannar 2024 u sussegwentement kull 10 snin, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'aġġornament tal-aħħar pjan nazzjonali integrat innotifikat dwar l-enerġija u l-klima msemmi fl-Artikolu 3, diment li ma jkunux ikkonfermaw li l-pjan ikun għadu validu skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.*** | |
| ***3. L-Istati Membri għandhom jimmodifikaw biss il-miri, l-għanijiet u l-kontributi stabbiliti fl-aġġornament imsemmi fil-paragrafu 2 biex jirriflettu żieda fl-ambizzjoni meta mqabbel ma' dawk stabbiliti fl-aħħar pjan nazzjonali integrat innotifikat dwar l-enerġija u l-klima.*** | |

***4. L-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz biex fil-pjan aġġornat ikun hemm mitigazzjoni ta' kwalunkwe impatt ambjentali avvers li jfeġġ bħala parti mir-rapportar integrat skont l-Artikoli 15 sa 22.***

***5. L-Istati Membri għandhom iqisu l-iżjed rakkomandazzjonijiet speċifiċi reċenti għall-pajjiżi li jkunu nħarġu fil-kuntest tas-Semestru Ewropew meta jħejju l-aġġornament imsemmi fil-paragrafu 2.***

***6. Il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 9(2) u fl-Artikolu 11 għandhom japplikaw għat-tħejjija u għall-valutazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali integrati aġġornati dwar l-enerġija u l-klima.***

**Emenda 121**

**Proposta għal regolament**
**Kapitolu 3 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Strateġiji fit-tul ***għal emissjonijiet baxxi*** | Strateġiji fit-tul ***dwar il-klima u l-enerġija*** |

**Emenda 122**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 13a*** |
| | ***Konsistenza mal-għan globali tal-klima*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha, sal-1 ta' Lulju 2018, tirrapporta dwar il-baġit globali tal-karbonju li jifdal li jkun konsistenti mal-isforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal inqas sew minn 2°C, b'mod partikolari 1,5°C, ogħla*** |

| | |
|---|---|
| | ***mil-livelli preindustrijali, u għandha tippubblika analiżi tas-sehem ġust tal-Unjoni għall-2050 u l-2100.*** |

**Emenda 123**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 14 | Artikolu 14 |
| Strateġiji fit-tul ***għal emissjonijiet baxxi*** | Strateġiji fit-tul ***dwar il-klima u l-enerġija*** |
| 1. Sa mhux iżjed tard mill-1 ta' Jannar ***2020*** u sussegwentement kull ***10*** snin, l-Istati Membri ***għandhom iħejju u jirrapportaw lill-Kummissjoni*** l-istrateġiji tagħhom fit-tul ***għal emissjonijiet baxxi*** b'perspettiva ta' ***50*** sena, sabiex jikkontribwixxu: | 1. Sa mhux iżjed tard mill-1 ta' Jannar ***2019*** u sussegwentement kull ***ħames*** snin, l-Istati Membri ***u l-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, għandhom jadottaw*** l-istrateġiji tagħhom fit-tul ***dwar l-enerġija u l-klima*** b'perspettiva ta' ***30*** sena, sabiex jikkontribwixxu: |
| (a) għat-twettiq tal-impenji tal-Unjoni u tal-Istati Membri skont il-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi li jitnaqqsu l-emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet serra u jissaħħu l-assorbimenti minn bjar; | (a) għat-twettiq tal-impenji tal-Unjoni u tal-Istati Membri skont il-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi li jitnaqqsu l-emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet serra u jissaħħu l-assorbimenti minn bjar ***fi stadji ta' 10 snin***; |
| (b) biex jintlaħaq l-għan li ż-żieda tat-temperatura medja globali tinżamm ferm inqas minn 2 °C iktar mil-livelli preindustrijali u biex jitkomplew l-isforzi biex iż-żieda tat-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C iktar mil-livelli preindustrijali; | (b) biex jintlaħaq l-għan li ż-żieda tat-temperatura medja globali tinżamm ferm inqas minn 2 °C iktar mil-livelli preindustrijali u biex jitkomplew l-isforzi biex iż-żieda tat-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C iktar mil-livelli preindustrijali ***billi l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Unjoni jiġu limitati għal livell anqas mis-sehem ekwu tagħha tal-baġit globali tal-karbonju li jifdal b'mod kosteffikaċi***; |
| (c) biex jinkiseb tnaqqis fit-tul tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u tisħiħ fit-tul tal-assorbimenti minn bjar fis-setturi kollha skont l-għan tal-Unjoni, fil-kuntest tat-tnaqqis meħtieġ skont l-IPCC ***mill-pajjiżi żviluppati bħala grupp,*** biex b'mod kosteffikaċi jitnaqqsu l-emissjonijiet ***bi 80 sa 95 %*** sal-2050 ***meta mqabbla mal-livelli tal-1990.*** | (c) biex jinkiseb tnaqqis fit-tul tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u tisħiħ fit-tul tal-assorbimenti minn bjar fis-setturi kollha skont l-għan tal-Unjoni, fil-kuntest tat-tnaqqis meħtieġ skont l-IPCC biex b'mod kosteffikaċi jitnaqqsu l-emissjonijiet ***ta' gassijiet serra tal-Unjoni u jiżdied l-assorbiment minn bjar tal-gassijiet serra ħalli jintlaħqu l-għanijiet tat-temperatura tal-Ftehim ta' Pariġi sabiex l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra fl-Unjoni jkunu*** |

| | |
|---|---|
| | ***żero*** sal-2050 ***u kemm jista' jkun malajr wara dan ikun hemm emissjonijiet netti negattivi;*** |
| | ***(ca) sa mhux aktar tard mill-2050, tinkiseb sistema tal-enerġija effiċjenti ħafna u bbażata fuq sorsi rinnovabbli fi ħdan l-Unjoni.*** |
| 2. L-istrateġiji fit-tul ***għal emissjonijiet baxxi*** għandhom ikopru: | 2. L-istrateġiji fit-tul ***dwar il-klima u l-enerġija għandhom jinkludu l-elementi stabbiliti fl-Anness IIa u*** għandhom ikopru: |
| (a) it-tnaqqis totali tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-titjib totali tal-assorbimenti minn bjar; | (a) it-tnaqqis totali tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-titjib totali tal-assorbimenti minn bjar ***b'mira separata għat-tisħiħ tal-assorbiment minn bjar li tkun konsistenti mal-isforzi biex tiġi limitata ż-żieda fit-temperatura skont il-Ftehim ta' Pariġi***; |
| (b) ***it-tnaqqis*** tal-emissjonijiet u t-tisħiħ tal-assorbimenti f'setturi individwali inklużi l-elettriku, l-industrija, it-trasport, ***is-settur*** tal-bini (residenzjali u terzjarju), l-agrikoltura u l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF); | (b) ***id-dekarbonizzazzjoni, it-tnaqqis*** tal-emissjonijiet ***ta' gassijiet serra*** u t-tisħiħ tal-assorbimenti f'setturi individwali inklużi ***fost l-oħrajn*** l-elettriku, l-industrija, it-trasport, ***it-tisħin u t-tkessiħ u s-settur*** tal-bini (residenzjali u terzjarju), l-agrikoltura u l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF); |
| (c) il-progress mistenni fir-rigward tat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra inkluża l-intensità tal-gassijiet serra, l-intensità tas-$CO_2$ tal-prodott domestiku gross u tal-istrateġiji għar-riċerka, għall-iżvilupp u għall-innovazzjoni relatati; | (c) il-progress mistenni fir-rigward tat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra inkluża l-intensità tal-gassijiet serra, l-intensità tas-$CO_2$ tal-prodott domestiku gross u tal-istrateġiji ***għall-investimenti fit-tul,*** għar-riċerka, għall-iżvilupp u għall-innovazzjoni relatati; |
| | ***(ca) il-progress mistenni fir-rigward tat-tranżizzjoni tal-enerġija, inkluż l-iffrankar tal-enerġija, is-sehem totali ta' enerġija rinnovabbli u l-kapaċità installata ta' enerġija rinnovabbli ppjanata;*** |
| | ***(cb) il-kontribut mistenni tad-dekarbonizzazzjoni fil-fond tal-ekonomija fuq l-iżvilupp makroekonomiku, u l-iżvilupp soċjali, kif ukoll ir-riskji u l-benefiċċji għas-saħħa u l-ħarsien tal-ambjent;*** |
| (d) rabtiet ma' ***ppjanar*** nazzjonali ***ieħor*** | (d) rabtiet ma' ***għanijiet, ippjanar u politiki, miżuri u investimenti*** nazzjonali |

| | |
|---|---|
| fit-tul. | ***oħrajn*** fit-tul.<br>***2a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 36 biex temenda l-Anness IIa sabiex tadattah għall-emendi fil-qafas ta' politika dwar l-enerġija u l-klima tal-Unjoni, l-iżviluppi fis-suq tal-enerġija u r-rekwiżiti l-ġodda tal-UNFCCC u tal-Ftehim ta' Pariġi.*** |
| 3. ***Jenħtieġ li l-istrateġiji fit-tul għal emissjonijiet baxxi u l-pjanijiet*** nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima msemmija fl-Artikolu 3 ***jkunu*** konsistenti ***ma' xulxin***. | 3. ***Il-pjanijiet*** nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima msemmija fl-Artikolu 3 ***għandhom ikunu*** konsistenti ***mal-istrateġiji għall-klima u l-enerġija fit-tul***. |
| 4. L-Istati Membri għandhom ***jagħmlu disponibbli minnufih għall-pubbliku l-istrateġiji*** fit-tul ***rispettivi tagħhom għal emissjonijiet baxxi*** u kwalunkwe ***aġġornament tagħhom***. | 4. L-Istati Membri ***u l-Kummissjoni*** għandhom ***jiżviluppaw l-istrateġiji tagħhom b'mod miftuħ u trasparenti, u jiżguraw li l-pubbliku, is-sħab soċjali, in-negozji, l-investituri, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħrajn jingħataw opportunitajiet bikrija u effettivi biex jipparteċipaw fit-tħejjija tal-istrateġiji għall-klima u l-enerġija*** fit-tul ***u jagħmlu disponibbli għall-pubbliku l-istrateġiji*** u kwalunkwe ***analiżi u dejta ta' sostenn, inkluż permezz tal-pjattaforma elettronika kif imsemmi fl-Artikolu 24***.<br>***4a. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa lill-Istati Membri fit-tħejjija tagħhom ta' strateġiji fuq żmien fit-tul, billi tipprovdi informazzjoni dwar l-istat tal-bażi tal-għarfien xjentifiku u l-iżvilupp teknoloġiku rilevanti għall-kisba tal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 1. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi wkoll opportunitajiet għall-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħrajn biex tipprovdi informazzjoni addizzjonali u tiddiskuti l-perspettivi tagħhom, u tipproduċi l-aħjar prattiki u linji gwida sabiex l-Istati Membri jużawhom matul il-fażi ta' żvilupp u implimentazzjoni tal-istrateġiji tagħhom.***<br>***4b. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk l-istrateġiji nazzjonali fit-tul humiex adegwati biex jinkisbu kollettivament l-objettivi tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 1. Il-Kummissjoni tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri*** |

| | |
|---|---|
| | ***sabiex tiffaċilita dan l-għan u biex tgħin lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex iħejju u jimplimentaw l-istrateġiji tagħhom fuq żmien fit-tul.*** |

**Emenda 124**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-informazzjoni dwar il-progress li jkun sar biex jintlaħqu l-miri***, l-għanijiet*** u ***l-kontributi*** stabbiliti fil-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima, u biex jiġu implimentati l-politiki u l-miżuri meħtieġa biex dawn jintlaħqu; | (a) l-informazzjoni dwar il-progress li jkun sar biex jintlaħqu l-miri u ***l-għanijiet*** stabbiliti fil-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima, u biex jiġu ***ffinanzjati u*** implimentati l-politiki u l-miżuri meħtieġa biex dawn jintlaħqu; |

**Emenda 125**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet pubbliċi mwettqa b'konformità mal-Artikolu 10;*** |

**Emenda 126**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt ab (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ab) informazzjoni dwar il-progress miksub biex jiġi appoġġat l-involviment*** |

| | |
|---|---|
| | ***attiv skont l-Artikolu 10a;*** |

**Emenda 127**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt ac (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ac) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 14 u dwar il-progress miksub lejn il-kisba tal-miri, l-għanijiet u l-impenji stabbiliti fl-istrateġiji fit-tul dwar l-enerġija u l-klima;*** |

**Emenda 128**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Meta l-Kummissjoni tkun ħarġet rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 27(2) jew (3), l-Istat Membru kkonċernat għandu jinkludi fir-rapport tiegħu msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-informazzjoni dwar il-politiki u l-miżuri adottati jew li beħsiebhom jiġu adottati u implimentati, sabiex jiġu indirizzati dawk ir-rakkomandazzjonijiet. Tali informazzjoni għandha tinkludi skeda dettaljata ta' żmien għall-implementazzjoni. | 5. Meta l-Kummissjoni tkun ħarġet rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 27(2) jew (3), l-Istat Membru kkonċernat għandu jinkludi fir-rapport tiegħu msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-informazzjoni dwar il-politiki u l-miżuri adottati jew li beħsiebhom jiġu adottati u implimentati, sabiex jiġu indirizzati dawk ir-rakkomandazzjonijiet. Tali informazzjoni għandha tinkludi skeda dettaljata ta' żmien għall-implementazzjoni. ***Meta l-Istat Membru kkonċernat jiddevja minn rakkomandazzjoni maħruġa, dak l-Istat Membru għandu jagħti u jippubblika ġustifikazzjoni ssostanzjati tajjeb, ibbażata fuq data affidabbli u kriterji oġġettivi.*** |

**Emenda 129**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku r-rapporti ppreżentati lill-Kummissjoni b'konformità ma' dan l-Artikolu.*** |

**Emenda 130**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt a – punt 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) it-trajettorji dwar id-domanda għall-bijoenerġija, diżaggregati bejn it-tisħin, l-elettriku u t-trasport, u dwar il-provvista ta' bijomassa skont il-materja prima u l-oriġini (filwaqt li ssir distinzjoni bejn il-produzzjoni domestika u l-importazzjonijiet). Għall-bijomassa forestali, valutazzjoni tas-sors u tal-impatt tagħha fuq il-bjar tal-LULUCF; | (4) it-trajettorji dwar id-domanda għall-bijoenerġija, diżaggregati bejn it-tisħin, l-elettriku u t-trasport***, inklużi s-sehem tal-bijofjuwils, is-sehem tal-bijofjuwils avvanzati, is-sehem tal-bijofjuwils prodotti minn għelejjel prodotti fuq art agrikola***, u dwar il-provvista ta' bijomassa skont il-materja prima u l-oriġini (filwaqt li ssir distinzjoni bejn il-produzzjoni domestika u l-importazzjonijiet). Għall-bijomassa forestali, valutazzjoni tas-sors u tal-impatt tagħha fuq il-bjar tal-LULUCF; |

**Emenda 131**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt a – punt 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) l-għanijiet u t-trajettorji għall-enerġija rinnovabbli prodotta mir-reġjuni, l-bliet, il-komunitajiet tal-enerġija u l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***konsumaturi tal-enerġija tagħhom stess;*** |

**Emenda 132**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt a – punt 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) jekk ikun applikabbli, trajettorji u għanijiet nazzjonali oħra inklużi dawk fit-tul u dawk settorjali (bħal pereżempju s-sehem ***tal-bijofjuwils, is-sehem tal-bijofjuwils avvanzati, is-sehem tal-bijofjuwils prodotti minn għelejjel ewlenin prodotti fuq art agrikola, is-sehem*** tal-elettriku prodott mill-bijomassa mingħajr l-użu ta' sħana, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-tisħin distrettwali, l-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-bini, l-enerġija ***rinnovabbli prodotta mill-bliet, mill-komunitajiet tal-enerġija u mill-konsumaturi tal-enerġija tagħhom stess)***; | (5) jekk ikun applikabbli, trajettorji u għanijiet nazzjonali oħra inklużi dawk fit-tul u dawk settorjali (bħal pereżempju s-sehem tal-elettriku prodott mill-bijomassa mingħajr l-użu ta' sħana, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-tisħin distrettwali, l-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-bini, l-enerġija ***rkuprata mill-ħama miksub mit-trattament tal-ilma mormi***; |

**Emenda 133**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt b – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) il-politiki u l-miżuri implimentati, adottati u ppjanati biex ***jinkiseb il-kontribut*** nazzjonali ***għall-mira*** vinkolanti tal-livell tal-Unjoni għall-2030 għall-enerġija rinnovabbli kif indikat fl-Artikolu 4(a)(2)(i), inklużi l-miżuri speċifiċi għas-setturi u għat-teknoloġija, b'rieżami speċifiku tal-implimentazzjoni tal-miżuri stipulati fl-Artikoli 23, 24 u 25 tar-[riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/28/KE kif propost | (1) il-politiki u l-miżuri implimentati, adottati u ppjanati biex ***jinkisbu l-miri*** nazzjonali ***sabiex tinkiseb il-mira*** vinkolanti tal-livell tal-Unjoni għall-2030 għall-enerġija rinnovabbli kif indikat fl-Artikolu 4(a)(2)(i), inklużi l-miżuri speċifiċi għas-setturi u għat-teknoloġija, b'rieżami speċifiku tal-implimentazzjoni tal-miżuri stipulati fl-Artikoli 23, 24 u 25 tar-[riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/28/KE kif propost b'COM(2016) |

b'COM(2016)0767]; 0767];

**Emenda 134**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt a – punt 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) miżuri speċifiċi biex jivvalutaw, jagħmlu trasparenti u jnaqqsu l-ħtieġa ta' kapaċità "must-run" li tista' twassal għal tnaqqis tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli;*** |

**Emenda 135**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt a – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) it-trajettorja għall-konsum tal-enerġija primarja u finali mill-2020 sal-2030 bħala ***l-kontribut*** nazzjonali għall-iffrankar tal-enerġija biex tinkiseb il-mira fil-livell tal-Unjoni għall-2030, inkluża l-metodoloġija sottostanti; | (1) it-trajettorja għall-konsum tal-enerġija primarja u finali mill-2020 sal-2030 bħala ***l-miri*** nazzjonali ***vinkolanti*** għall-iffrankar tal-enerġija biex tinkiseb il-mira fil-livell tal-Unjoni għall-2030, inkluża l-metodoloġija sottostanti; |

**Emenda 136**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt a – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) l-għanijiet ***għar-rinnovazzjoni*** fit-tul tal-istokk nazzjonali tal-bini residenzjali ***u kummerċjali, kemm*** pubbliku ***kif ukoll*** privat; | (2) l-għanijiet ***tal-istrateġija*** fit-tul ***għar-rinnovazzjoni*** tal-istokk nazzjonali tal-bini ***kemm*** residenzjali ***kif ukoll mhux residenzjali*** pubbliku ***u*** privat; |

**Emenda 137**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt b – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) il-politiki, il-miżuri u l-programmi implimentati, adottati u ppjanati biex ***jinkiseb il-kontribut*** nazzjonali ***indikattiv*** għall-effiċjenza enerġetika għall-2030 kif ukoll għanijiet oħra ppreżentati fl-Artikolu 6, inklużi l-miżuri u l-istrumenti ppjanati (anke ta' natura finanzjarja) biex jiġi promoss ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, il-miżuri biex jintużaw il-potenzjali tal-effiċjenza enerġetika tal-infrastruttura tal-gass u tal-elettriku u miżuri oħra biex tiġi promossa l-effiċjenza enerġetika; | (1) il-politiki, il-miżuri u l-programmi implimentati, adottati u ppjanati biex ***tinkiseb il-mira*** nazzjonali ***vinkolanti*** għall-effiċjenza enerġetika għall-2030 kif ukoll għanijiet oħra ppreżentati fl-Artikolu 6, inklużi l-miżuri u l-istrumenti ppjanati (anke ta' natura finanzjarja) biex jiġi promoss ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, il-miżuri biex jintużaw il-potenzjali tal-effiċjenza enerġetika tal-infrastruttura tal-gass u tal-elettriku u miżuri oħra biex tiġi promossa l-effiċjenza enerġetika; |

**Emenda 138**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt b – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) l-iskema nazzjonali tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika u l-miżuri alternattivi skont l-Artikolu 7a u 7b tad-Direttiva 2012/27/UE [il-verżjoni kif emendata skont il-proposta COM(2016)0761], b'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament; | (3) l-iskema nazzjonali tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika u l-miżuri alternattivi skont l-Artikolu 7a u 7b tad-Direttiva 2012/27/UE [il-verżjoni kif emendata skont il-proposta COM(2016)0761], b'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament***, inklużi l-iffrankar tal-enerġija miksub permezz tal-obbligi nazzjonali ta' effiċjenza enerġetika u/jew il-miżuri alternattivi adottati fl-applikazzjoni tal-Artikoli 7a u 7b u l-Artikolu 20(6) tad-Direttiva 2012/27/UE [kif emendata bil-proposta COM(2016)0761] u l-impatt fuq il-kontijiet tal-konsumaturi kif ukoll ir-*** |

***rekwiżiti b'għan soċjali***;

**Emenda 139**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt b – punt 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) l-istrateġija fit-tul għar-rinnovazzjoni tal-istokk nazzjonali tal-bini residenzjali u ***kummerċjali***, kemm pubbliku kif ukoll privat, inklużi l-politiki u l-miżuri biex tiġi xprunata rinnovazzjoni profonda kosteffikaċi u rinnovazzjoni profonda f'diversi stadji; | (4) l-istrateġija fit-tul għar-rinnovazzjoni tal-istokk nazzjonali tal-bini residenzjali u ***mhux residenzjali***, kemm pubbliku kif ukoll privat, inklużi l-politiki u l-miżuri biex ***l-investiment jiġġi ggwidat sabiex*** tiġi xprunata rinnovazzjoni profonda kosteffikaċi u rinnovazzjoni profonda f'diversi stadji***, filwaqt li titqies b'mod partikolari stima bbażata fuq l-evidenza tal-iffrankar ta' enerġija u l-benefiċċji f'sens iktar wiesa' mistennija b'konformità mal-Artikolu 2a tad-Direttiva (UE) .../... [EPBD, COD 0381/16]***; |

**Emenda 140**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt a – punt 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) il-politiki u l-miżuri biex jiġi żviluppat il-potenzjal ekonomiku tal-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u ta' sistemi ta' tisħin u ta' tkessiħ effiċjenti skont l-Artikolu 14(2) tad-Direttiva (UE) .../... [id-Direttiva 2012/27/UE kif emendata bil-proposta COM(2016)0761];*** |

**Emenda 141**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt b – punt 5b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5b) Jekk ikun applikabbli, il-progress fir-rigward ta' politiki, miżuri u azzjonijiet implimentati, adottati u ppjanati oħrajn li jirriżultaw mill-istrateġiji fit-tul ta' rinnovazzjoni skont l-Artikolu 2a tad-Direttiva (UE) .../... [EPBD, COD 0381/16], inklużi dawk li huma mmirati lej is-setturi bl-agħar rendiment tal-istokk ta' bini nazzjonali u dwar l-aċċess għall-informazzjoni u l-finanzjament.*** |

**Emenda 142**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) tal-għanijiet nazzjonali ***għad-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija*** u tal-pajjiżi fornituri, ***għall-ħżin*** u ***għar-rispons*** tad-domanda; | (a) tal-għanijiet nazzjonali ***għall-ammeljorament tal-effiċjenza enerġetika u s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u diversifikazzjoni tal-provvista u tar-rotot ta' provvista*** u tal-pajjiżi fornituri, ***tal-ħżin*** u ***tar-rispons*** tad-domanda; |

**Emenda 143**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) tal-għanijiet nazzjonali fir-rigward tat-tnaqqis tad-dipendenza fuq l-importazzjoni tal-enerġija minn pajjiżi | (b) tal-għanijiet ***u l-miżuri*** nazzjonali fir-rigward tat-tnaqqis tad-dipendenza fuq l-importazzjoni tal-enerġija minn pajjiżi terzi |

| | |
|---|---|
| terzi; | ***u li ma joħolqu l-ebda ostakolu għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Unjoni tal-Enerġija***; |

**Emenda 144**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) tal-għanijiet nazzjonali fir-rigward taż-żieda tal-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija nazzjonali, b'mod partikolari permezz ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika, sorsi ta' enerġija rinnovabbli domestiċi, rispons għad-domanda u ħżin tal-enerġija;*** |

**Emenda 145**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-livell ta' interkonnettività tal-elettriku li l-Istat Membru jimmira li jilħaq fl-2030 b'rabta mal-mira ta' 15 % għall-interkonnessjoni tal-elettriku ***għall-2030***; | (a) il-livell ta' interkonnettività tal-elettriku li l-Istat Membru jimmira li jilħaq fl-2030 b'rabta mal-mira ***indikattiva*** ta' ***mill-inqas*** 15 % għall-interkonnessjoni tal-elettriku; |

**Emenda 146**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-għanijiet nazzjonali ewlenin għall-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-elettriku u tal-gass ***li huma*** meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet u l-miri skont kwalunkwe waħda mill-ħames dimensjonijiet ewlenin tal-Unjoni tal-Enerġija; | (b) l-għanijiet nazzjonali ewlenin għall-infrastruttura tat-trażmissjoni ***u d-distribuzzjoni*** tal-elettriku u tal-gass ***u l-modernizzazzjoni tagħha,*** meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet u l-miri skont kwalunkwe waħda mill-ħames dimensjonijiet ewlenin tal-Unjoni tal-Enerġija; |

**Emenda 147**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) l-għanijiet nazzjonali relatati ***ma' aspetti oħra tas-suq intern tal-enerġija bħal pereżempju*** l-integrazzjoni u l-akkoppjament tas-swieq, ***jekk ikun applikabbli***; | (d) l-għanijiet ***u l-miżuri*** nazzjonali relatati ***mal-flessibbiltà tas-sistema, b'mod partikolari permezz tat-tneħħija tal-ostakli għall-formazzjoni libera tal-prezzijiet,*** l-integrazzjoni u l-akkoppjament tas-swieq, ***il-grilji intelliġenti, l-aggregazzjoni, ir-rispons għad-domanda, il-ħżin, il-ġenerazzjoni distribwita, il-mekkaniżmi għad-dispaċċ, id-dispaċċ mill-ġdid u t-tnaqqis, u s-sinjali tal-prezzijiet f'ħin reali***; |

**Emenda 148**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(e) l-għanijiet nazzjonali fir-rigward tal-faqar enerġetiku, inkluż l-għadd ta' unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 149**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) l-għanijiet u l-miżuri nazzjonali relatati mal-parteċipazzjoni mhux diskriminatorja tal-enerġija rinnovabbli, ir-rispons għad-domanda u l-ħżin, inkluż permezz tal-aggregazzjoni, fis-swieq kollha tal-enerġija;*** |

**Emenda 150**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt e b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(eb) l-għanijiet u l-miżuri nazzjonali biex jiġi żgurat li l-konsumaturi jipparteċipaw fis-sistema tal-enerġija u jibbenefikaw mill-awtoġenerazzjoni u t-teknoloġiji l-ġodda, inklużi l-arloġġi intelliġenti;*** |

**Emenda 151**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) l-għanijiet nazzjonali fir-rigward tal-iżgurar tal-adegwatezza tas-sistema tal-elettriku, ***jekk ikun applikabbli***; | (f) l-għanijiet nazzjonali fir-rigward tal-iżgurar tal-adegwatezza tas-sistema tal-elettriku, ***filwaqt li jiġi żgurat li ma jiġi implimentat l-ebda mekkaniżmu ta' kapaċità, jew li meta tali mekkaniżmi jiġu implimentati għall-fini tas-sigurtà tal-provvista dawn ikunu limitati kemm jista' jkun***; |

**Emenda 152**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) miżuri nazzjonali li jistabbilixxu jew jirrevedu ż-żoni tal-offerti sabiex jindirizzaw il-konġestjoni strutturali, jimmassimizzaw l-effiċjenza ekonomika u l-kummerċ transfruntier u tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista;*** |

**Emenda 153**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) tal-politiki u tal-miżuri implimentati, adottati u ppjanati biex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija fil-punti (a) sa (***f***); | (g) tal-politiki u tal-miżuri implimentati, adottati u ppjanati biex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija fil-punti (a) sa (***fa***); |

**Emenda 154**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 21a*** |
| | ***Rapportar Integrat dwar il-Faqar Enerġetiku*** |
| | ***Fejn applikabbli, Stat Membru għandu jinkludi fir-rapport nazzjonali integrat ta' progress dwar l-enerġija u l-klima informazzjoni kwantitattiva dwar l-għadd ta' unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku kif ukoll informazzjoni dwar politiki u miżuri li jindirizzaw il-faqar enerġetiku skont l-Artikolu 3(3)(v).*** |
| | ***Meta jkun japplika t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3)(v), l-Istat Membru kkonċernat għandu jinkludi fir-rapport nazzjonali integrat ta' progress dwar l-enerġija u l-klima informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-għan indikattiv nazzjonali tiegħu biex inaqqas l-għadd ta' unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku.*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tikkondividi d-data kkomunikata mill-Istati Membri skont dan l-Artikolu ma' l-Osservatorju Ewropewtal-Faqar Enerġetiku.*** |

**Emenda 155**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-għanijiet nazzjonali għall-infiq totali ***(***pubbliku u privat***)*** fir-riċerka u fl-innovazzjoni marbuta mat-teknoloġiji tal-enerġija nadifa kif ukoll għall-kostijiet tat-teknoloġija u l-iżvilupp tal-prestazzjoni; | (b) l-għanijiet nazzjonali għall-infiq totali pubbliku u***, meta jkun disponibbli, dak*** privat***,*** fir-riċerka u fl-innovazzjoni marbuta mat-teknoloġiji tal-enerġija nadifa kif ukoll għall-kostijiet tat-teknoloġija u l-iżvilupp tal-prestazzjoni; |

**Emenda 156**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(d)*** l-għanijiet nazzjonali biex is-sussidji tal-enerġija jitneħħew b'mod gradwali***;*** | ***(d)*** l-għanijiet nazzjonali biex is-sussidji tal-enerġija jitneħħew b'mod gradwali***, b'mod partikolari fir-rigward tal-fjuwils fossili;*** |

**Emenda 157**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) il-miżuri ta' finanzjament, inkluż l-appoġġ tal-Unjoni u l-użu tal-fondi tal-Unjoni, f'dan il-qasam fil-livell nazzjonali, jekk ikun applikabbli. | (g) il-miżuri ta' finanzjament, inkluż l-appoġġ tal-Unjoni u l-użu tal-fondi tal-Unjoni, f'dan il-qasam fil-livell nazzjonali, jekk ikun applikabbli. ***L-użu ta' kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja mill-Kummissjoni għall-istrumenti ta' finanzjament li fihom l-Istati Membri jimpenjaw b'mod konġunt riżorsi nazzjonali, għandu jiġi ppubblikat.*** |

**Emenda 158**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) l-inventarji approssimati tal-gassijiet serra tagħhom għas-sena X-1;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 159**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) il-konsum finali gross approssimat tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u l-konsum gross, primarju u finali approssimat tal-enerġija għas-sena X-1.*** |

**Emenda 160**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Għall-finijiet tal-punt (a)*** il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-inventarji approssimati tal-gassijiet serra tal-Istati Membri jew, jekk Stat Membru ma jkunx ikkomunika l-inventarji approssimati tiegħu sa dik id-data, u abbażi tal-istimi tagħha stess għandha tiġbor kull sena inventarju approssimat tal-gassijiet serra tal-Unjoni. Kull sena sat-30 ta' Settembru, il-Kummissjoni għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku. | ***Għal dawk il-finijiet*** il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-inventarji approssimati tal-gassijiet serra tal-Istati Membri jew, jekk Stat Membru ma jkunx ikkomunika l-inventarji approssimati tiegħu sa dik id-data, u abbażi tal-istimi tagħha stess għandha tiġbor kull sena inventarju approssimat tal-gassijiet serra tal-Unjoni. Kull sena sat-30 ta' Settembru, il-Kummissjoni għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku. |

**Emenda 161**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Sal-31 ta' Lulju 2021, u sussegwentement kull sena (sena X), l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni l-inventarji tal-gassijiet*** |

| | |
|---|---|
| | ***serra approssimati tagħhom għas-sena X-1;*** |

**Emenda 162**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 24 | Artikolu 24 |
| ***Pjattaforma elettronika tar-rapportar*** | ***Pjattaforma elettronika*** |
| 1. ***Il-Kummissjoni*** għandha tistabbilixxi pjattaforma ***tar-rapportar*** onlajn biex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri ***u*** tiġi promossa l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. | 1. ***Bħala mezz biex tiżgura l-kostefficjenza, il-Kummissjoni*** għandha tistabbilixxi pjattaforma ***pubblika*** onlajn biex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri**,** tiġi promossa l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri ***u jiġi ffaċilitat l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni***. |
| 2. L-Istati Membri għandhom jużaw il-pjattaforma onlajn sabiex jibagħtu r-rapporti msemmija f'dan il-Kapitolu lill-Kummissjoni ladarba l-pjattaforma ssir operazzjonali. | 2. L-Istati Membri għandhom jużaw il-pjattaforma onlajn sabiex jibagħtu r-rapporti msemmija f'dan il-Kapitolu lill-Kummissjoni ladarba l-pjattaforma ssir operazzjonali. ***L-Istati Membri għandhom jagħmlu dawn ir-rapporti disponibbli pubblikament.*** |
| | ***2a. Il-Kummissjoni għandha tuża l-pjattaforma elettronika biex tiffaċilita l-aċċess pubbliku onlajn għall-abbozzi u għall-verżjonijiet finali kemm tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima kif ukoll tal-istrateġiji nazzjonali fit-tul dwar l-enerġija u l-klima msemmija fl-Artikoli 3, 9 u 14.*** |

**Emenda 163**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sal-31 ta' Ottubru 2021 u sussegwentement kull tieni sena, il-Kummissjoni għandha tivvaluta, b'mod partikolari abbażi tar-rapporti nazzjonali integrati ta' progress dwar l-enerġija u l-klima, ta' informazzjoni oħra rrapportata skont dan ir-Regolament, tal-indikaturi u tal-istatistika Ewropea meta jkunu disponibbli: | 1. Sal-31 ta' Ottubru 2021 u sussegwentement kull tieni sena, il-Kummissjoni għandha tivvaluta, b'mod partikolari abbażi tar-rapporti nazzjonali integrati ta' progress dwar l-enerġija u l-klima, ta' informazzjoni oħra rrapportata skont dan ir-Regolament, ***ta' data mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u*** tal-indikaturi u tal-istatistika Ewropea meta jkunu disponibbli: |

**Emenda 164**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-progress li jkun sar fil-livell tal-Unjoni biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, inkluż għall-ewwel perjodu ta' għaxar snin, l-għanijiet tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030, b'mod partikolari bl-għan li tiġi evitata kwalunkwe diskrepanza fl-għanijiet għall-enerġija rinnovabbli u għall-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030; | (a) il-progress li jkun sar fil-livell tal-Unjoni biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, inkluż għall-ewwel perjodu ta' għaxar snin, l-għanijiet tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030, b'mod partikolari bl-għan li tiġi evitata kwalunkwe diskrepanza fl-għanijiet għall-enerġija rinnovabbli u għall-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030 ***u fid-dawl tal-azzjoni għall-klima u l-enerġija riveduta tal-Unjoni, skont kif jixraq, kif deskritt fl-Artikolu 38***; |

**Emenda 165**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) il-progress miksub fil-livell tal-Unjoni lejn id-diversifikazzjoni tas-sorsi u*** |

***l-fornituri tal-enerġija tagħha, b'kontribut lejn Unjoni tal-Enerġija li tiffunzjona bis-sħiħ u tkun reżiljenti, imsejsa fuq is-sigurtà tal-provvista, is-solidarjetà u l-fiduċja;***

**Emenda 166**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-progress li jkun sar minn kull Stat Membru biex jintlaħqu l-miri***, l-għanijiet*** u ***l-kontributi*** tiegħu u biex jiġu implimentati l-politiki u l-miżuri stabbiliti fil-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima; | (b) il-progress li jkun sar minn kull Stat Membru biex jintlaħqu l-miri u ***l-għanijiet*** tiegħu u biex jiġu implimentati l-politiki u l-miżuri stabbiliti fil-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima ***tiegħu***; |

**Emenda 167**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) l-impatt globali tal-politiki u tal-miżuri tal-pjanijiet nazzjonali integrati fuq it-tħaddim tal-miżuri tal-politika tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija, bil-ħsieb li ssir reviżjoni tal-kontribuzzjoni stabbilita fil-livell nazzjonali tal-Unjoni u jiżdied il-livell ta' ambizzjoni b'konformità mal-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi;*** |

**Emenda 168**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(cb) l-impatt ġenerali tal-politiki u l-miżuri tal-pjanijiet nazzjonali integrati fuq it-tħaddim tal-EU ETS;*** |

**Emenda 169**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 1 – punt cc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(cc) il-korrettezza tal-istimi tal-Istati Membri rigward l-effetti tal-politiki u l-miżuri li jirkbu fuq xulxin fil-livell nazzjonali fuq il-bilanċ bejn il-provvista ta' kwoti u d-domanda għalihom fi ħdan l-EU ETS, jew, fin-nuqqas ta' dawn l-istimi, għandha twettaq il-valutazzjoni tagħha stess tal-istess impatt;*** |

**Emenda 170**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-Kummissjoni għandha tħabbar bil-quddiem l-indikaturi li biħsiebha tuża biex tagħmel tali valutazzjonijiet.*** |

**Emenda 171**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, bħala parti mill-valutazzjoni tagħha msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-progress li jkun sar fis-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-Unjoni abbażi ta' trajettorja lineari li tibda minn 20 % fl-2020 u li tilħaq minn tal-inqas ***27*** % fl-2030 kif imsemmi fl-Artikolu 4(a)(2)(***i***). | 2. Fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, bħala parti mill-valutazzjoni tagħha msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-progress li jkun sar fis-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-Unjoni abbażi ta' trajettorja lineari ***vinkolanti*** li tibda minn 20 % fl-2020 u li tilħaq minn tal-inqas ***35*** % fl-2030 kif imsemmi fl-Artikolu 4(a)(2)(***ic***). |

**Emenda 172**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, bħala parti mill-valutazzjoni tagħha msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-progress li jkun sar biex b'mod kollettiv jintlaħaq livell massimu tal-konsum tal-enerġija fil-livell tal-Unjoni ta' ***1 321*** Mtoe ta' konsum ta' enerġija primarja u ta' ***987*** Mtoe ta' konsum ta' enerġija finali fl-2030 kif imsemmi fl-Artikolu 6(1)(a). | Fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, bħala parti mill-valutazzjoni tagħha msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-progress li jkun sar biex b'mod kollettiv jintlaħaq livell massimu tal-konsum tal-enerġija fil-livell tal-Unjoni ta' ***1 132*** Mtoe ta' konsum ta' enerġija primarja u ta' ***849*** Mtoe ta' konsum ta' enerġija finali fl-2030 kif imsemmi fl-Artikolu 6(1)(a). |

**Emenda 173**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***tikkunsidra nkisbitx*** il-mira tal-Unjoni ta' mhux iżjed minn 1 483 Mtoe ta' enerġija primarja ***jew*** ta' mhux iżjed minn | (a) ***tivvaluta jekk l-Istati Membri individwali humiex fit-triq it-tajba biex jilħqu l-mira nazzjonali vinkolanti tagħhom u jekk inkisbitx*** il-mira tal- |

| | |
|---|---|
| 1 086 Mtoe ta' enerġija finali fl-2020; | Unjoni ta' mhux iżjed minn 1 483 Mtoe ta' enerġija primarja ***u*** ta' mhux iżjed minn 1 086 Mtoe ta' enerġija finali fl-2020; |

**Emenda 174**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Sal-31 ta' Ottubru 2019 u sussegwentement kull erba' snin, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/31/KE.*** | ***imħassar*** |

**Emendi 175 u 307Proposta għal regolament**
**Artikolu 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 26 | Artikolu 26 |
| Segwitu f'każ ta' inkonsistenzi mal-għanijiet u mal-miri ġenerali tal-Unjoni tal-Enerġija skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi | Segwitu f'każ ta' inkonsistenzi mal-għanijiet u mal-miri ġenerali tal-Unjoni tal-Enerġija skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi |
| 1. Abbażi tal-valutazzjoni skont l-Artikolu 25, il-Kummissjoni għandha toħroġ rakkomandazzjonijiet lil Stat Membru skont l-Artikolu 28 jekk l-iżviluppi ta' politika f'dak l-Istat Membru juru inkonsistenzi mal-għanijiet ġenerali tal-Unjoni tal-Enerġija. | 1. Abbażi tal-valutazzjoni skont l-Artikolu 25, il-Kummissjoni għandha toħroġ rakkomandazzjonijiet lil Stat Membru skont l-Artikolu 28 jekk l-iżviluppi ta' politika f'dak l-Istat Membru juru inkonsistenzi mal-għanijiet ġenerali tal-Unjoni tal-Enerġija ***u mal-miri fuq medda twila ta' żmien tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-gassijiet serra***. |
| | ***1a. Stat Membru li jkun biħsiebu juża l-flessibbiltà skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru .../... [Kondiviżjoni tal-Isforzi] għandu jinkludi fil-pjan skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, il-*** |

***livell ta' użu intenzjonat u l-politiki u l-miżuri ppjanati biex jeċċedi r-rekwiżiti skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru.../... [LULUCF] għall-perjodu mill-2021 sal-2030 sal-livell neċessarju.***

2. Il-Kummissjoni tista' toħroġ opinjonijiet dwar il-pjanijiet ta' azzjoni li jkunu ntbagħtu mill-Istati Membri skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament [ ] [ESR].

2. Il-Kummissjoni tista' toħroġ opinjonijiet dwar il-pjanijiet ta' azzjoni li jkunu ntbagħtu mill-Istati Membri skont l-Artikolu ***7 u l-Artikolu*** 8(1) tar-Regolament [ ] [ESR].

***2a. Il-Kummissjoni tista' b'mod temporanju tissospendi l-possibbiltà li Stat Membru jittrasferixxi allokazzjonijiet annwali ta' emissjonijiet lil Stati Membri oħrajn.***

***2b. Minħabba l-potenzjal għoli ta' tisħin globali u t-tul ta' ħajja atmosferika relattivament qasir tal-metan, il-Kummissjoni għandha tanalizza l-implikazzjonijiet għall-politiki u l-miżuri tal-adozzjoni ta' orizzont ta' 20 sena żmien għall-metan. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-għażliet ta' politika sabiex tindirizza malajr l-emissjonijiet tal-metan u tipproponi Strateġija tal-Unjoni dwar il-Metan, filwaqt li tqis kif xieraq l-objettivi tal-ekonomija ċirkolari, u filwaqt li tipprijoritizza l-emissjonijiet tal-metan marbutin mal-enerġija u mal-iskart.***

***2 c. Il-Kummissjoni, fl-2027, għandha tirrapporta għall-perjodu mill-2021 sal-2025, u fl-2032, għall-perjodu mill-2026 sal-2030, dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti totali tal-Unjoni ta' gassijiet serra għal kull kategorija ta' kontabbiltà tal-art imsemmija fl-Artikolu 2 skont ir-Regolament (UE) .../... [LULUCF] ikkalkolata bħala t-total tal-emissjonijiet u l-assorbimenti rrappurtati għall-perjodu u jitnaqqas il-valur miksub permezz tal-multiplikazzjoni b'ħamsa tal-medja annwali tal-Unjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti rrappurtati fil-perjodu mill-2000 sal-2009. Abbażi tas-sejbiet tar-rapport, il-Kummissjoni għandha, kif xieraq, tagħmel proposti biex tiżgura l-integrità tal-mira globali tal-Unjoni tal-2030 ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-kontribut tagħha għall-***

| | |
|---|---|
| | ***għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi.*** |

**Emenda 309**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu -1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1. Jekk, abbażi tal-valutazzjoni tal-abbozz ta' pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 9, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miri tal-Istati Membri huma insuffiċjenti għall-kisba kollettiva tal-miri vinkolanti globali tal-Unjoni għall-2030 għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija, hi tista' titlob lill-Istati Membri, li l-miri tagħhom huma meqjusa insuffiċjenti, biex iżidu l-livell ta' ambizzjoni sabiex jiżguraw il-livell rilevanti ta' ambizzjoni kollettiva.*** |

**Emenda 310**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu -1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1a. Fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, il-Kummissjoni għandha tuża ċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 5(1) bħala l-kriterji oġġettivi għall-valutazzjoni tagħha msemmija fl-Artikolu 12. L-Istati Membri li għandhom mira li tkun inqas minn dik li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-formola stabbilita fl-Anness Ia għandhom iżidu l-mira tagħhom kif xieraq.*** |

**Emenda 176**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jekk, abbażi tal-valutazzjoni tagħha dwar il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima ***u l-aġġornamenti tagħhom*** skont l-Artikolu 12, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miri**,** l-għanijiet ***u l-kontributi*** tal-pjanijiet nazzjonali ***jew l-aġġornamenti tagħhom*** ma jkunux biżżejjed ***biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija u, b'mod partikolari, għall-ewwel perjodu ta' għaxar snin, il-miri għall-enerġija rinnovabbli u għall-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030***, il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri fil-livell tal-Unjoni sabiex ***li*** dawk l-għanijiet u l-miri jintlaħqu b'mod kollettiv. Fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli***, tali miżuri għandhom iqisu l-livell ta' ambizzjoni tal-kontributi biex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni għall-2030 stabbilita mill-Istati Membri fil-pjanijiet nazzjonali u fl-aġġornamenti tagħhom.*** | 1. Jekk, abbażi tal-valutazzjoni tagħha dwar il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 12, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miri ***u*** l-għanijiet tal-pjanijiet nazzjonali ma jkunux biżżejjed, il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri fil-livell tal-Unjoni sabiex dawk l-għanijiet u l-miri jintlaħqu b'mod kollettiv. |
| | Fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli**,** ***mingħajr preġudizzju għal miżuri oħra, il-mira nazzjonali tal-Istati Membri għall-2030 għandha tiġi riveduta skont l-Artikolu 3(2) u l-Anness Ia tad-Direttiva (EU) .../... [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinovabbli] sal-31 ta' Diċembru 2020.*** |

**Emenda 177**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jekk, abbażi tal-valutazzjoni tagħha | 2. Jekk, abbażi tal-valutazzjoni tagħha |

| | |
|---|---|
| skont l-Artikolu 25(1)(b), il-Kummissjoni tikkonkludi li ma jkunx sar biżżejjed progress minn Stat Membru biex jintlaħqu ***l-miri***, ***l-għanijiet*** u ***l-kontributi*** jew biex jiġu implimentati l-politiki u l-miżuri stabbiliti fil-pjan nazzjonali integrat dwar il-klima u l-enerġija, għandha toħroġ rakkomandazzjonijiet għall-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 28. ***Meta toħroġ dawn ir-rakkomandazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tqis l-isforzi ambizzjużi bikrin mill-Istati Membri li jikkontribwixxu biex tintlaħaq il-mira għall-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni għall-2030.*** | skont l-Artikolu 25(1)(b), il-Kummissjoni tikkonkludi li ma jkunx sar biżżejjed progress minn Stat Membru biex jintlaħqu ***t-trajettorji***, ***il-miri*** u ***l-għanijiet tiegħu*** jew biex jiġu implimentati l-politiki u l-miżuri stabbiliti fil-pjan nazzjonali integrat dwar il-klima u l-enerġija, għandha toħroġ rakkomandazzjonijiet għall-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 28. |

**Emenda 178**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jekk, abbażi tal-valutazzjoni ***aggregata*** tagħha tar-rapporti nazzjonali integrati ta' progress dwar l-enerġija u l-klima tal-Istati Membri ***skont l-Artikolu 25(1)(a), u*** appoġġata minn sorsi oħra ta' informazzjoni, kif ikun xieraq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Unjoni qed tissogra li ma tilħaqx l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija u, b'mod partikolari, għall-ewwel perjodu ta' għaxar snin, il-miri tal-Qafas għall-Klima u l-Enerġija tal-Unjoni għall-2030, ***tista'*** toħroġ rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri kollha skont l-Artikolu 28 biex jittaffa dan ir-riskju. Kif ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri fil-livell tal-Unjoni flimkien mar-rakkomandazzjonijiet sabiex jiġi żgurat b'mod partikolari li l-Unjoni tilħaq il-miri għall-enerġija rinnovabbli u għall-effiċjenza enerġetika għall-2030. ***Fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli,*** dawn il-miżuri għandhom iqisu l-isforzi ambizzjużi bikrin mill-Istati Membri li jikkontribwixxu biex ***tintlaħaq il-mira*** tal- | 3. Jekk, abbażi tal-valutazzjoni tagħha tar-rapporti nazzjonali integrati ta' progress dwar l-enerġija u l-klima tal-Istati Membri ***jew*** appoġġata minn sorsi oħra ta' informazzjoni, kif ikun xieraq***, skont l-Artikolu 25***, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Unjoni qed tissogra li ma tilħaqx l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija u, b'mod partikolari, għall-ewwel perjodu ta' għaxar snin, il-miri tal-Qafas għall-Klima u l-Enerġija tal-Unjoni għall-2030, ***għandha*** toħroġ rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri kollha skont l-Artikolu 28 biex jittaffa dan ir-riskju. ***Meta toħroġ dawn ir-rakkomandazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tqis il-livell ta' ambizzjoni tal-Istati Membri għall-miri tal-Unjoni għall-2030.*** Kif ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri fil-livell tal-Unjoni flimkien mar-rakkomandazzjonijiet sabiex jiġi żgurat b'mod partikolari li l-Unjoni tilħaq il-miri għall-enerġija rinnovabbli u għall-effiċjenza enerġetika għall-2030. Dawn il-miżuri għandhom iqisu l-isforzi |

| | |
|---|---|
| Unjoni għall-2030. | ambizzjużi bikrin***, b'mod partikolari dawk mill-2021 'il quddiem,*** mill-Istati Membri li jikkontribwixxu biex ***jilħqu l-miri*** tal-Unjoni għall-2030***, il-livell ta' konformità mill-Istati Membri mal-miri u t-trajettorji nazzjonali tagħhom kif ukoll kwalunkwe kontribuzzjoni għall-pjattaforma finanzjarja skont il-paragrafu 4(c)***. |

**Emenda 179**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, dawn il-miżuri addizzjonali jistgħu b'mod partikolari jtejbu l-effiċjenza enerġetika:*** |
| | ***(a) tal-prodotti, skont id-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE;*** |
| | ***(b) tal-bini, skont id-Direttivi 2010/31/UE u 2012/27/UE; u*** |
| | ***(c) tat-trasport.*** |

**Emenda 180**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jekk, abbażi tal-valutazzjoni tagħha skont l-Artikolu 25(1)(a), il-Kummissjoni tikkonkludi li proġett ta' infrastruttura jista' potenzjalment ikun ta' ostakolu għall-iżvilupp ta' Unjoni tal-Enerġija reżiljenti, il-Kummissjoni għandha toħroġ valutazzjoni preliminari tal-kompatibbiltà tal-proġett mal-għanijiet fit-tul tas-suq intern tal-enerġija, b'kunsiderazzjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***partikolari tal-għan fit-tul u tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 28. Qabel ma toħroġ din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni tista' tikkonsulta Stati Membri oħrajn.*** |

**Emenda 293**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 4 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jekk, fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, mingħajr preġudizzju għall-miżuri fil-livell tal-Unjoni stabbiliti fil-paragrafu 3, il-Kummissjoni tikkonkludi abbażi tal-valutazzjoni tagħha skont l-Artikolu 25(1) u (2) ***fl-2023***, ***li t-trajettorja lineari tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 25(2) ma ġietx issodisfata b'mod kollettiv***, l-Istati Membri għandhom jiżguraw ***sal-2024*** li kwalunkwe diskrepanza ***emerġenti*** tkun koperta b'miżuri addizzjonali, bħal: | 4. Jekk, fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, mingħajr preġudizzju għall-miżuri fil-livell tal-Unjoni stabbiliti fil-paragrafu 3, il-Kummissjoni tikkonkludi abbażi tal-valutazzjoni tagħha skont l-Artikolu 25(1) u (2) ***li Stat Membru mhux qed jagħmel biżżejjed progress biex jikkonforma mal-miri nazzjonali 2030 tiegħu***, ***b'mod partikolari billi ma jikkonformax mal-punti ta' referenza tiegħu fl-2022, l-2025 u l-2072 kif stupulat fl-Anness Ia***, l-Istati Membri ***kkonċernati*** għandhom jiżguraw li kwalunkwe diskrepanza ***fit-trajettorja tagħhom*** tkun koperta ***fi żmien sena*** b'miżuri addizzjonali, bħal: |

**Emenda 182**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) azzjoni biex jiġi promoss sehem ikbar ta' elettriku ġġenerat mill-enerġija rinnovabbli abbażi tal-kriterji tal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) .../... [riformulazzjoni tad-*** |

*Direttiva 2009/28/KE];*

**Emenda 183**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 4 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) tingħata kontribuzzjoni finanzjarja għal pjattaforma ta' finanzjament stabbilita fil-livell tal-Unjoni, li tikkontribwixxi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u li tkun ġestita direttament jew indirettament mill-Kummissjoni; | (c) tingħata kontribuzzjoni finanzjarja ***volontarja*** għal pjattaforma ta' finanzjament stabbilita fil-livell tal-Unjoni, li tikkontribwixxi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli***, b'mod partikolari dawk li għandhom interess tal-Unjoni tal-Enerġija,*** u li tkun ġestita direttament jew indirettament mill-Kummissjoni; |

**Emenda 184**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 4 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) jintużaw mekkaniżmi ta' kooperazzjoni stabbiliti fid-Direttiva (UE) .../... [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli];*** |

**Emenda 185**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 4 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Tali miżuri għandhom iqisu l-livell ta' ***ambizzjoni ta' kontributi bikrin għall-mira tal-Unjoni*** għall-enerġija rinnovabbli ***għall-2030 mill-Istat Membru kkonċernat***. | Tali miżuri għandhom iqisu l-livell ta' ***konformità tal-Istat Membru mal-mira u t-trajettorja nazzjonali tiegħu*** għall-enerġija rinnovabbli. |

***Il-Kummissjoni għandha, kif ikun xieraq, tieħu miżuri fil-livell tal-Unjoni apparti miżuri fil-livell nazzjonali sabiex tiżgura l-kisba tat-trajettorja lineari vinkolanti tal-Unjoni u l-mira vinkolanti tal-Unjoni għall-2030 għall-enerġija rinovabbli.***

**Emenda 186**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jekk, fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, mingħajr preġudizzju għal miżuri oħra fil-livell tal-Unjoni skont il-paragrafu 3, il-Kummissjoni tikkonkludi abbażi tal-valutazzjoni tagħha skont l-Artikolu 25(1) u (3) fl-2023***, li l-progress biex tintlaħaq il-mira għall-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni msemmija fl-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 25(3) ma jkunx biżżejjed, għandha tieħu miżuri sal-2024 flimkien ma' dawk li ġew stabbiliti fid-Direttiva 2010/31/UE [il-verżjoni kif emendata skont il-proposta COM(2016)0765] u fid-Direttiva 2012/27/UE [il-verżjoni kif emendata skont il-proposta COM(2016)0761] sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-miri vinkolanti għall-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030***. | 5. Jekk, fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, mingħajr preġudizzju għal miżuri oħra fil-livell tal-Unjoni skont il-paragrafu 3, il-Kummissjoni tikkonkludi abbażi tal-valutazzjoni tagħha skont l-Artikolu 25(1) u (3) fl-2023 ***u kull sentejn wara dan, li Stat Membru ma jkunx qed jagħmel biżżejjed progress sabiex jikseb il-mira nazzjonali vinkolanti u t-trajettorja tiegħu, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li sas-sena 2024 u kull sentejn wara dan, rispettivament, li kwalunkwe diskrepanza emerġenti fit-trajettorja tiegħu tkun koperta b'miżuri addizzjonali fi żmien sena***. |
| ***(a) tal-prodotti, skont id-Direttiva 2010/30/UE u d-Direttiva 2009/125/KE;*** | |
| ***(b) tal-bini, skont id-Direttiva 2010/31/UE [il-verżjoni kif emendata skont il-proposta COM(2016)0765] u d-Direttiva 2012/27/UE [il-verżjoni kif emendata skont il-proposta COM(2016)0761];*** | |
| ***(c) tat-trasport.*** | |

**Emenda 187**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Kull Stat Membru kkonċernat imsemmi fil-paragrafu 4 jew 5 għandu jagħti fid-dettall il-miżuri addizzjonali, implimentati, adottati u ppjanati biex ikopri d-diskrepanza sabiex jikkonforma mal-miri u t-trajettorji nazzjonali tiegħu għall-2030 bħala parti mir-rapport ta' progress tiegħu li jmiss imsemmi fl-Artikolu 15.*** |

**Emenda 188**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) fir-rapport nazzjonali integrat tiegħu ta' progress dwar l-enerġija u l-klima li jkun sar sena wara li tkun inħarġet ir-rakkomandazzjoni, l-Istat Membru għandu jistabbilixxi kif ikun ikkunsidra għalkollox ir-rakkomandazzjoni u kif ikun implimentaha jew beħsiebu jimplimentaha. L-Istat Membru għandu jipprovdi ***ġustifikazzjonijiet*** meta jiddevja mir-rakkomandazzjoni; | (b) fir-rapport nazzjonali integrat tiegħu ta' progress dwar l-enerġija u l-klima li jkun sar sena wara li tkun inħarġet ir-rakkomandazzjoni, l-Istat Membru għandu jistabbilixxi kif ikun ikkunsidra għalkollox ir-rakkomandazzjoni u kif ikun implimentaha jew beħsiebu jimplimentaha. L-Istat Membru għandu jipprovdi ***raġunijiet*** meta jiddevja mir-rakkomandazzjoni; |

**Emenda 189**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) jenħtieġ li r-rakkomandazzjonijiet ikunu kumplimentari għall-iżjed rakkomandazzjonijiet speċifiċi reċenti għall-pajjiżi li jkunu nħarġu fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. | (c) jenħtieġ li r-rakkomandazzjonijiet ikunu kumplimentari għall-iżjed rakkomandazzjonijiet speċifiċi reċenti għall-pajjiżi li jkunu nħarġu ***skont l-Artikolu 9(2) u*** fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. |

**Emenda 190**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Il-Kummissjoni għandha tippubblika minnufih dawn ir-rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri kollha;*** |

**Emenda 191**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 2 – punt ja (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ja) valutazzjoni ġenerali tal-progress li jkun sar lejn l-integrazzjoni sħiħa tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" u t-trattament ġust għall-konsumaturi tal-enerġija";*** |

**Emenda 192**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 2 – punt jb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(jb) rapport ta' progress dwar il-kompetittività;*** |

**Emenda 193**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 2 – punt jc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(jc) il-progress tal-Istati Membri lejn it-tneħħija gradwali tas-sussidji diretti u indiretti għall-fjuwils fossili sal-2020;*** |

**Emenda 194**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 2 - punt ka (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ka) valutazzjoni finanzjarja tal-ispejjeż sostnuti mill-konsumatur finali tal-elettriku abbażi ta' indikaturi li jimmonitorjaw l-ispiża reali għall-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija.*** |

**Emenda 195**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 30 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sal-1 ta' Jannar 2021, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, jħaddmu u jfittxu li jtejbu kontinwament is-sistemi ta' inventarji nazzjonali biex jiġu stmati l-emissjonijiet antropoġeniċi minn fonti u l-assorbimenti minn bjar ta' gassijiet serra elenkati fil-Parti 2 tal-Anness III ta' dan ir-Regolament u tiġi żgurata t-tempestività, it-trasparenza, ir-reqqa, il-konsistenza, il-paragunabbiltà u l-kompletezza tal-inventarji tagħhom tal-gassijiet serra. | 1. Sal-1 ta' Jannar 2021, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, jħaddmu u jfittxu li jtejbu kontinwament is-sistemi ta' inventarji nazzjonali ***skont ir-rekwiżiti tal-UNFCCC*** biex jiġu stmati l-emissjonijiet antropoġeniċi minn fonti u l-assorbimenti minn bjar ta' gassijiet serra elenkati fil-Parti 2 tal-Anness III ta' dan ir-Regolament u tiġi żgurata t-tempestività, it-trasparenza, ir-reqqa, il-konsistenza, il-paragunabbiltà u l-kompletezza tal-inventarji tagħhom tal-gassijiet serra. |

**Emenda 196**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Fl-2027 u fl-2032,*** il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami komprensiv ***tad-dejta*** tal-inventarju nazzjonali li tkun intbagħtet mill-Istati Membri skont l-Artikolu 23(3) ta' dan ir-Regolament bl-għan li twettaq monitoraġġ tat-tnaqqis jew tal-limitazzjonijiet tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Istati Membri skont l-Artikoli 4, 9 u 10 tar-Regolament [ ] [ESR] u tat-tnaqqis tagħhom tal-emissjonijiet u tat-tisħiħ tal-assorbimenti minn bjar skont l-Artikoli 4 u 12 tar-Regolament [ ] [LULUCF] u ta' kwalunkwe mira oħra ta' tnaqqis jew ta' limitazzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbilita fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom jipparteċipaw b'mod sħiħ f'dak il-proċess. | 1. Il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami komprensiv ***tad-data*** tal-inventarju nazzjonali li tkun intbagħtet mill-Istati Membri skont l-Artikolu 23(3) ta' dan ir-Regolament bl-għan li twettaq monitoraġġ tat-tnaqqis jew tal-limitazzjonijiet tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Istati Membri skont l-Artikoli 4, 9 u 10 tar-Regolament [ ] [ESR] u tat-tnaqqis tagħhom tal-emissjonijiet u tat-tisħiħ tal-assorbimenti minn bjar skont l-Artikoli 4 u 12 tar-Regolament [ ] [LULUCF] u ta' kwalunkwe mira oħra ta' tnaqqis jew ta' limitazzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbilita fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom jipparteċipaw b'mod sħiħ f'dak il-proċess. |

**Emenda 197**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. ***Id-dejta*** għal kull Stat Membru kif irreġistrata fir-reġistri stabbiliti skont l-Artikolu 11 tar-Regolament [ ] [ESR] xahar wara d-data tal-kontroll tal-konformità mar-Regolament [ ] [LULUCF] imsemmi fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, għandha tintuża għall-kontroll tal-konformità skont l-Artikolu 9 tar-Regolament [ ] [ESR] ***għall-2021 u għall-2026***. Il-kontroll tal-konformità skont l-Artikolu 9 tar-Regolament [ ] [ESR] għal kull waħda mis-snin ***mill-2022 sal-2025 u mill-2027 sal-2030*** għandu jitwettaq fid-data li tinzerta xahar wara d-data tal-kontroll tal-konformità għas-sena preċedenti. Dan il-kontroll għandu jinkludi t-tibdil f'din ***id-dejta*** li jirriżulta meta dak l-Istat Membru juża l-flessibbiltajiet skont l-Artikoli 5, 6 u 7 tar-Regolament [ ] [ESR]. | 6. ***Id-data*** għal kull Stat Membru kif irreġistrata fir-reġistri stabbiliti skont l-Artikolu 11 tar-Regolament [ ] [ESR] xahar wara d-data tal-kontroll tal-konformità mar-Regolament [ ] [LULUCF] imsemmi fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, għandha tintuża għall-kontroll tal-konformità skont l-Artikolu 9 tar-Regolament [ ] [ESR]. Il-kontroll tal-konformità skont l-Artikolu 9 tar-Regolament [ ] [ESR] għal kull waħda ***[***mis-snin ***konsistenti maċ-ċiklu ta' konformità msemmi fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) .../... [ESR]*** għandu jitwettaq fid-data li tinzerta xahar wara d-data tal-kontroll tal-konformità għas-sena preċedenti. Dan il-kontroll għandu jinkludi t-tibdil f'din ***id-data*** li jirriżulta meta dak l-Istat Membru juża l-flessibbiltajiet skont l-Artikoli 5, 6 u 7 tar-Regolament [ ] [ESR]. |

**Emenda 198**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Matul l-aħħar kontroll tal-konformità msemmi fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, kontroll tar-rekwiżiti skont [l-Artikolu 9a; Riserva għal Azzjoni Bikrija [ESR] għandu jitwettaq mill-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru biex jagħmel użu minn dik ir-riserva. Dak il-kontroll jista' jkun segwit minn tibdiliet rigward id-data għal kull Stat Membru eleġibbli fejn ir-rekwiżiti skont l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***[Artikolu 9a; Riżerva għall-Azzjoni Bikrija] [ESR] ikunu sodisfati.*** |

**Emenda 199**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 35 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha tassisti lill-Kummissjoni fil-ħidma tagħha fir-rigward tad-dimensjonijiet tad-dekarbonizzazzjoni u tal-effiċjenza enerġetika sabiex tikkonforma mal-Artikoli 14, 15, 16, 17, 18, 19, 23, 24, 25, 29, 30, 31, 32 u 34 skont il-programm ta' ħidma annwali tagħha. Dik l-assistenza għandha tinkludi l-assistenza kif meħtieġ: | L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha tassisti lill-Kummissjoni fil-ħidma tagħha fir-rigward tad-dimensjonijiet tad-dekarbonizzazzjoni u tal-effiċjenza enerġetika sabiex tikkonforma mal-Artikoli ***13a,*** 14, 15, 16, 17, 18, 19, 23, 24, 25, 29, 30, 31, 32 u 34 skont il-programm ta' ħidma annwali tagħha. Dik l-assistenza għandha tinkludi l-assistenza kif meħtieġ: |

**Emenda 200**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 35 – paragrafu 1 – punt ja (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ja) għat-tfassil tas-sehem approssimat tal-Unjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija u l-konsum approssimat tal-enerġija primarja u finali.*** |

**Emenda 201**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kumitat dwar ***l-Unjoni tal-Enerġija*** | Il-Kumitat dwar ***l-Enerġija u t-Tibdil fil-Klima*** |

**Emenda 202**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat dwar ***l-Unjoni tal-Enerġija***. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 ***u għandu jaħdem fil-formazzjonijiet settorjali rispettivi li jkunu rilevanti għal dan ir-Regolament***. | 1. ***Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament,*** il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat dwar ***l-Enerġija u t-Tibdil fil-Klima***. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. |

**Emenda 203**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Dan il-Kumitat jissostitwixxi l-kumitat stabbilit bl-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni 93/389/KEE, bl-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni 280/2004/KE u bl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013. Ir-referenzi għall-kumitat stabbilit skont dawk l-atti legali għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-kumitat stabbilit b'dan ir-Regolament***. | 2. ***Minkejja l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Artikoli 15, 17, 23, 31 u 32 ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima stabbilit mill-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013.*** |

**Emenda 204**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 38 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Sat-28 ta' Frar 2026*** u ***sussegwentement*** kull ***ħames snin***, il-Kummissjoni għandha ***tirrapporta*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-tħaddim ta' dan ir-Regolament, il-kontribut tiegħu għall-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u l-konformità tal-ippjanar, tar-rapportar u tal-monitoraġġ tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ma' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni jew ma' deċiżjonijiet futuri marbuta mal-UNFCCC u ***mal-Ftehim*** ta' Pariġi. ***Il-Kummissjoni tista' tagħmel*** proposti jekk ikun xieraq. | ***Fi żmien sitt xhur mid-djalogu faċilitattiv li għandu jitlaqqa' taħt il-UNFCCC fl-2018 sabiex jittieħed rendikont tal-isforzi kollettivi tal-Partijiet fir-rigward tal-progress lejn l-għan globali fit-tul,*** u ***fi żmien sitt xhur mit-teħid tar-rendikont globali fl-2023 u*** kull ***teħid ta' rendikont globali sussegwenti wara dan***, il-Kummissjoni għandha ***tressaq rapport*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-tħaddim ***u l-implimentazzjoni*** ta' dan ir-Regolament, il-kontribut tiegħu għall-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u l-konformità tal-ippjanar, tar-rapportar u tal-monitoraġġ tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ma' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni jew ma' deċiżjonijiet futuri marbuta mal-UNFCCC u ***l-adegwatezza tal-kontribut tiegħu għall-kisba tal-objettivi tal-Ftehim*** ta' Pariġi. ***Ir-rapporti għandhom ikunu akkumpanjati minn*** proposti ***biex tissaħħaħ l-azzjoni tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija,*** jekk ikun xieraq. |

**Emenda 205**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 38 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fi żmien sitt xhur wara li l-Unjoni tkun issottomettiet Kontribut Determinat fil-Livell Nazzjonali (NDC) ġdid jew rivedut skont il-Ftehim ta' Pariġi, il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tissottometti l-proposti leġiżlattivi neċessarji biex jiġu emendati l-atti legali rilevanti tal-Unjoni.*** |

**Emenda 206**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt 2**
Direttiva 98/70/KE

Artikolu 7a – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(2) fit-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 7a(1), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** <br><br> ***"il-volum totali tal-provvista ta' kull tip ta' fjuwil jew ta' enerġija; kif ukoll"*** | ***imħassar*** |

**Emenda 207**
**Proposta għal regolamentArtikolu 47 – paragrafu 1 – punt 2**
**Direttiva 2012/27/UE**
**Artikolu 18 - paragrafu 1 - punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(2) fl-Artikolu 18(1), jitħassar il-punt (e);*** | ***imħassar*** |

**Emenda 208**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652
Anness I - parti 2 - punti 2, 3, 4 u 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) fil-Parti 2 tal-Anness I, jitħassru l-punti ***2, 3,*** 4 u 7. | (1) fil-Parti 2 tal-Anness I, jitħassru l-punti 4 u 7. |

**Emenda 209**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a**

Direttiva (UE) 2015/652

Anness III – punt 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "1. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw ***id-data*** elenkata fil-punt 3. Din id-data għandha tiġi rrappurtata għal kull fjuwil u enerġija imqiegħda fis-suq fl-Istat Membru. Fejn bijofjuwils multipli jkunu mħallta ma' fjwuils fossili, għandha tingħata d-data għal kull bijofjuwil." | "1. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw ***kull sena d-data*** elenkata fil-punt 3. Din id-data għandha tiġi rrappurtata għal kull fjuwil u enerġija imqiegħda fis-suq fl-Istat Membru. Fejn bijofjuwils multipli jkunu mħallta ma' fjwuils fossili, għandha tingħata d-data għal kull bijofjuwil." |

**Emenda 210**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**

Direttiva (UE) 2015/652

Anness III – punt 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) fil-punt 3, jitħassru l-punti (e) u (f);*** | ***imħassar*** |

**Emenda 211**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 49a*** |
| | ***EEA*** |
| | ***1. Sa ... [sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tissottometti abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE relatat ma' dan ir-Regolament, bil-ħsieb li l-pajjiżi taż-ŻEE/EFTA jkunu jistgħu jimplimentaw bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u b'hekk jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija.*** |
| | ***2. Wara li jiġu inkorporati fiż-ŻEE/EFTA wara deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, l-obbligi tal-Istati Membri lejn Stati Membri oħrajn fil-qafas ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu estiżi wkoll għal dawk il-pajjiżi taż-ŻEE/EFTA li implimentaw ir-Regolament fit-territorju tagħhom.*** |

**Emenda 212**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 50a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 50a*** |
| | ***Komunità tal-Enerġija*** |
| | ***Sa ... [sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tipproponi l-inkorporazzjoni tiegħu fil-Komunità tal-Enerġija skont l-Artikolu 79 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija. Malli jiġi inkorporat b'deċiżjoni tal-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija u soġġett għal kwalunkwe modifika skont l-Artikolu 24 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija, l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***obbligi tal-Istati Membri fil-konfront ta' Stati Membri oħrajn fil-qafas ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu estiżi wkoll għal dawk il-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija li implimentaw ir-Regolament fit-territorju tagħhom.*** |

**Emenda 213**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 51 | Artikolu 51 |
| Dispożizzjonijiet tranżizzjonali | Dispożizzjonijiet tranżizzjonali |
| B'deroga mill-Artikolu 50 ta' dan ir-Regolament, l-Artikoli 7 u 17(1)(a) u (d) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 għandhom ikomplu japplikaw għar-rapporti li jkun fihom ***id-dejta*** meħtieġa skont dawk l-Artikoli għall-2018, għall-2019 u għall-2020. | B'deroga mill-Artikolu 50 ta' dan ir-Regolament, l-Artikoli 7 u 17(1)(a) u (d) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 għandhom ikomplu japplikaw għar-rapporti li jkun fihom ***id-data*** meħtieġa skont dawk l-Artikoli għall-2018, għall-2019 u għall-2020. |
| | ***L-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 għandu jkompli japplika rigward it-tieni perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto.*** |
| L-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 għandu jkompli japplika għar-rieżamijiet ***tad-dejta*** tal-inventarju tal-GHGs għall-2018, għall-2019 u għall-2020. | L-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 għandu jkompli japplika għar-rieżamijiet ***tad-data*** tal-inventarju tal-GHGs għall-2018, għall-2019 u għall-2020. |
| L-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 għandu jkompli japplika għas-sottomissjoni tar-rapport meħtieġ skont dak l-Artikolu. | L-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 għandu jkompli japplika għas-sottomissjoni tar-rapport meħtieġ skont dak l-Artikolu. |
| | ***L-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 għandu jkompli japplika għall-fini tal-implimentazzjoni tal-Artikoli 15, 17, 23, 31 u 32 ta' dan ir-Regolament kif ukoll meta jkun imsemmi f'atti legali oħra tal-Unjoni.*** |

**Emenda 214**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 1 – punt 1.3. – punt iii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| iii. Konsultazzjonijiet ma' partijiet ikkonċernati, li jinkludu ***sħab*** soċjali***,*** u l-involviment tas-soċjetà ċivili | iii. Konsultazzjonijiet ma' partijiet ikkonċernati, li jinkludu ***s-sħab*** soċjali u l-involviment tas-soċjetà ċivili ***u tal-pubbliku ġenerali*** |

**Emenda 215**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 1 – punt 1.4. – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1.4. Kooperazzjoni reġjonali fit-tħejjija tal-pjan | 1.4. Kooperazzjoni ***makroreġjonali u*** reġjonali fit-tħejjija tal-pjan |

**Emenda 216**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 1 – punt 1.4. – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ii. Spjegazzjoni kif tiġi kkunsidrata l-kooperazzjoni reġjonali fil-pjan. | ii. Spjegazzjoni kif tiġi kkunsidrata l-kooperazzjoni ***makroreġjonali u*** reġjonali fil-pjan. |

**Emenda 217**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 2 – punt 2.1. – punt 2.1.1 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2.1.1. Emissjonijiet u assorbimenti tal-gassijiet serra ***(għall-pjan li jkopri l-perjodu mill-2021 sal-2030, il-mira tal-Qafas għall-2030 ta' mill-anqas 40 % ta' tnaqqis domestiku fl-emissjonijiet*** tal-gassijiet serra ***fl-ekonomiji kollha meta mqabbla mal-1990)***[1] | 2.1.1. Emissjonijiet u assorbimenti tal-gassijiet serra[1] |
| ___________________ | ___________________ |
| [1.] Il-konsistenza għandha tiġi żgurata permezz ta' strateġiji ta' emissjonijiet baxxi għal perjodu ta' żmien twil skont l-Artikolu 14. | [1.] Il-konsistenza għandha tiġi żgurata permezz ta' strateġiji ta' emissjonijiet baxxi għal perjodu ta' żmien twil skont l-Artikolu 14. |

**Emenda 218**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 2 – punt 2.1 – punt 2.1.1 – punt ia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***ia. It-trajettorji nazzjonali tal-Istat Membri mill-2021 'il quddiem għaż-żamma u t-titjib tal-assorbimenti tal-karbonju minn bjar konsistenti mal-Ftehim ta' Pariġi*** |

**Emenda 219**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 2 – punt 2.1. – punt 2.1.1 – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ii. ***Jekk applikabbli,*** għanijiet u miri nazzjonali oħra konsistenti ***ma' strateġiji eżistenti ta' emissjonijiet baxxi*** għal terminu ta' żmien twil. Jekk applikabbli, għanijiet u miri oħra, li jinkludu miri | ii. Għanijiet u miri nazzjonali oħra konsistenti ***mal-Ftehim ta' Pariġi u l-istrateġiji dwar il-klima u l-enerġija*** għal terminu ta' żmien twil. Jekk applikabbli, għanijiet u miri oħra, li jinkludu miri |

| | |
|---|---|
| settorjali u għanijiet ta' adattament | settorjali u għanijiet ta' adattament |

**Emenda 220**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 2 – punt 2.1. – punt 2.1.2 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| i. ***Is-sehem tal-enerġija ppjanata*** tal-Istat Membru minn sorsi rinnovabbli tal-konsum finali gross tal-enerġija ***fl-2030 bħala l-kontribuzzjoni nazzjonali tiegħu biex tinkiseb il-mira vinkolanti fil-livell tal-UE ta' mill-anqas 27 %*** fl-2030. | i. ***Il-mira nazzjonali*** tal-Istat Membru ***għal enerġija*** minn sorsi rinnovabbli tal-konsum finali gross tal-enerġija fl-2030. |

**Emenda 221**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 2 – punt 2.1 – punt 2.1.2 – punt iii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| iii. Trajettorji għas-sehem settorjali tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali ***gross*** tal-enerġija mill-2021 sal-2030 fis-setturi tal-elettriku, tat-tisħin u tat-tkessiħ, u tat-trasport | iii. Trajettorji ***tal-Istat Membru*** għas-sehem settorjali tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija mill-2021 sal-2030 fis-setturi tal-elettriku, tat-tisħin u tat-tkessiħ, u tat-trasport***(diżaggregati bejn it-trasport bit-triq, bil-ferrovija u bl-ajru)*** |

**Emenda 222**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 2 – punt 2.1 – punt 2.1.2 – punt iv**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| iv. Trajettorji b'teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli li l-Istat Membru jipprojetta li | iv. Trajettorji b'teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli li l-Istat Membru jipprojetta li |

| | |
|---|---|
| juża biex jikseb it-trajjetorji globali u settorjali għal enerġija rinnovabbli mill-2021 sal-2030 li jinkludu l-konsum finali gross tal-enerġija mistenni skont it-teknoloġija u s-settur f'Mtoe u l-kapaċità installata ppjanata totali (diviża bil-kapaċità ġdida u forniment mill-ġdid tal-enerġija) għal kull teknoloġija u settur f'MW. | juża biex jikseb it-trajjetorji globali u settorjali għal enerġija rinnovabbli mill-2021 sal-2030 li jinkludu l-konsum finali gross tal-enerġija mistenni skont it-teknoloġija u s-settur f'Mtoe u l-kapaċità installata ppjanata ***netta*** totali (diviża bil-kapaċità ġdida u forniment mill-ġdid tal-enerġija) għal kull teknoloġija u settur f'MW. |

**Emenda 223**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 2 – punt 2.1 – punt 2.1.2 – punt v**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| v. it-trajettorji dwar id-domanda għall-bijoenerġija, diżaggregati bejn it-tisħin, l-elettriku u t-trasport, u dwar il-provvista ta' bijomassa skont il-materja prima u l-oriġini (filwaqt li ssir distinzjoni bejn il-produzzjoni domestika u l-importazzjonijiet). Għall-bijomassa forestali, valutazzjoni tas-sors u tal-impatt tagħha fuq il-bjar tal-LULUCF; | v. It-trajettorji ***tal-Istat Membru*** dwar id-domanda għall-bijoenerġija, diżaggregati bejn it-tisħin, l-elettriku u t-trasport, u dwar il-provvista ta' bijomassa skont il-materja prima u l-oriġini (filwaqt li ssir distinzjoni bejn il-produzzjoni domestika u l-importazzjonijiet). Għall-bijomassa forestali, valutazzjoni tas-sors u tal-impatt tagħha fuq il-bjar tal-LULUCF; |

**Emenda 224**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 2 – punt 2.1 – punt 2.1.2 – punt va (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***va. Is-sehem tal-Istat Membru kif ukoll it-trajettorji u l-għanijiet għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli prodotti mill-ibliet, komunitajiet ta' enerġija rinnovabbli u prosumaturi fl-2030 u trajettorji ta' enerġija rinnovabbli mill-2021 sal-2030 inkluż it-total ta' konsum gross finali tal-enerġija mistenni;*** |

**Emenda 225**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 2 – punt 2.1 – punt 2.1.2 – punt vi**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| vi. Jekk applikabbli, trajettorji u għanijiet nazzjonali oħra, li jinkludu dawk fit-tul jew settorjali (eż. is-sehem ta' bijofjuwils avvanzati, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-tisħin distrettwali, l-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-bini, l-enerġija ***rinnovabbli prodotta fl-ibliet, il-komunitajiet tal-enerġija u l-awtokonsumaturi***) | vi. Jekk applikabbli, trajettorji u għanijiet nazzjonali oħra, li jinkludu dawk fit-tul jew settorjali (eż. is-sehem ta' bijofjuwils avvanzati, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-tisħin distrettwali, l-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-bini, l-enerġija ***rkuprata mill-ħama miksuba mit-trattament tal-ilma mormi***) |

**Emenda 226**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 2 – punt 2.2 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| i. ***Il-kontribuzzjoni indikattiva tal-effiċjenza enerġetika nazzjonali għall-kisba tal-mira*** vinkolanti ***tal-Unjoni tal-effiċjenza enerġetika ta' 30 %*** fl-2030 kif ***jissemma*** fl-Artikolu 1(1) u fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2012/27/UE [il-verżjoni kif emendata skont il-proposta COM(2016)0761], ***ibbażata fuq il-konsum tal-enerġija primarja jew finali, l-iffrankar tal-enerġija primarja jew finali, jew l-intensità tal-enerġija;*** espressa f'termini ta' livell assolut tal-konsum tal-enerġija primarja u l-konsum tal-enerġija finali fl-2020 u fl-2030, bi trajettorja lineari għal dik ***il-kontribuzzjoni*** mill-2021 ’il quddiem; li tinkludi l-metodoloġija sottostanti u l-fatturi ta' konverżjoni użati | i. ***Il-mira*** vinkolanti ***tal-Istat Membru għall-effiċjenza enerġetika*** fl-2030 kif ***imsemmi*** fl-Artikolu 1(1) u fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2012/27/UE [il-verżjoni kif emendata skont il-proposta COM(2016)0761], espressa f'termini ta' livell assolut tal-konsum tal-enerġija primarja u l-konsum tal-enerġija finali fl-2020 u fl-2030, bi trajettorja lineari għal dik ***il-mira*** mill-2021 ’il quddiem; li tinkludi l-metodoloġija sottostanti u l-fatturi ta' konverżjoni użati |

**Emenda 227**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 2 – punt 2.2 – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ii. Ammont kumulattiv ta' ffrankar tal-enerġija li jrid jinkiseb matul il-perjodu 2021-2030 skont l-Artikolu 7 dwar l-obbligi ta' ffrankar tal-enerġija tad-Direttiva 2012/27/UE [il-verżjoni kif emendata skont il-proposta COM(2016)0761], | ii. Ammont kumulattiv ta' ffrankar tal-enerġija ***addizzjonali*** li jrid jinkiseb matul il-perjodu 2021-2030 ***u perjodi sussegwenti*** skont l-Artikolu 7 dwar l-obbligi ta' ffrankar tal-enerġija tad-Direttiva 2012/27/UE [il-verżjoni kif emendata skont il-proposta COM(2016)0761], |

**Emenda 228**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 2 – punt 2.2 – punt iii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| iii. Għanijiet għal rinnovazzjoni fuq terminu ta' żmien twil tal-istokk nazzjonali ta' bini residenzjali u ***kummerċjali*** (kemm pubbliku kif ukoll privat) | iii. Għanijiet ***għall-2030 u l-2040*** għal rinnovazzjoni fuq terminu ta' żmien twil tal-istokk nazzjonali ta' bini residenzjali u ***mhux residenzjali*** (kemm pubbliku kif ukoll privat)***, skont il-mira tal-2050 ta' stokk ta' bini b'konsum ta' enerġija kważi żero u dekarbonizzat*** |

**Emenda 229**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 2 – punt 2.2 – punt iv**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| iv. L-erja tal-pavimentar totali li jrid jiġi rinnovat jew l-iffrankar ekwivalenti annwali tal-enerġija li jrid jinkiseb mill-2021 sal-2030 skont l-Artikolu 5 dwar ir- | iv. l-erja totali ta' art li trid tiġi rinnovata ***u l-iffrankar tal-enerġija korrispondenti*** jew l-iffrankar ekwivalenti annwali tal-enerġija li jrid jinkiseb mill-2021 sal-2030 |

| | |
|---|---|
| rwol eżemplari tal-bini tal-korpi pubbliċi tad-Direttiva 2012/27/UE, | skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/27/UE dwar ir-rwol eżemplari tal-bini tal-korpi pubbliċi; |

**Emenda 230**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 2 – punt 2.3 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| i. Għanijiet nazzjonali fir-rigward ta' żieda fid-diversifikazzjoni ta' sorsi tal-enerġija u forniment minn pajjiżi terzi, ħażna u rispons għad-domanda | i. Għanijiet nazzjonali fir-rigward ta' żieda fid-diversifikazzjoni ta' sorsi tal-enerġija u forniment minn pajjiżi terzi, ***l-adozzjoni ta' miżuri tal-iffrankar tal-enerġija,*** ħażna u rispons għad-domanda |

**Emenda 231**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 2 – punt 2.3 – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ii. Għanijiet nazzjonali fir-rigward ta' tnaqqis fid-dipendenza ta' importazzjoni tal-enerġija minn pajjiżi terzi | ii. Għanijiet nazzjonali fir-rigward ta' tnaqqis fid-dipendenza ta' importazzjoni tal-enerġija minn ***fjuwils fossili (żejt, faħam u gass) u, jekk ikun applikabbli, fjuwils oħra*** minn pajjiżi terzi |

**Emenda 232**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 2 – punt 2.3 – punt iv**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| iv. Għanijiet nazzjonali fir-rigward ***l-iskjerament ta' sorsi tal-enerġija*** | iv. Għanijiet nazzjonali fir-rigward ***taż-żieda tal-flessibbiltà tas-sistema nazzjonali*** |

| | |
|---|---|
| ***domestika (notevolment enerġija rinnovabbli)*** | ***tal-enerġija*** |

**Emenda 233**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 2 – punt 2.4 – punt 2.4.1 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| i. Il-livell ta' interkonnettività elettrika li l-Istat Membru qed jimmira għalih fl-2030 ***fir-rigward tal-għan tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014.*** | i. Il-livell ta' interkonnettività elettrika li l-Istat Membru qed jimmira għalih fl-2030 ***ta' mill-inqas 15 %, b'kunsiderazzjoni tal-mira għall-interkonnessjoni għall-2020 ta' 10 %;*** |

**Emenda 234**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 2 – punt 2.4 – punt 2.4.2 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| i. Għanijiet nazzjonali ewlenin għall-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-elettriku u tal-gass li huma meħtieġa għall-kisba tal-għanijiet u tal-miri skont kwalunkwe waħda mid-dimensjonijiet ***tal-istrateġija*** tal-Unjoni tal-Enerġija | i. Għanijiet nazzjonali ewlenin għall-infrastruttura tat-trażmissjoni ***u tad-distribuzzjoni*** tal-elettriku u tal-gass ***u l-modernizzazzjoni tagħha*** li huma meħtieġa għall-kisba tal-għanijiet u tal-miri skont kwalunkwe waħda mid-dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija ***mniżżla fil-punt 2*** |

**Emenda 235**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 2 – punt 2.4 – punt 2.4.3 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| i. Għanijiet nazzjonali marbuta ma' | i. Għanijiet nazzjonali marbuta ma' |

| | |
|---|---|
| aspetti oħra tas-suq intern tal-enerġija ***bħall-integrazzjoni tas-suq*** u l-akkoppjament, li jinkludu medda ta' żmien għal meta l-għanijiet għandhom jintlaħqu | aspetti oħra tas-suq intern tal-enerġija ***bħaż-żieda fil-flessibbiltà tas-sistema, l-integrazzjoni*** u l-akkoppjament ***tas-swieq, il-grilji intelliġenti, l-aggregazzjoni, ir-rispons tad-domanda, il-ħażna, il-ġenerazzjoni distribwita, il-mekkaniżmi għad-dispaċċ, id-dispaċċ mill-ġdid u l-limitazzjoni, is-sinjali tal-prezzijiet f'ħin reali***, li jinkludu medda ta' żmien għal meta l-għanijiet għandhom jintlaħqu***;*** |

**Emenda 236**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 2 – punt 2.4 – punt 2.4.3 – punt ia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***ia. Għanijiet nazzjonali relatati mal-parteċipazzjoni mhux diskriminatorja tal-enerġija rinnovabbli, ir-rispons tad-domanda u l-ħażna, inkluż permezz tal-aggregazzjoni, fis-swieq kollha tal-enerġija, inkluż kalendarju ta' żmien meta l-għanijiet jenħtieġ li jkunu sodisfati;*** |

**Emenda 237**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 2 – punt 2.4 – punt 2.4.3 – punt ib (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***ib. Għanijiet nazzjonali li jiżguraw li l-konsumaturi jipparteċipaw fis-sistema tal-enerġija u jibbenefikaw mill-awtoġenerazzjoni u t-teknoloġiji ġodda, inklużi l-arloġġi intelliġenti.*** |

**Emenda 238**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 2 – punt 2.4 – punt 2.4.3 – punt iii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| iii. Għanijiet nazzjonali sabiex jiġu protetti l-konsumaturi tal-enerġija u ***titjib*** il-kompetittività tas-settur tal-enerġija bl-imnut. | iii. Għanijiet nazzjonali sabiex jiġu protetti l-konsumaturi tal-enerġija***, tiżdied it-trasparenza, jitħeġġeġ it-tibdil tal-fornitur*** u ***tittejjeb*** il-kompetittività tas-settur tal-enerġija bl-imnut. |

**Emenda 240**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 2 – punt 2.5 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| i. Għanijiet nazzjonali u miri ta' finanzjament għal riċerka u innovazzjoni ***pubblika*** u ***privata*** marbuta mal-Unjoni tal-Enerġija li jinkludu, jekk jixraq, medda ta' żmien għal meta l-għanijiet għandhom jintlaħqu; li jirriflettu l-prijoritajiet tal-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Pjan SET | i. Għanijiet nazzjonali u miri ta' finanzjament għal ***appoġġ pubbliku*** għal riċerka u innovazzjoni marbuta mal-Unjoni tal-Enerġija ***u l-effett ta' ingranaġġ mistenni tagħha fuq ir-riċerka privata*** li jinkludu, jekk jixraq, medda ta' żmien għal meta l-għanijiet għandhom jintlaħqu; li jirriflettu l-prijoritajiet tal-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Pjan SET |

**Emenda 241**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 2 – punt 2.5 – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ii. ***Jekk jixraq, għanijiet*** nazzjonali ***li jinkludu miri fit-tul (2050) għall-iskjerament ta' teknoloġiji b'użu baxx tal-karbonju, li jinkludu s-setturi industrijali li jiddekarbonizzaw l-enerġija u dawk*** | ii. ***Għanijiet*** nazzjonali ***għall-2050*** marbuta ***mal-promozzjoni tat-teknoloġiji sostenibbli*** |

***intensivi fl-użu tal-karbonju u, jekk applikabbli, għall-infrastruttura*** marbuta ***mat-trasport u mal-ħażna tal-karbonju***

**Emenda 242**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 3 – punt 3.1. – punt 3.1.1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3.1.1 Emissjonijiet u assorbimenti tal-gassijiet serra ***(għall-pjan li jkopri l-perjodu mill-2021 sal-2030, Mira tal-Qafas għall-2030).*** | 3.1.1 Emissjonijiet u assorbimenti tal-gassijiet serra |
| i. Politiki u miżuri għall-kisba tal-mira stabbilita skont ir-Regolament [ ] [ESR] kif ***jissemma*** fi 2.1.1 u politiki u miżuri għall-konformità mar-Regolament [ ] [LULUCF], li jkopru s-setturi kollha ewlenin tal-emissjonijiet u s-setturi li jtejbu l-assorbimenti, bi prospetti għall-viżjoni u għall-għan fit-tul sabiex ***isiru ekonomija b'użu baxx tal-karbonju b'perspettiva ta' 50 sena*** u ***jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet u l-assorbimenti*** b'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi | i. Politiki u miżuri għall-kisba tal-mira stabbilita skont ir-Regolament [ ] [ESR] kif ***imsemmi*** fi 2.1.1 u politiki u miżuri għall-konformità mar-Regolament [ ] [LULUCF]***, u t-trajettorji għaż-żamma u t-tisħiħ tal-assorbimenti tal-karbonju minn bjar kif imsemmi fi 2.1.1***, li jkopru s-setturi kollha ewlenin tal-emissjonijiet u s-setturi li jtejbu l-assorbimenti, bi prospetti għall-viżjoni u għall-għan fit-tul sabiex ***jinkisbu emissjonijiet ta' gassijiet serra nett żero fl-Unjoni sal-2050*** u ***ftit wara jinkisbu emissjonijiet negattivi*** b'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi |
| ii. Kooperazzjoni reġjonali f'dan il-qasam | ii. Kooperazzjoni reġjonali f'dan il-qasam |
| iii. Jekk applikabbli, mingħajr preġudizzju għall-applikabbiltà tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, tal-miżuri ta' finanzjament, li jinkludu l-appoġġ tal-UE u l-użu ta' fondi tal-UE, f'dan il-qasam fil-livell nazzjonali | iii. Jekk applikabbli, mingħajr preġudizzju għall-applikabbiltà tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, tal-miżuri ta' finanzjament, li jinkludu l-appoġġ tal-UE u l-użu ta' fondi tal-UE, f'dan il-qasam fil-livell nazzjonali |

**Emenda 243**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 3 – punt 3.1. – punt 3.1.2 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| i. Politiki u miżuri sabiex tinkiseb ***il-kontribuzzjoni*** nazzjonali ***għall-mira*** vinkolanti ***tal-2030*** fil-livell ***ta' UE*** għall-enerġija rinnovabbli u t-trajettorji kif ippreżentati fi 2.1.2 li jinkludu miżuri settorjali u speċifiċi għat-teknoloġija[6] | i. Politiki u miżuri sabiex tinkiseb ***il-mira*** nazzjonali ***għall-2030 u l-mira*** vinkolanti fil-livell ***tal-UE*** għall-enerġija rinnovabbli u t-trajettorji ***għall-2030*** kif ippreżentati fi 2.1.2 li jinkludu miżuri settorjali u speċifiċi għat-teknoloġija[6] |
| [6.] Meta jkunu qed jippjanaw dawn il-miżuri, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw it-tmiem tal-ħajja ta' installazzjonijiet eżistenti u l-potenzjal għall-forniment tal-enerġija mill-ġdid. | [6.] Meta jkunu qed jippjanaw dawn il-miżuri, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw it-tmiem tal-ħajja ta' installazzjonijiet eżistenti u l-potenzjal għall-forniment tal-enerġija mill-ġdid. |

**Emenda 244**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 3 – punt 3.1 – punt 3.1.2 – punt iii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| iii. Miżuri speċifiċi dwar l-appoġġ finanzjarju, ***li jinkludi*** l-appoġġ tal-UE u l-użu ta' fondi tal-UE, għall-promozzjoni tal-produzzjoni u l-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fl-elettriku, it-tisħin u t-tkessiħ, u t-trasport. | iii. Miżuri ***nazzjonali*** speċifiċi dwar l-appoġġ finanzjarju ***u miżuri fiskali***, ***kif ukoll*** l-appoġġ tal-UE u l-użu ta' fondi tal-UE, għall-promozzjoni tal-produzzjoni u l-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fl-elettriku, it-tisħin u t-tkessiħ, u t-trasport. |

**Emenda 245**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 3 – punt 3.1 – punt 3.1.2 – punt iv**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| iv. Miżuri speċifiċi biex jiġu introdotti one-stop-shop, proċeduri amministrattivi simplifikati, jingħataw informazzjoni u taħriġ***, u tagħti setgħa lill-awtokonsumaturi u l-komunitajiet*** tal-enerġija ***dwar l-enerġija rinnovabbli.*** | iv. Miżuri speċifiċi biex ***jitneħħew spejjeż u ostakoli li huma ta' piż eċċessiv fuq l-użu ta' enerġija rinnovabbli u*** jiġu introdotti one-stop-shop, proċeduri amministrattivi simplifikati, jingħataw informazzjoni u taħriġ***. Impatt mistenni f'termini ta' kapaċità tal-enerġija rinnovabbli ġdida attivata*** |

**Emenda 246**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 3 – punt 3.1 – punt 3.1.2 – punt iva (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***iva. Miżuri speċifiċi li jagħtu d-dritt lill-konsumaturi u li jħeġġuhom isiru awtokonsumaturi tal-enerġija rinnovabbli, b'mod individwali jew kollettiv, u jipproduċu, jaħżnu, jikkunsmaw huma stess u jbigħu l-enerġija rinnovabbli tagħhom, u l-impatt mistenni f'termini ta' kapaċità tal-enerġija rinnovabbli ġdida attivata*** |

**Emenda 247**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 3 – punt 3.1 – punt 3.1.2 – punt vi a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***via. Miżuri oħra ppjanati jew adottati li jippromwovu l-enerġija rinnovabbli,*** |

| | |
|---|---|
| | ***b'mod partikolari, iżda mhux limitati, għal dan li ġej:*** |
| | ***(a) miżuri maħsuba biex jiżguraw li l-amministrazzjonijiet pubbliċi kollha (nazzjonali, reġjonali jew lokali) jintegraw il-konsum tal-enerġija rinnovabbli fl-attivitajiet tagħhom;*** |
| | ***(b) dispożizzjonijiet inklużi fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku maħsuba biex jiggarantixxu li l-amministrazzjonijiet pubbliċi (nazzjonali, reġjonali jew lokali) jinkorporaw kriterji tal-għoti tal-akkwist pubbliku ekoloġiċi għall-iskop li jħeġġu l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli minn entitajiet legali li biħsiebhom jagħmlu kuntratt magħhom, irrispettivament mill-prodott jew is-servizz li għandu jingħata;*** |
| | ***(c) dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-użu ta' enerġiji rinnovabbli bħala rekwiżit għall-għoti ta' kwalunkwe sussidju jew appoġġ pubbliku, meta jkun xieraq.*** |

**Emenda 248**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 3 – punt 3.1 – punt 3.1.3 – punt iv a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***iva. Politiki, skedi ta' żmien u miżuri nazzjonali ppjanati biex ineħħu grdawalment is-sussidji diretti u indiretti tal-fjuwils fossili sal-2020*** |

**Emenda 249**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 3 – punt 3.2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Politiki, miżuri u programmi ppjanati sabiex tinkiseb il-mira ***indikattiva*** għall-effiċjenza enerġetika nazzjonali għall-2030 kif ukoll għanijiet oħra ppreżentati fi 2.2, li jinkludu miżuri u strumenti ppjanati (anke ta' natura finanzjarja) li jippromwovu l-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini, b'mod partikolari fir-rigward ta' dan li ġej: | Politiki, miżuri u programmi ppjanati sabiex tinkiseb il-mira ***vinkolanti*** għall-effiċjenza enerġetika nazzjonali għall-2030 kif ukoll għanijiet oħra ppreżentati fi 2.2, li jinkludu miżuri u strumenti ppjanati (anke ta' natura finanzjarja) li jippromwovu l-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini, b'mod partikolari fir-rigward ta' dan li ġej: |

**Emenda 250**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 3 – punt 3.2 – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ii. Strateġija fit-tul għar-rinnovazzjoni tal-istokk nazzjonali tal-bini residenzjali u ***kummerċjali*** (kemm pubbliku kif ukoll privat)[7] li ***jinkludu*** politiki ***u*** miżuri biex jistimulaw rinnovazzjonijiet profondi ta' nfiq effettiv u fi stadji profondi**.** | ii. Strateġija fit-tul għar-rinnovazzjoni tal-istokk nazzjonali tal-bini residenzjali u ***mhux residenzjali*** (kemm pubbliku kif ukoll privat)[7] li ***tinkludi*** politiki ***tal-effiċjenza enerġetika/l-iffrankar tal-enerġija,*** miżuri ***u azzjonijiet*** biex jistimulaw rinnovazzjonijiet profondi ta' nfiq effettiv u fi stadji profondi ***kif ukoll dawk li jimmiraw l-istokk tal-bini li hu l-anqas effiċjenti u l-unitajiet domestiċi li jinsabu fil-faqar enerġetiku*** |
| __________________ | __________________ |
| 7. B'konformità mal-Artikolu 2a tad-Direttiva 2010/31/UE [il-verżjoni kif emendata skont il-proposta COM(2016)0765]. | 7. B'konformità mal-Artikolu 2a tad-Direttiva 2010/31/UE [il-verżjoni kif emendata skont il-proposta COM(2016)0765]. |

**Emenda 251**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 3 – punt 3.2 – punt iv**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| iv. Politiki, miżuri u programmi oħra ppjanati biex jilħqu l-mira ***indikattiva*** tal-effiċjenza enerġetika nazzjonali għall-2030 kif ukoll għanijiet oħra ppreżentati fi 2.2 (pereżempju miżuri biex jippromwovu r-rwol eżemplari tal-bini pubbliku u l-akkwist pubbliku effiċjenti tal-enerġija, miżuri li jippromwovu verifiki tal-enerġija u sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija[9], informazzjoni għall-konsumatur u miżuri ta' taħriġ[10], u miżuri oħra li jippromwovu l-effiċjenza enerġetika[11] | iv. Politiki, miżuri u programmi oħra ppjanati biex jilħqu l-mira ***vinkolanti*** tal-effiċjenza enerġetika nazzjonali għall-2030 kif ukoll għanijiet oħra ppreżentati fi 2.2 (pereżempju miżuri biex jippromwovu r-rwol eżemplari tal-bini pubbliku u l-akkwist pubbliku effiċjenti tal-enerġija, miżuri li jippromwovu verifiki tal-enerġija u sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija[9], informazzjoni għall-konsumatur u miżuri ta' taħriġ[10], u miżuri oħra li jippromwovu l-effiċjenza enerġetika[11] |
| ___________________ | ___________________ |
| [9.] B'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2012/27/UE. | [9.] B'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2012/27/UE. |
| [10.] B'konformità mal-Artikoli 12 u 17 tad-Direttiva 2012/27/UE | [10.] B'konformità mal-Artikoli 12 u 17 tad-Direttiva 2012/27/UE |
| [11.] B'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2012/27/UE. | [11.] B'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2012/27/UE. |

**Emenda 252**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 3 – punt 3.2 – punt iva (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***iva. Deskrizzjoni tal-politiki u l-miżuri li jippromwovu r-rwol tal-komunitajiet tal-enerġija lokali fil-kontribuzzjoni għall-implimentazzjoni tal-politiki u l-miżuri fil-punti i, ii, iii u iv*** |

**Emenda 253**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 3 – punt 3.4 – punt 3.4.3 – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ii. Miżuri li jżidu l-flessibilità tas-sistema tal-enerġija fir-rigward tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, li jinkludi t-tnedija tal-akkoppjament tas-suq matul il-jum u l-ibbilanċjar tas-swieq transkonfinali | ii. Miżuri li jżidu l-flessibilità tas-sistema tal-enerġija fir-rigward tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, li jinkludi t-tnedija tal-akkoppjament tas-suq matul il-jum u l-ibbilanċjar tas-swieq transkonfinali***, l-użu ta' grilji intelliġenti u ħażna, it-tkabbir tar-rispons tad-domanda u l-ġenerazzjoni distribwita kif ukoll l-aġġustament tal-formazzjoni tal-prezzijiet, inkluż permezz ta' sinjali tal-prezzijiet f'ħin reali*** |

**Emenda 254**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 3 – punt 3.4 – punt 3.4.3 – punt iia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***iia. Miżuri biex jiżguraw il-parteċipazzjoni mhux diskriminatorja tal-enerġija rinnovabbli, ir-rispons tad-domanda u l-ħażna, inkluż permezz tal-aggregazzjoni, fis-swieq kollha tal-enerġija*** |

**Emenda 255**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 3 – punt 3.4 – punt 3.4.3 – punt iii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| iii. Miżuri ***li jiżguraw aċċess ta' prijorità u d-dispaċċ tal-elettriku prodott*** | iii. Miżuri ***relatati mal-adattament tar-regoli u l-prattiki operazzjonali tas-*** |

| | |
|---|---|
| ***minn sorsi*** tal-enerġija rinnovabbli ***jew koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u*** li ***jevitaw it-tnaqqis jew*** id-dispaċċ mill-ġdid ***ta' dan l-elettriku***[18] | ***sistema biex tittejjeb il-flessibbiltà tas-sistema; miżuri relatati mal-użu tar-regoli tad-dispaċċ li jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri nazzjonali tal-enerġija rinnovabbli u tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra; miżuri relatati mal-użu ta' regoli li jimminimizzaw u jikkumpensaw id-dispaċċ mill-ġdid u t-tnaqqis tal-enerġija rinnovabbli; miżuri biex javvanżaw l-aggregazzjoni***[18] |
| 18. B'konformità ma' [riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/72/KE kif propost minn COM(2016)0864 u riformulazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 714/2009 kif propost minn COM(2016)0861] | 18. B'konformità ma' [riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/72/KE kif propost minn COM(2016)0864 u riformulazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 714/2009 kif propost minn COM(2016)0861] |

**Emenda 256**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima A – paragrafu 3 – punt 3 – punt 3.5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3.5a. Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel"*** |
| | ***Deskrizzjoni ta' kif id-dimensjonijiet u l-politiki u l-miżuri qed iqisu l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel"*** |

**Emenda 257**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima B – paragrafu 4 – punt 4.4 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| i. Taħlita tal-enerġija attwali, riżorsi tal-enerġija domestika, dipendenza fuq l-importazzjoni, li jinkludu riskji rilevanti | i. Taħlita tal-enerġija attwali, riżorsi tal-enerġija domestika, ***inkluż ir-rispons tad-domanda,*** dipendenza fuq l-importazzjoni, li jinkludu riskji rilevanti |

**Emenda 258**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima B – paragrafu 4 – punt 4.6 – punt iiia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***iiia. Livell attwali tas-sussidji nazzjonali favur il-fjuwils fossili*** |

**Emenda 259**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima B – paragrafu 4 – punt 4.6 – punt iv**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| iv. Projezzjonijiet ta' żviluppi f'i. sa ***iii***. b'politiki u miżuri eżistenti tal-anqas sal-2040 (li jinkludu għas-sena 2030) | iv. Projezzjonijiet ta' żviluppi f'i. sa ***iiia***. b'politiki u miżuri eżistenti tal-anqas sal-2040 (li jinkludu għas-sena 2030) |

**Emenda 260**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima B – paragrafu 4 – punt 3 – punt 4.6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4.6a. Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel"*** <br> ***Deskrizzjoni ta' kif id-dimensjonijiet u l-politiki u l-miżuri qed iqisu l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel"*** |

**Emenda 261**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima B – paragrafu 5 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. VALUTAZZJONI TAL-IMPATT TA' POLITIKI U MIŻURI PPJANATI[29] | 5. VALUTAZZJONI TAL-IMPATT TA' POLITIKI U MIŻURI PPJANATI ***U STRATEĠIJI TA' INVESTIMENT***[29] |
| [29] Il-politiki u l-miżuri ppjanati huma għażliet li jridu jiġu diskussi u li għandhom ċans realistiku li jiġu adottati u implimentati wara d-data ta' sottomissjoni tal-pjan nazzjonali. Għalhekk il-projezzjonijiet li jirriżultaw skont taqsima 5.1.i għandhom jinkludu mhux biss il-politiki u l-miżuri implimentati u adottati (projezzjonijiet b'politiki u miżuri eżistenti), imma wkoll politiki u miżuri ppjanati. | [29] Il-politiki u l-miżuri ppjanati huma għażliet li jridu jiġu diskussi u li għandhom ċans realistiku li jiġu adottati u implimentati wara d-data ta' sottomissjoni tal-pjan nazzjonali. Għalhekk il-projezzjonijiet li jirriżultaw skont taqsima 5.1.i għandhom jinkludu mhux biss il-politiki u l-miżuri implimentati u adottati (projezzjonijiet b'politiki u miżuri eżistenti), imma wkoll politiki u miżuri ppjanati. |

**Emenda 262**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima B – paragrafu 5 – punt 5.1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5.1. Impatti ta' politiki u miżuri ppjanati deskritti fit-taqsima 3 dwar is-sistema tal-enerġija u l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra li jinkludu tqabbil tal-projezzjonijiet ma' politiki u miżuri eżistenti (kif deskritti fit-taqsima 4). | 5.1. Impatti ta' politiki**,** miżuri u ***strateġiji ta' investiment*** ppjanati deskritti fit-taqsima 3 dwar is-sistema tal-enerġija u l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra li jinkludu tqabbil tal-projezzjonijiet ma' politiki u miżuri eżistenti (kif deskritti fit-taqsima 4). |

**Emenda 263**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima B – paragrafu 5 – punt 5.1 – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ii. Valutazzjoni ta' interazzjonijiet tal-politika (bejn politiki u miżuri eżistenti u ppjanati fi ħdan dimensjoni politika u bejn politiki u miżuri eżistenti u ppjanati ta' dimensjonijiet differenti) tal-anqas sal-aħħar sena tal-perjodu kopert mill-pjan | ii. Valutazzjoni ta' interazzjonijiet tal-politika (bejn politiki u miżuri eżistenti u ppjanati fi ħdan dimensjoni politika u bejn politiki u miżuri eżistenti u ppjanati ta' dimensjonijiet differenti) tal-anqas sal-aħħar sena tal-perjodu kopert mill-pjan***, b'mod partikolari biex jiġi stabbilit fehim tajjeb tal-impatt tal-effiċjenza enerġetika / politiki dwar l-iffrankar tal-enerġija dwar id-daqs tas-sistema tal-enerġija u biex jitnaqqas ir-riskju tal-investimenti li marru ħażin fil-provvista tal-enerġija.*** |

**Emenda 264**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima B – paragrafu 5 – punt 5.1 – punt iia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***iia. Valutazzjoni tal-interazzjonijiet bejn politiki u miżuri nazzjonali eżistenti u dawk ippjanati, u miżuri tal-Unjoni fil-qasam tal-politika klimatika u enerġetika.*** |

**Emenda 265**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima B – paragrafu 5 – punt 5.2.a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***5.2.a Saħħa u benesseri*** |
| | ***i. Implikazzjonijiet fuq il-kwalità tal-arja u effetti fuq is-saħħa relatati*** |
| | ***ii. Impatti oħra fuq is-saħħa u l-benesseri (pereżempju, tniġġis tal-ilma, tniġġis akustiku jew tniġġis ieħor, iż-żieda tal-ispostamenti bil-mixi u ċ-ċikliżmu, tibdil fl-ivvjaġar ta' kuljum jew fi trasport*** |

***ieħor eċċ.)***

**Emenda 266**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima B – paragrafu 5 – punt 5.2.b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5.2.b L-impatti ambjentali*** |
| | ***i. Dettalji ta' kull valutazzjoni ambjentali strateġika jew ta' kull valutazzjoni tal-impatt ambjentali relatati mal-istrateġija jew il-pjanijiet nazzjonali*** |
| | ***ii. Aspetti relatati mal-ilma, pereżempju d-domanda jew l-estrazzjoni tal-ilma (b'kunsiderazzjoni tat-tibdil tal-klima futur potenzjali), l-impatti fuq l-ilma jew ħabitats tal-baħar tal-idroenerġija jew tal-enerġija mill-marea eċċ.*** |
| | ***iii. Impatti ambjentali (u klimatiċi) ta' kull mobilizzazzjoni miżjuda tal-użu tal-bijoenerġija (bijofjuwils ibbażati fuq l-għelejjel, bijomassa forestali eċċ.) u r-relazzjoni mal-istrateġija għall-assorbimenti għas-settur tal-użu tal-art*** |

**Emenda 267**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti 1 – taqsima B – paragrafu 5 – punt 5.2.c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5.2.c Impatti fuq l-investiment*** |
| | ***i. flussi tal-investiment eżistenti;*** |
| | ***ii. suppożizzjonijiet tal-investiment futuri marbuta ma' kull politika u miżura ppjanata, inkluż il-profil tar-riskju tal-*** |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***politiki u l-miżuri ppjanati;*** |
| | ***iii. fatturi tar-riskji tas-settur jew tas-suq jew ostakoli fil-kuntest nazzjonali (jew makroreġjonali);*** |
| | ***iv. analiżi tal-appoġġ finanzjarju pubbliku addizzjonali jew riżorsi sabiex jimtlew il-lakuni identifikati taħt (iii);*** |
| | ***v. valutazzjoni kwalitattiva tal-fiduċja tal-investitur, inkluża l-viżabbiltà ta' proġett ippjanat u l-vijabbiltà jew l-attrattività tal-opportunitajiet ta' investiment;*** |
| | ***vi. rieżami tas-sena preċedenti rigward suppożizzjonijiet, viżjoni 'l quddiem inklużi fatturi sostantivi li jiffaċċjaw l-investituri.*** |

**Emenda 294/rev**

**Proposta għal regolament**
**Anness Ia (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Anness Ia*** |
| | ***TRAJETTORJI NAZZJONALI GĦAS-SEHEM TA' ENERĠIJA MINN SORSI RINNOVABBLI FIL-KONSUM FINALI GROSS TA' ENERĠIJA BEJN L-2020 U L-2030*** |
| | ***It-trajettorja msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(a)(2) għandha tikkonsisti mill-punti ta' referenza li ġejjin:*** |
| | ***S2020 + 0,20 (S2030 – S2020), bħala medja għall-perjodu mill-2021 sal-2022;*** |
| | ***S2020 + 0,45 (S2030 – S2020), bħala medja għall-perijodu mill-2023 sal-2025; kif ukoll*** |
| | ***S2020 + 0,70 (S2030 – S2020), bħala medja għall-perijodu mill-2025 sal-2027;*** |

| | |
|---|---|
| | ***fejn:*** |
| | ***S2020 = il-mira għal dak l-Istat Membru fl-2020 skont l-Artikolu 3 u l-Anness I - parti A tad-Direttiva .../... [riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/28/KE kif proposta minn COM(2016)767]*** |
| | ***kif ukoll*** |
| | ***S2030 = il-mira għal dak l-Istat Membru fl-2030.*** |

**Emenda 270**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) volum ta' bejgħ tal-enerġija użat fit-trasport eskluż mill-kalkolu [f'ktoe]; | (b) volum ta' bejgħ tal-enerġija użat fit-trasport eskluż mill-kalkolu***, jekk hemm*** [f'ktoe]; |

**Emenda 271**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) kwantità tal-enerġija ġġenerata għall- | (c) kwantità tal-enerġija ġġenerata għall- |

| | |
|---|---|
| użu proprju eskluża mill-kalkolu [f'ktoe]; | użu proprju eskluża mill-kalkolu***, jekk hemm*** [f'ktoe]; |

**Emenda 272**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – paragrafu 1 – punt f – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) ***applikazzjoni tal-eżenzjonijiet (b), (c), (d) u (e) imsemmija fl-Artikolu 7(2) u (3) tad-Direttiva 2012/27/UE:*** | (f) ***volumi ta' bejgħ tal-enerġija jew ammont ta' ffrankar tal-enerġija (f'Ktoe) li huma eżentati skont l-Artikolu 7(2) u (3) tad-Direttiva 2012/27/UE:*** |

**Emenda 274**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – paragrafu 1 – punt f – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(ii) ammont tal-enerġija ffrankata [f'ktoe] miksub fis-setturi ta' trasformazzjoni, distribuzzjoni u trażmissjoni tal-enerġija b'konformità mal-punt (c),*** | ***imħassar*** |

**Emenda 275**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – paragrafu 1 – punt f – punt iii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(iii) ammont tal-enerġija ffrankata [f'ktoe] li jirriżulta minn azzjonijiet individwali li ġew implimentati ġodda sa mill-31 ta' Diċembru 2008 li jibqgħu*** | ***imħassar*** |

***jkollhom impatt fl-2020 u lil hinn u b'konformità mal-punt (d);***

**Emenda 276**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – paragrafu 1 – punt f – punt iv**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(iv) ammont tal-enerġija ġġenerata fuq bini jew fih għall-użu proprju bħala riżultat ta' miżuri ta' politika li jippromwovu installazzjoni ġdida ta' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli b'konformità mal-punt (e) [f'ktoe];*** | ***imħassar*** |

**Emenda 277**

**Proposta għal regolament**
**Anness IIa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Anness IIa*** |
| | ***QAFAS ĠENERALI GĦALL-ISTRATEĠIJI FIT-TUL DWAR IL-KLIMA U L-ENERĠIJA*** |
| | ***1. KUNTEST U PROĊESS GĦALL-IŻVILUPP TAL-ISTRATEĠIJI*** |
| | ***1.1. Sommarju Eżekuttiv*** |
| | ***1.2. Kuntest*** |
| | ***1.2.1. Kuntest nazzjonali, tal-UE u internazzjonali għall-istrateġiji fit-tul*** |
| | ***1.2.2. Kuntest ġuridiku*** |
| | ***1.3. Konsultazzjonijiet*** |
| | ***1.3.1. Konsultazzjonijiet mal-pubbliku u l-partijiet ikkonċernati (parlament nazzjonali, partijiet ikkonċernati lokali,*** |

*reġjonali, pubbliċi u oħrajn rilevanti)*

*1.3.2. Konsultazzjonijiet ma' Stati Membri oħra, pajjiżi terzi u istituzzjonijiet tal-UE*

*2. STRATEĠIJI NAZZJONALI FIT-TUL DWAR IL-KLIMA U L-ENERĠIJA*

*2.1. IT-TNAQQIS TOTALI TAL-EMISSJONIJIET TAL-GASSIJIET SERRA U T-TITJIB TAL-ASSORBIMENTI MINN BJAR*

*2.1.1. Baġit tal-karbonju sal-2100 konsistenti mal-Ftehim ta' Pariġi*

*2.1.2. Trajettorja għal triq kosteffettiva għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra nett żero - sal-2050 u emissjonijiet negattivi malajr wara*

*2.1.3. Mira nazzjonali għall-2030 u stadji importanti għal mill-inqas 2040 u 2050 allinjati mat-trajettorja msemmija f'2.1.2.*

*2.1.4. Id-dimensjoni internazzjonali*

*2.1.5. Għanijiet ta' adattament fit-tul*

*2.2. ENERĠIJI RINNOVABBLI*

*2.2.1. Trajettorja għall-kisba ta' sistema tal-enerġija bbażata fuq sorsi tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum gross finali tal-enerġija - sal-2050*

*2.2.2. Mira nazzjonali għas-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum gross finali tal-enerġija fl-2030 u l-istadji importanti għal mill-inqas 2035, 2040, 2045 allinjati mat-trajettorja msemmija fi 2.2.2.*

*2.3. L-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA*

*2.3.1. Trajettorja għall-ilħuq tal-ekonomija bbażata fuq l-enerġija l-aktar effiċjenti sal-2050 f'konformità mal-miri msemmija fi 2.1.2 u 2.2.1*

*2.3.2. Mira nazzjonali tal-effiċjenza enerġetika espressa f'termini ta' livell assolut ta' konsum ta' enerġija primarja u konsum tal-enerġija finali fl-2030 u l-istadji importanti għal mill-inqas 2035, 2040, 2045*

*3. STRATEĠIJI SETTORJALI*

*3.1. Is-sistema tal-enerġija*

*3.1.1. Domanda futura probabbli, skont il-portatur tal-enerġija*

*3.1.2. Kapaċità ta' ġenerazzjoni futura probabbli, inkuża l-ħażna ċentralizzata u distribwita, skont it-teknoloġija*

*3.1.3. Trajettorja jew firxa tal-emissjonijiet maħsuba jew futura probabbli*

*3.1.4. Deskrizzjoni ta' motivaturi ewlenin tal-effiċjenza enerġetika, il-flessibbiltà tad-domanda u l-konsum tal-enerġija u l-evoluzzjoni tagħhom mill-2021 u lil hinn*

*3.1.5. Deskrizzjoni tal-politiki u l-miżuri maħsuba biex tinkiseb sistema tal-enerġija bbażata fuq sorsi tal-enerġija rinnovabbli msemmija f'2.2.1 fil-konsum gross finali tal-enerġija u l-ekonomija bbażata fuq l-enerġija l-aktar effiċjenti u flessibbli sal-2050, inklużi trajettorji skont it-teknoloġija*

*3.2. Industrija*

*3.2.1. Trajettorji tal-emissjonijiet mistennija skont is-settur u s-sorsi tal-provvista tal-enerġija*

*3.2.2. Għażliet jew approċċi ta' politika tad-dekarbonizzazzjoni u kwalunkwe mira, pjan jew strateġija eżistenti, inklużi l-elettrifikazzjoni, fjuwils alternattivi, miżuri tal-effiċjenza enerġetika eċċ*

*3.3. Bini*

*3.3.1. Id-domanda tal-enerġija attwali fil-bini, differenzjata skont il-kategorija tal-bini, inkluż bini kummerċjali, residenzjali u pubbliku*

*3.3.2. Sorsi tal-provvista tal-enerġija futuri*

*3.3.3. Potenzjal għat-tnaqqis tad-domanda tal-enerġija permezz tar-rinovazzjoni ta' bini eżistenti u benefiċċji soċjetali, ekonomiċi u ambjentali relatati*

*3.3.4. Miżuri ta' politika biex jistimulaw rinnovazzjonijiet tal-istokk tal-bini eżistenti*

*3.4. Trasport*

***3.4.1. Emissjonijiet u sorsi tal-enerġija mistennija skont it-tip ta' trasport (pereżempju karozzi u vannijiet, trasport b'vetturi tqal, trasport bil-baħar, avjazzjoni, ferrovija)***

***3.4.2. Għażliet jew approċċi ta' politika tad-dekarbonizzazzjoni***

*3.5. Agrikoltura u użu tal-art, bidla fl-użu tal-art u forestrija (LULUCF)*

***3.5.1. Emissjonijiet attwali skont is-sorsi kollha u skont il-gassijiet serra individwali***

***3.5.2. Għażliet u miżuri politiċi tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għaż-żamma u t-tisħiħ tal-bjar inklużi miri jew għanijiet nazzjonali***

***3.5.3. Rabtiet mal-politiki fil-qasam tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali***

*3.6. Elementi strateġiċi transettorjali u setturi rilevanti oħra*

*4. FINANZJAMENT*

*4.1. Stimi ta' investiment meħtieġa*

*4.2. Politiki u miżuri relatati mal-użu tal-finanzjament pubbliku u l-inċentivar tal-investiment privat*

*4.3. Strateġiji għal riċerka, żvilupp u innovazzjoni relatati*

*5. BAŻI ANALITIKA U IMPATTI SOĊJOEKONOMIĊI*

*5.1. Mudellar, xenarji jew analiżi fil-livell mnissla fl-iżvilupp tal-istrateġija*

*5.2. Kompetittività u impatti ekonomiċi*

*5.3. Saħħa, ambjent u impatti soċjali*

*5.4. Strateġija biex tiġi żgurata reżiljenza fit-tul tas-setturi fit-taqsima 3*

*6. Annessi (jekk ikun neċessarju)*

*6.1. Analiżi ta' appoġġ*

***6.1.1. Dettalji ta' kull mudellar tal-2050 (inklużi l-preżunzjonijiet) u/jew anlaliżi kwantitattiva oħra, indikaturi eċċ.***

| | |
|---|---|
| | *6.1.2. Tabelli tad-data jew annessi tekniċi oħra* |
| | *6.2. Sorsi oħra* |

**Emenda 278**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – parti 1 – punt n**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (n) informazzjoni dwar l-intenzjonijiet tal-Istat Membru biex jagħmel użu tal-flessibiltajiet msemmija fl-Artikolu 5(4) u (5) tar-Regolament [ ] [ESR]. | (n) informazzjoni dwar l-intenzjonijiet tal-Istat Membru biex jagħmel użu tal-flessibiltajiet msemmija fl-Artikolu 5(4) u (5***), 7, u l-użu tad-dħul skont l-Artikolu 5(5a***) tar-Regolament [ ] [ESR]. |

**Emenda 279**

**Proposta għal regolament**
**Anness VII – parti 1 – punt m – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) Bijomassa primarja mill-foresta użata direttament għall-produzzjoni tal-enerġija | (a) Bijomassa primarja mill-foresta użata direttament għall-produzzjoni tal-enerġija ***jew għall-produzzjoni ta' fjuwil abbażi ta' injam proċessat*** |

**Emenda 280**

**Proposta għal regolament**
**Anness VII – parti 1 – paragrafu m – punt 1 – punt a – punt iii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iii) Injam tond (maqsum f'injam tond industrijali u injam għall-fjuwil) | (iii) Injam tond (maqsum f'injam tond industrijali***, qtugħ li jnaqqas l-ammont ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***siġar prekummerċjali*** u injam għall-fjuwil) |

**Emenda 281**

**Proposta għal regolament**
**Anness VII – parti 1 – punt m – punt 2 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) Demel*** |

**Emenda 282**

**Proposta għal regolament**
**Anness VII – parti 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***iffrankar*** tal-enerġija miksub permezz tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2012/27/UE [il-verżjoni kif emendata skont il-proposta COM(2016)0761] fis-snin X-3 u X-2; | (b) ***l-ammont kumulattiv ta' ffrankar*** tal-enerġija miksub permezz tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2012/27/UE [il-verżjoni kif emendata skont il-proposta COM(2016)0761] fis-snin X-3 u X-2***, kif ukoll:*** |
| | ***(i) l-ammont ta' kull iffrankar li nkiseb minn kull politika, miżura u azzjoni individwali*** |
| | ***(ii) spjegazzjoni dwar kif u fuq liema bażi d-data ta' dan l-iffrankar ġiet stmata*** |
| | ***(iii) spjegazzjoni dwar jekk l-Istat Membru kienx fit-triq it-tajba biex jikseb l-ammont totali ta' ffrankar rikjest sat-tmiem il-perjodu deskritt fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2012/27/EU [kif emendata mill-proposta COM(2016)0761]. Jekk l-Istat Membru jkun fit-triq it-tajba, għandu jipprovdi spjegazzjoni ulterjuri dwar l-azzjonijiet korrettivi li biħsiebu jieħu biex iwettaq l-iffrankar*** |
| | ***(iv) f'każ li l-miżuri inklużi fir-rapport ta' progress jiddevjaw mill-miżuri inklużi*** |

***fin-notifika tal-Istat Membru, ġustifikazzjoni;***

**Emenda 283**

**Proposta għal regolament**
**Anness VIII – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-impatt fuq il-produzzjoni u l-użu ta' bijomassa fuq is-sostenibbiltà fl-Unjoni u fil-pajjiżi terzi, li jinkludu impatti fuq il-bijodiversità; | (b) l-impatt fuq il-produzzjoni u l-użu ta' bijomassa fuq is-sostenibbiltà fl-Unjoni u fil-pajjiżi terzi, li jinkludu impatti fuq il-bijodiversità***, il-kwalità tal-ilma u l-arja u d-drittijiet ta' użu tal-art, b'kunsiderazzjoni tal-prinċipji tal-ġerarkija tal-iskart stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE***; |

**Emenda 284**

**Proposta għal regolament**
**Anness VIII – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) fir-rigward kemm ta' pajjiżi terzi kif ukoll Stati Membri li huma sors ***sinifikanti*** ta' bijofjuwils, bijolikwidi u fjuwils tal-bijomassa kkonsmati fl-Unjoni, dwar miżuri nazzjonali meħuda biex jirrispettaw l-kriterji ta' sostenibbiltà u l-kritetji ta' ffrankar ta' gassijiet serra stabbilit fl-Artikolu 26, il-paragrafi 2 sa 7, ta' [riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/28/KE kif propost minn COM(2016)0767], għall-protezzjoni tal-ħamrija, l-ilma u l-arja. | (f) fir-rigward kemm ta' pajjiżi terzi kif ukoll Stati Membri li huma sors ta' bijofjuwils, bijolikwidi u fjuwils tal-bijomassa kkonsmati fl-Unjoni ***kif ukoll materja prima għalihom***, dwar miżuri nazzjonali meħuda biex jirrispettaw l-kriterji ta' sostenibbiltà u l-kriterji ta' ffrankar ta' gassijiet serra stabbilit fl-Artikolu 26, il-paragrafi 2 sa 7, ta' [riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/28/KE kif propost minn COM(2016)0767], għall-protezzjoni tal-ħamrija, l-ilma u l-arja. |

**Emenda 285**

**Proposta għal regolament**
**Anness VIII – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) evalwazzjoni tal-effettività tal-kriterji ta' sostenibbiltà tal-bijoenerġija kif deskritti fid-Direttiva (UE) .../... [Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli] fl-għoti ta' ffrankar ta' gassijiet serra, protezzjoni tal-bjar ta' karbonju, bijodiversità, sigurtà tal-ikel u drittijiet tal-bnedmin.*** |